Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0212(COD)

03.11.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali
(COM(2023)0369 – C9-0219/2023 – 2023/0212(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Fernando Navarrete Rojas

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-***tipa korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 172

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali
(COM(2023)0369 – C9-0219/2023 – 2023/0212(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0369),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0219/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Ottubru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

[1] ĠU C 2024/669, 12.1.2024.
[2] ĠU C ...

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut***[20]*** ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. ***Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju*** diġitali ***aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta'*** euro diġitali ***sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021***.	(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. ***Minn dak iż-żmien, id-dibattitu tal-politika, ix-xenarju tas-suq tal-pagamenti*** diġitali ***u l-ħidma teknika evolvew b'mod sinifikanti.*** Euro diġitali ***jenħtieġ li jiġi vvalutat kontra problemi definiti b'mod ċar u mqabbel mal-aħjar alternattivi disponibbli fis-suq, f'konformità ma' testijiet tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-opportunità/kost***.
[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)	[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)
[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)	[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)
[22] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf	[22] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Bank Ċentrali Ewropew ippubblika r-"Report on a digital euro"***[23]*** tiegħu. Ir-rapport ifforma l-bażi għat-tiftix ta' fehmiet dwar il-benefiċċji u l-isfidi tal-ħruġ ta' euro diġitali u dwar it-tfassil possibbli tiegħu.	(2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Bank Ċentrali Ewropew ippubblika r-"Report on a digital euro" tiegħu. Ir-rapport ifforma l-bażi għat-tiftix ta' fehmiet dwar il-benefiċċji u l-isfidi tal-ħruġ ta' euro diġitali u dwar it-tfassil possibbli tiegħu***, inklużi l-forom diġitali online kif ukoll offline***. ***Minn dak iż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew mexa għal fażi ta' preparazzjoni, li bdiet fl-1 ta' Novembru 2023, u ffukat fuq it-tfassil tal-ġabra ta' regoli, l-għażla tal-fornitur, l-ittestjar u l-esperimentazzjoni. Analiżijiet sussegwenti u l-esperjenza internazzjonali jindikaw li ekonomiji avvanzati maġġuri ma kkommettewx għall-munita diġitali tal-bank ċentrali (CBDC) bl-imnut, iżda pjuttost għall-proġetti ta' munita diġitali tal-bank ċentrali bl-ingrossa.***
[23] Il-Bank Ċentrali Ewropew, Report on a digital euro, Ottubru 2020.	[23] Il-Bank Ċentrali Ewropew, Report on a digital euro, Ottubru 2020.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online. Illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali	***imħassar***

jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi dejjem akbar għall-ekonomija tal-Unjoni u s-sovranità strateġika tal-Unjoni, l-infrastruttura tal-pagamenti tal-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li tnaqqas id-dipendenza fuq fornituri mhux Ewropej u tiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji jkollhom opzjonijiet siguri, effiċjenti u aċċessibbli biex jagħmlu l-pagamenti ta' kuljum tagħhom. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija dwar il-Pagamenti bl-Imnut għall-UE tal-24 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tal-promozzjoni ta'

soluzzjonijiet ta' pagamenti pan-Ewropej kompetittivi ta' oriġini Ewropea, sabiex jgħinu fil-konsolidazzjoni tas-sovranità ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni u jnaqqsu l-frammentazzjoni tas-suq.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) L-introduzzjoni ta' euro diġitali offline toffri soluzzjoni doppja: tnaqqas id-dipendenza żejda fuq fornituri mhux Ewropej billi ssir mezz pan-Ewropew ta' pagament u ġġib il-munita unika fl-era diġitali billi tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni l-opzjoni li jħallsu bil-bażi monetarja fit-tranżazzjonijiet diġitali ta' kuljum tagħhom. Kif previst f'dan ir-Regolament, in-nuqqas ta' infrastruttura ċentrali għas-saldu ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali offline tagħmlu favur il-privatezza b'mod inerenti, ladarba dawn il-pagamenti jeħtieġ li ma jiġux mgħoddija minn jew irreġistrati fuq infrastruttura ċentrali. Barra minn hekk, billi jirreplika karatteristiċi simili għall-flus kontanti, bħall-istil tal-portatur jew in-nuqqas ta' kontijiet tal-euro diġitali, l-euro diġitali offline inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti t-tisħiħ tal-interoperabbiltà u tan-newtralità kompetittiva aktar milli jisposta soluzzjonijiet tas-suq diġà effiċjenti.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) L-inizjattivi eżistenti ta' pagamenti privati bl-imnut Ewropej f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri hija adottata b'mod wiesgħa fis-swieq nazzjonali tagħhom u tissodisfa parti kbira mill-ħtiġijiet kurrenti għall-ekonomija tal-Unjoni u s-sovranità strateġika tal-Unjoni, mingħajr ma toħloq riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Huwa ta' importanza kbira li dawn l-inizjattivi jissaħħu biex isiru ta' ambitu pan-Ewropew.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex ***tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, jenħtieġ li l-euro*** diġitali ***jappoġġa*** varjetà ta' każijiet ta' użu ta' pagamenti bl-imnut. Dawk il-każijiet ta' użu jinkludu pagamenti minn persuna għal persuna, minn persuna għal negozju, minn persuna għal gvern, minn negozju għal persuna, minn negozju għal negozju, minn negozju għal gvern, minn gvern għal persuna, minn gvern għal negozju***, u*** minn gvern għal gvern. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun jista' jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet futuri ta' pagamenti, u b'mod partikolari l-pagament bejn magna u oħra fil-kuntest ta' Industry 4.0 u l-pagamenti fl-internet deċentralizzat (web3). Jenħtieġ li l-euro***	(4) Sabiex ***jiġu indirizzati l-isfidi li s-suq tal-pagamenti tal-Unjoni qed jiffaċċja bħalissa, is-soluzzjonijiet l-imnut tal-pagamenti*** diġitali ***Ewropej jenħtieġ li jindirizzaw*** varjetà ta' każijiet ta' użu ta' pagamenti bl-imnut ***abbażi ta' talbiet, ħtiġijiet, drawwiet u preferenzi tal-konsumaturi***. Dawk il-każijiet ta' użu ***jistgħu*** jinkludu ***varjetà bħal*** pagamenti minn persuna għal persuna, minn persuna għal negozju, minn persuna għal gvern, minn negozju għal persuna, minn negozju għal negozju, minn negozju għal gvern, minn gvern għal persuna, minn gvern għal negozju***jew*** minn gvern għal gvern.

diġitali ma jipprovdix għal pagamenti bejn intermedjarji finanzjarji, fornituri ta' servizzi ta' pagament u parteċipanti oħrajn fis-suq (jiġifieri pagamenti bl-ingrossa), li għalihom jeżistu sistemi ta' saldu f'baži monetarja u li fihom l-użu ta' teknoloġiji differenti qiegħed jiġi investigat aktar mill-Eurosistema.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'kuntest li fih il-flus kontanti waħedhom ma jistgħux iwieġbu għall-ħtiġijiet ta' ekonomija diġitalizzata, huwa essenzjali li tiġi appoġġata l-inklużjoni finanzjarja billi jiġi żgurat aċċess universali, affordabbli u faċli ***għall-euro diġitali*** għal individwi fiż-żona tal-euro, kif ukoll l-aċċettazzjoni wiesgħa tiegħu fil-pagamenti. L-esklużjoni finanzjarja fl-ekonomija diġitalizzata tista' tiżdied peress li ***l-mezzi diġitali privati ta' pagamenti jistgħu ma jkunux speċifikament adattati għal*** gruppi vulnerabbli tas-soċjetà ***jew jistgħu*** ma ***jkunux adattati*** f'xi żoni rurali jew remoti mingħajr network ta' komunikazzjoni (stabbli). Skont il-Bank Dinji u l-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, "sistemi u servizzi ta' pagament bl-imnut effiċjenti, aċċessibbli u sikuri huma kritiċi għal inklużjoni finanzjarja akbar".[24] Dik is-sejba ġiet issostanzjata aktar mill-istudju dwar Metodi Ġodda ta' Pagament Diġitali kkummissjonat mill-Bank Ċentrali Ewropew, li kkonkluda li għall-popolazzjoni mingħajr bank/b'aċċess insuffiċjenti għal bank/offline, l-aktar karatteristiċi importanti ta' metodu ġdid ta' pagament huma l-faċilità ta' użu, in-nuqqas	(5) F'kuntest li fih il-flus kontanti waħedhom ma jistgħux iwieġbu għall-ħtiġijiet ta' ekonomija diġitalizzata, huwa essenzjali li tiġi appoġġata l-inklużjoni finanzjarja billi jiġi żgurat aċċess universali, affordabbli u faċli ***għal soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani pan-Ewropej*** għal individwi fiż-żona tal-euro, kif ukoll l-aċċettazzjoni wiesgħa tiegħu fil-pagamenti. L-esklużjoni finanzjarja fl-ekonomija diġitalizzata tista' tiżdied peress li gruppi vulnerabbli tas-soċjetà ***jista'*** ma ***jkollhomx aċċess għal soluzzjonijiet ta' pagament diġitali*** f'xi żoni rurali jew remoti mingħajr network ta' komunikazzjoni (stabbli). Skont il-Bank Dinji u l-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, "sistemi u servizzi ta' pagament bl-imnut effiċjenti, aċċessibbli u sikuri huma kritiċi għal inklużjoni finanzjarja akbar".[24] Dik is-sejba ġiet issostanzjata aktar mill-istudju dwar Metodi Ġodda ta' Pagament Diġitali kkummissjonat mill-Bank Ċentrali Ewropew, li kkonkluda li għall-popolazzjoni mingħajr bank/b'aċċess insuffiċjenti għal bank/offline, l-aktar karatteristiċi importanti ta' metodu ġdid ta' pagament huma l-faċilità ta' użu, in-nuqqas

ta’ ħtieġa ta’ ħiliet teknoloġiċi, u li jkun sigur u mingħajr ħlas. [25] ***Euro diġitali jkun joffri alternattiva pubblika għal mezzi diġitali privati ta’ pagamenti u jappoġġa l-inklużjoni finanzjarja peress li jkun imfassal skont dawn l-objettivi, u b’hekk jipprovdi*** aċċess mingħajr ħlas, faċilità tal-użu u aċċessibbiltà u aċċettazzjoni mifruxin.	ta’ ħtieġa ta’ ħiliet teknoloġiċi, u li jkun sigur u mingħajr ħlas. [25] Għal finijiet ta’ inklużjoni finanzjarja, jenħtieġ li jiġu offruti l-aċċess mingħajr ħlas, il-faċilità tal-użu u l-aċċessibbiltà u l-aċċettazzjoni mifruxin ***ta’ soluzzjonijiet tal-euro diġitali offline.***
24 https://documents1.worldbank.org/curated/en/806481470154477031/pdf/Payment-Aspects-of-Financial-Inclusion.pdf	24 https://documents1.worldbank.org/curated/en/806481470154477031/pdf/Payment-Aspects-of-Financial-Inclusion.pdf
[25] Studju dwar Metodi Ġodda ta’ Ħlas Diġitali (europa.eu), Marzu 2022. Skont il-Bank Dinji, l-inklużjoni finanzjarja tfisser li l-individwi jkollhom aċċess għal prodotti u għal servizzi finanzjarji utli u affordabbli li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom – tranżazzjonijiet, pagamenti, tfaddil, kreditu u assigurazzjoni”.	[25] Studju dwar Metodi Ġodda ta’ Ħlas Diġitali (europa.eu), Marzu 2022. Skont il-Bank Dinji, l-inklużjoni finanzjarja tfisser li l-individwi jkollhom aċċess għal prodotti u għal servizzi finanzjarji utli u affordabbli li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom – tranżazzjonijiet, pagamenti, tfaddil, kreditu u assigurazzjoni”.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jenħtieġ li l-euro diġitali jikkomplementa l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u jenħtieġ li ma jissostitwixxix il-forom fiżiċi tal-munita unika. Bħala strumenti ta’ valuta legali, kemm il-flus kif ukoll l-euro diġitali huma importanti indaqs. Ir-Regolament (UE) ***[jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro - COM/2023/364]*** jarmonizza l-valuta legali għall-flus kontanti u jiżgura li l-flus kontanti jitqassmu b’mod mifrux u	(6) Jenħtieġ li l-euro diġitali jikkomplementa l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u jenħtieġ li ma jissostitwixxix il-forom fiżiċi tal-munita unika. Bħala strumenti ta’ valuta legali, kemm il-flus kif ukoll l-euro diġitali huma importanti indaqs***. Ir-Regolament (UE).../...[+], id-Direttiva (UE) .../...[++], ir-Regolament (UE) .../...[+++] u, fir-rigward tat-trasferimenti istantanji f’euro, ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u r-Regolament (UE) 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2a] u d-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament***

jintużaw b’mod effettiv.

Ewropew u tal-Kunsill[3a] u d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4a], se jsaħħu kemm il-bażi monetarja fiżika kif ukoll is-soluzzjonijiet ta’ pagamenti diġitali bl-imnut. Ir-Regolament (UE) ***.../...***[++++] jarmonizza l-valuta legali għall-flus kontanti u jiżgura li l-flus kontanti jitqassmu b’mod mifrux u jintużaw b’mod effettiv.

[+] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ../.. (2023/0208(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titlu u r-referenza tal-ĠU ta’ dak ir-Regolament fin-nota f’qiegħ il-paġna.***

[++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ../.. (2023/0209(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titlu u r-referenza tal-ĠU ta’ dak ir-Regolament fin-nota f’qiegħ il-paġna.***

[+++] ***ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ../.. (2023/0210(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titlu u r-referenza tal-ĠU ta’ dak ir-Regolament fin-nota f’qiegħ il-paġna.***

[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta’ kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/260/oj)

[2a] Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Lulju 2021 dwar il-ħlas transkonfinali fl-Unjoni (ĠU L 274, 30.07.2021, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1230/oj

[3a] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju

1998 dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/26/oj)

[4a] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p.35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj

++++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS ../.. (2023/0208(COD)).

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-iżviluppi futuri fil-pagamenti diġitali jistgħu jaffettwaw ir-rwol tal-euro fis-swieq tal-pagamenti bl-imnut kemm fl-Unjoni ***Ewropea*** kif ukoll internazzjonalment. Ħafna banek ċentrali madwar id-dinja ***bħalissa qegħdin jesploraw*** il-ħruġ ta' ***muniti diġitali tal-banek ċentrali (“***CBDCs***”) u xi pajjiżi diġà ħarġu CBDC. Barra minn hekk, l-hekk imsejħa stablecoins ta' pajjiżi terzi mhux denominati f'euro, jistgħu, jekk jintużaw b'mod wiesa' għall-pagamenti, jispostaw il-pagamenti denominati f'euro fl-ekonomija tal-Unjoni billi jaqdu d-domanda għal pagamenti programmabbli (li jissejħu pagamenti kundizzjonali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament), inkluż fil-kummerċ elettroniku, fis-swieq kapitali***	(7) L-iżviluppi futuri fil-pagamenti diġitali ***u l-isfidi ġeopolitiċi*** jistgħu jaffettwaw ir-rwol tal-euro fis-swieq tal-pagamenti bl-imnut kemm fl-Unjoni kif ukoll internazzjonalment. Ħafna banek ċentrali madwar id-dinja ***esploraw*** il-ħruġ ta' CBDCs***. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-ġuriżdizzjonjiet iffukaw l-isforzi u r-riżorsi inizjali tagħhom fil-proġetti tas-CBDC bl-ingrossa aktar milli fi proġetti tas-CBDC bl-imnut***.

***jew f'industry 4.0. Għalhekk, euro diġitali jkun importanti sabiex jinżamm ir-rwol tal-euro fl-era diġitali**.*

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Mingħajr preġudizzju għall-qafas kurrenti għal euro diġitali bl-imnut, l-Unjoni jenħtieġ li tipprijoritizza l-iżvilupp u l-interoperabbiltà transfruntiera tal-arranġamenti tas-CBDC bl-imnut, inkluża bażi monetarja f'forma tokenizzata għas-saldu ta' titoli u ta' pagamenti ta' valur għoli. CBDC bl-ingrossa jistgħu jsaħħu s-sistema finanzjarja tal-Unjoni billi jippermettu kunsenja kontra ħlas (DvP, delivery-versus-payment) u ħlas kontra ħlas (PvP, payment-versus-payment) aktar sikuri u aktar mgħaġġla, itejbu l-effiċjenza tal-likwidità fl-istess jum, inkluża l-awtokollateralizzazzjoni, jestendu l-ħinijiet operattivi, u jsaħħu r-reżiljenza operattiva. Billi jappoġġaw is-saldu ta' assi f'forma tokenizzati taħt standards komuni u ta' finalità legali ċari, u billi jiffaċilitaw ir-rabtiet transfruntiera tas-saldu ma' banek ċentrali sħab, CBDC bl-ingrossa jistgħu jrawwmu swieq kapitali tal-Unjoni aktar profondi u aktar kompetittivi, inaqqsu d-dipendenza fuq infrastrutturi mhux Ewropej u jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, filwaqt li jibqgħu newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u konsistenti bis-sħiħ mal-implimentazzjoni u l-istabbiltà finanzjarja tal-politika monetarja.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ***ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro*** diġitali***, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti***.	(8) ***Biex tiġi indirizzata d-dipendenza żejda strutturali tal-Unjoni fuq fornituri ta' pagamenti mhux Ewropej u biex jiġu ssalvagwardjati s-sovranità monetarja tal-euro u l-awtonomija strateġika miftuħa fl-era diġitali,*** huwa ***għaldaqstant*** neċessarju ***għal dan ir-Regolament*** li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ***tal-euro*** diġitali ***offline, l-istatus ta' valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu***, ***u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali tiegħu u l-qafas għall-istabbiliment ta' euro diġitali online***.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Huwa kkunsidrat neċessarju li l-istabbiliment tal-euro diġitali jibda inizjalment bl-euro diġitali offline, peress li l-użu tiegħu jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tal-pagament f'sitwazzjonijiet straordinarji, inaqqas id-dipendenza żejda fuq soluzzjonijiet u teknoloġiji ta' pagamenti taħt il-kontroll aħħari ta' pajjiżi terzi jew entitajiet minn pajjiżi terzi u jippreserva t-tħassib taċ-ċittadini dwar il-privatezza.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 8 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Sabiex jiġu żgurati n-neċessità, il-proporzjonalità u l-kompetittività tas-suq, l-istabbiliment tal-euro diġitali online jenħtieġ li jkun kontinġenti fuq in-nuqqas ta' soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovrana pan-Ewropea li tkopri każijiet ta' tranżazzjonijiet minn persuna għal oħra, ta' tranżazzjonijiet fil-punt tal-interazzjoni u tal-użu tal-kummerċ elettroniku fiż-żona tal-euro. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi fdata bil-kompitu li tivvaluta jekk soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovrana pan-Ewropea teżistix fiż-żona tal-euro u tipprovdi din il-valutazzjoni f'rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 6 xhur minn meta l-Bank Ċentrali Ewropew ikun innotifika t-tlestija tal-ħidma preparatorja biex jinħareġ l-euro diġitali offline. Jekk il-Kummissjoni tivvaluta li l-ebda soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovrana pan-Ewropea ma hija disponibbli għaċ-ċittadini f'dak il-punt fiż-żmien, jenħtieġ li tħejji u tadotta, fi

żmien 6 xhur mill-preżentazzjoni ta' rapport, att delegat bl-għan li dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat biex jiġi kkonfermat in-nuqqas ta' soluzzjoni bħal din, u b'hekk tiġi ssodisfata l-kundizzjoni għall-istabbiliment tal-euro diġitali online. Din il-kundizzjonalità għandha l-għan li teskludi soluzzjonijiet privati skalabbli, tiffoka fuq intervent pubbliku fir-rigward ta' fallimenti tas-suq ġenwini, u tappoġġa l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni billi tipprijoritizza soluzzjonijiet ta' pagamenti b'governanza pubblika biss fejn alternattivi privati effettivi ma jeżistux. Din il-proċedura ma tinterferix mal-ħidma preparatorja li trid titwettaq mill-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-kompiti tekniċi u organizzattivi għall-kwistjoni tal-euro diġitali, fil-forom kemm online kif ukoll online tiegħu.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 8 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Jenħtieġ li tiġi stabbilita fażi ta' implimentazzjoni għall-euro diġitali offline kif ukoll għall-euro diġitali online, mill-mument meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi dwar il-ħruġ tiegħu, biex l-atturi differenti involuti jkunu jistgħu jadattaw għall-obbligi involuti mill-ħruġ tal-euro diġitali, b'mod simili għal dak li ġie stabbiliti għall-inizjattivi leġiżlattivi l-oħra fil-qasam tal-pagamenti u biex jiġi żgurat adattament sigur, reżiljenti u gradwali mill-Eurosistema u mill-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 8 d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8d) Il-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li jkun kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bħall-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro lejn l-utenti tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jinħareġ għal ammont ugwali għall-valur par tal-obbligazzjoni korrispondenti fil-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari billi r-riżervi tal-banek ċentrali tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament jiġu kkonvertiti ***f'ammonti miżmumin ta' euro*** diġitali, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-utenti tal-euro diġitali. Sabiex iżommu u jużaw l-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom jistabbilixxu biss relazzjoni kuntrattwali mal-forniturи ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali sabiex jiftħu kontijiet ta' pagament bl-euro	(9) Bħall-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro lejn l-utenti tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jinħareġ għal ammont ugwali għall-valur par tal-obbligazzjoni korrispondenti fil-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari billi r-riżervi tal-banek ċentrali tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament jiġu kkonvertiti ***f'euro*** diġitali, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-utenti tal-euro diġitali. Sabiex iżommu u jużaw l-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom jistabbilixxu biss relazzjoni kuntrattwali mal-forniturи ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali sabiex jiftħu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***jew jiksbu apparat offline***

diġitali. Ma tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-utent tal-euro diġitali u l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali***. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimmaniġġaw il-kontijiet bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali f'isimhom u jipprovdulhom servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***. Peress li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma humiex parti għar-responsabbiltà diretta miżmuma mill-utenti tal-euro diġitali quddiem il-Bank Ċentrali Ewropew u quddiem il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u qegħdin jaġixxu f'isem l-utenti tal-euro diġitali, l-insolvenza tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma taffettwax lill-utenti tal-euro diġitali.	***tal-euro diġitali***. Ma tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni kuntrattwali ***oħra*** bejn l-utent tal-euro diġitali u l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali. Peress li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma humiex parti għar-responsabbiltà diretta miżmuma mill-utenti tal-euro diġitali quddiem il-Bank Ċentrali Ewropew u quddiem il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u qegħdin jaġixxu f'isem l-utenti tal-euro diġitali, l-insolvenza tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma taffettwax lill-utenti tal-euro diġitali.
	Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, 34, 35, 36 u 38***, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37***. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-	(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli ***3,*** 11, ***16,*** 34, 35, 36***, 37*** u 38. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali,

Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) ***2015/849*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu*** u għar-Regolament (UE) ***2015/847*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi***, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final]***, li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 ***dwar il-pagamenti transfruntiera***.

ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) ***2024/1640*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a]*** u għar-Regolament (UE) ***2023/1113*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[2a]***, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3a]***, li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[4a].

[1a] Id-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE)

2015/849 (ĠU L, 2024/1640, 19.06.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1640/oj).

[2a] Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 150, 9.06.2023, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1113/oj).

[3a] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p.35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj).

[4a] Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar il-ħlas transkonfinali fl-Unjoni (ĠU L 274, 30.07.2021, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1230/oj).

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2015/2366 ***kif issostitwita bid-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal referenza – proposta għal Direttiva dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus***	(12) Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2015/2366, id-Direttiva (UE) ***2024/1640*** u r-Regolament (UE) 2016/679 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]*** jenħtieġ li jirregolaw is-

elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], id-Direttiva (UE) ***2015/849 kif sostitwita bid-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final]*** u r-Regolament (UE) 2016/679 jenħtieġ li jirregolaw is-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti u r-reġim tas-sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u tal-Istati Membri ospitanti, fir-rigward tal-attivitajiet ta' Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro. Sabiex tiġi żgurata superviżjoni effiċjenti tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti responsabbli skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 għas-superviżjoni tal-forniment ta' servizzi ta' pagament jikkooperaw ukoll mal-Bank Ċentrali Ewropew għall-finijiet tas-superviżjoni tal-applikazzjoni tal-obbligi relatati mal-pagamenti stabbiliti ***fir-Regolament (UE) Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali***. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament irid jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) ***2017/1725*** sa fejn ikun jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom. Għalhekk, fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/679 u tar-Regolament (UE) 2018/1725 l-awtoritajiet superviżorji huma responsabbli għas-superviżjoni tal-ipproċessar ta' data personali mwettaq fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti u r-reġim tas-sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u tal-Istati Membri ospitanti, fir-rigward tal-attivitajiet ta' Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament stabbiliti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro. Sabiex tiġi żgurata superviżjoni effiċjenti tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti responsabbli skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 għas-superviżjoni tal-forniment ta' servizzi ta' pagament jikkooperaw ukoll mal-Bank Ċentrali Ewropew għall-finijiet tas-superviżjoni tal-applikazzjoni tal-obbligi relatati mal-pagamenti stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament irid jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) ***2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[2a] sa fejn ikun jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom. Għalhekk, fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/679 u tar-Regolament (UE) 2018/1725 l-awtoritajiet superviżorji huma responsabbli għas-superviżjoni tal-ipproċessar ta' data personali mwettaq fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-

Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[2a] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p.39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien ***tal-aspetti differenti*** tal-euro diġitali.	(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien ***dwar id-disponibbiltà, il-karatteristiċi u l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-forom offline u online*** tal-euro diġitali ***ladarba jinħarġu***.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-istatus ta' valuta legali huwa	(15) L-istatus ta' valuta legali huwa

karatteristika li tiddefinixxi l-bażi monetarja. Fiż-żona tal-euro, s'issa l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro huma l-uniku mezz ta' pagament li għandu l-istatus ta' valuta legali, skont l-Artikolu 128(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98[27] ***dwar l-introduzzjoni tal-euro[28]***.

karatteristika li tiddefinixxi l-bażi monetarja. Fiż-żona tal-euro, s'issa l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro huma l-uniku mezz ta' pagament li għandu l-istatus ta' valuta legali, skont l-Artikolu 128(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98[27].

---

[27] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1).

[28] ĠU L139, 11.5.1998, p.1.

[27] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1).

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-euro diġitali, bħala munita diġitali bl-istatus ta' valuta legali denominata f'euro maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, jenħtieġ li jkun aċċessibbli b'mod wiesa', utilizzabbli u aċċettat bħala mezz ta' pagament. L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali jenħtieġ li jappoġġa l-użu tiegħu fil-pagamenti madwar iż-żona tal-euro u b'hekk jappoġġa wkoll l-isforzi sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà kontinwi tal-bażi monetarja ***fir-rwol tiegħu ta' ankra monetarja,*** peress li l-flus kontanti waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali bħala waħda mill-	(16) L-euro diġitali, bħala munita diġitali bl-istatus ta' valuta legali denominata f'euro maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, jenħtieġ li jkun aċċessibbli b'mod wiesa', utilizzabbli u aċċettat bħala mezz ta' pagament. L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali jenħtieġ li jappoġġa l-użu tiegħu fil-pagamenti madwar iż-żona tal-euro u b'hekk jappoġġa wkoll l-isforzi sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà kontinwi tal-bażi monetarja peress li l-flus kontanti waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali bħala waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-istatus ta'

kundizzjonijiet ewlenin tal-istatus ta' valuta legali tiżgura li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn aċċettazzjoni wiesgħa u jkollhom għażla reali li jħallsu bil-bażi monetarja b'mod diġitali u b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha.	valuta legali tiżgura li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn aċċettazzjoni wiesgħa u jkollhom għażla reali li jħallsu bil-bażi monetarja b'mod diġitali u b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha.
	Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu status ta' valuta legali ***għat-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali li jseħħu fiż-żona tal-euro, b'mod simili għall-karti tal-flus u għall-muniti tal-euro li għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu wkoll status ta' valuta legali għal tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali magħmulin*** lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro***, meta l-pagatur ikun residenti jew stabbilit ukoll fiż-żona tal-euro. B'mod simili, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu status ta' valuta legali għal tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali li jsiru lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro, meta l-pagatur ma jkunx residenti jew stabbilit fiż-żona tal-euro.***	(17) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu status ta' valuta legali ***għall-pagamenti ta' dejn monetarju denominat f'euro*** lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro.
	Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu waqt attività purament personali jew domestika. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja ***għall-mikrointrapriżi***, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' ***dan*** id-daqs. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. ***Għall-mikrointrapriżi*** u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-saldu tad-djun monetarji***. Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jaċċettaw mezzi diġitali komparabbli ta' pagament mingħand pagaturi jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali. Jenħtieġ li l-mezzi diġitali komparabbli ta' pagament jinkludu pagament bil-karta tad-debitu jew***	(18) Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu ***bħala persuni li jaħdmu għal rashom f'attività kummerċjali jew*** waqt attività purament personali jew domestika. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja ***għall-intrapriżi żgħar***, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' ***dak*** id-daqs. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. ***Għall-intrapriżi żgħar*** u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-saldu tad-djun monetarji. Fl-aħħar nett, prenditur jista' jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal

pagament istantanju jew soluzzjonijiet teknoloġiċi futuri oħrajn użati fil-punt ta' interazzjoni, iżda jenħtieġ li jeskludu t-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni. Il-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li ma jaċċettawx mezzi diġitali komparabbli ta' ħlas mingħand il-pagaturi tagħhom fis-saldu ta' dejn (eż. jaċċettaw biss karti tal-flus u muniti tal-euro), iżda jistgħu jużaw pagamenti diġitali fis-saldu ta' dejn lill-prendituri tagħhom (eż. iħallsu bi trasferimenti ta' kreditu), jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti bl-euro diġitali. Fl-aħħar nett, prenditur jista' jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.

impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-objettiv ewlieni tal-istabbiliment tal-euro diġitali huwa l-użu tiegħu bħala forma tal-munita unika b'valuta legali fiż-żona tal-euro. Għal dan l-għan u f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fiż-żona	(21) L-objettiv ewlieni tal-istabbiliment tal-euro diġitali huwa l-użu tiegħu bħala forma tal-munita unika b'valuta legali fiż-żona tal-euro. Għal dan l-għan u f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti fiż-żona

tal-euro, inklużi l-konsumaturi mingħajr indirizz fiss, applikanti għall-ażil u l-konsumaturi li ma jingħatawx permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom hija impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali, jistgħu jiġu pprovduti ***servizzi*** ta' pagament bl-euro diġitali mill-PSPs stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Persuni fiżiċi u ġuridiċi li diġà kienu qed jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, minħabba li huma fetħu kont ta' pagament bl-euro diġitali fiż-żmien li kienu residenti jew ġew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, iżda li ma għadhomx residenti jew li huma stabbiliti f'tali Stat Membru, xorta jistgħu jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, soġġetti għal ***termini*** possibbli ***fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew tal-istabbiliment ta' dawn il-persuni*** li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddefinixxi.

tal-euro, inklużi l-konsumaturi mingħajr indirizz fiss, applikanti għall-ażil u l-konsumaturi li ma jingħatawx permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom hija impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali, jistgħu jiġu pprovduti ***b'servizzi*** ta' pagament bl-euro diġitali mill-PSPs stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Persuni fiżiċi u ġuridiċi li diġà kienu qed jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, minħabba li huma fetħu kont ta' pagament bl-euro diġitali ***jew għandhom apparat tal-euro diġitali offline*** fiż-żmien li kienu residenti jew ġew stabbiliti fi Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, iżda li ma għadhomx residenti jew li huma stabbiliti f'tali Stat Membru, xorta jistgħu jirċievu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, soġġetti għal ***aċċess u użu limitati*** possibbli ***tal-euro diġitali online*** li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddefinixxi.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) F'konformità mad-Direttiva 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kunċett ta' "fondi" jfisser karti tal-flus u muniti, flus skritturali jew flus elettroniċi. Bħala forma ġdida ta' bażi monetarja b'valuta legali, jenħtieġ li l-euro diġitali jitqies bħala fondi skont id-Direttiva 2015/2366. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva kif trasposti mill-Istati Membri u	(22) F'konformità mad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-kunċett ta' "fondi" jfisser karti tal-flus u muniti, flus skritturali jew flus elettroniċi. Bħala forma ġdida ta' bażi monetarja b'valuta legali, jenħtieġ li l-euro diġitali jitqies bħala fondi skont id-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva kif trasposti mill-Istati

ssorveljati għal dan l-għan mill-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'din id-Direttiva wkoll. Meta joħroġ l-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, ikunu qegħdin jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità monetarja u, għalhekk, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għad-Direttiva 2015/2366 f'konformità mal-Artikolu 1(e) ta' dik id-Direttiva.	Membri u ssorveljati għal dan l-għan mill-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'din id-Direttiva wkoll. Meta joħroġ l-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, ikunu qegħdin jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità monetarja u, għalhekk, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 f'konformità mal-Artikolu 1(e) ta' dik id-Direttiva, ***ħlief meta jsolvu tilwim relatat mat-tranżazzjonijiet bejn il-forniturі ta' servizzi ta' pagament.***
	Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali huma kategorija ta' kontijiet ta' pagament denominati f'euro li permezz tagħhom l-utenti tal-euro diġitali jistgħu jwettqu, fost l-oħrajn, it-tranżazzjonijiet li ġejjin: iqiegħdu fondi, jiġbdu l-flus u jeżegwixxu u jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament lil u mingħand partijiet terzi, irrispettivament mit-teknoloġija użata u mill-istruttura tar-reġistru jew tad-data (eż. jekk l-euros diġitali humiex irreġistrati bħala bilanċi ta' ammonti miżmumin jew unitajiet ta' valur). Meta dawn l-attivitajiet ikunu jeħtieġu l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament ikunu kontrolluri.	(23) Il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali huma kategorija ta' kontijiet ta' pagament denominati f'euro li permezz tagħhom l-utenti tal-euro diġitali ***online*** jistgħu jwettqu, fost l-oħrajn, it-tranżazzjonijiet li ġejjin: iqiegħdu fondi, jiġbdu l-flus u jeżegwixxu u jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament ***bl-euro diġitali online*** lil u mingħand partijiet terzi, irrispettivament mit-teknoloġija użata u mill-istruttura tar-reġistru jew tad-data (eż. jekk l-euros diġitali humiex irreġistrati bħala bilanċi ta' ammonti miżmumin jew unitajiet ta' valur). Meta dawn l-attivitajiet ikunu jeħtieġu l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament ikunu kontrolluri.
	Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont id-Direttiva 2015/2366 jipprovdu servizzi ta' finanzjament u ta' definanzjament lill-klijenti tagħhom, irrispettivament mill-kapaċità tagħhom li jipprovdu s-sors ta' likwidità għal dawk il-fondi fi flus tal-bank ċentrali. Fuq talba tal-klijenti tagħhom, bil-ħsieb li jwettqu b'suċċess servizzi ta' finanzjament u ta' definanzjament, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li jitħallew ikollhom kont fil-bank ċentrali jenħtieġ li jipprovdu lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li ma jitħallewx ikollhom kont fil-bank ċentrali b'aċċess għas-sistemi ta' pagament, u bl-istess mod jenħtieġ li jgħaddu mill-infrastruttura ta' saldu l-ordnijiet ta' trasferiment tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li ma jitħallewx ikollhom kont fil-bank ċentrali, b'mod oġġettiv, proporzjonat u mhux diskriminatorju.	(24) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont id-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 jipprovdu servizzi ta' finanzjament u ta' definanzjament lill-klijenti tagħhom, irrispettivament mill-kapaċità tagħhom li jipprovdu s-sors ta' likwidità għal dawk il-fondi fi flus tal-bank ċentrali. Fuq talba tal-klijenti tagħhom, bil-ħsieb li jwettqu b'suċċess servizzi ta' finanzjament u ta' definanzjament, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li jitħallew ikollhom kont fil-bank ċentrali jenħtieġ li jipprovdu lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li ma jitħallewx ikollhom kont fil-bank ċentrali b'aċċess għas-sistemi ta' pagament, u bl-istess mod jenħtieġ li jgħaddu mill-infrastruttura ta' saldu l-ordnijiet ta' trasferiment tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li ma jitħallewx ikollhom kont fil-bank ċentrali, b'mod oġġettiv, proporzjonat u mhux diskriminatorju.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Għall-fini tal-infurzar xieraq ta' kwalunkwe limitu fuq ***l-ammonti użati*** tal-euro diġitali deċiż ***mill-Bank Ċentrali Ewropew***, meta jagħmlu onboarding ta' utenti tal-euro diġitali, jew matul il-kontrolli ex post meta xieraq, jenħtieġ li l-	(25) Għall-fini tal-infurzar xieraq ta' kwalunkwe limitu fuq ***l-użu*** tal-euro diġitali deċiż ***mill-Kummissjoni***, meta jagħmlu onboarding ta' utenti tal-euro diġitali, jew matul il-kontrolli ex post meta xieraq, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta'

fornituri ta’ servizzi ta’ pagament responsabbli mid-distribuzzjoni tal-euro diġitali jivverifikaw jekk il-klijent prospettiv jew eżistenti tagħhom diġà għandux kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista’ jappoġġa lill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament fit-twettiq tal-kompitu tal-infurzar ta’ kwalunkwe limitu ***fuq l-ammonti miżmumin***, inkluż billi jistabbilixxi ***waħdu jew*** b’mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali punt ta’ aċċess uniku ta’ identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti ta’ żamma diġitali relatati tal-euro. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta’ sigurtà u ta’ preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku, sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista’ tiġi assoċjata mal-informazzjoni punt ta’ aċċess uniku minn entitajiet għajr il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament li l-klijent jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun kontrollur sa fejn dawn l-attivitajiet jeħtieġu l-ipproċessar ta’ data personali. ***Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jistabbilixxi punt ta’ aċċess uniku konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali, jenħtieġ li dawn ikunu kontrolluri konġunti.***

pagament responsabbli mid-distribuzzjoni tal-euro diġitali jivverifikaw jekk il-klijent prospettiv jew eżistenti tagħhom diġà għandux kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista’ jappoġġa lill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament fit-twettiq tal-kompitu tal-infurzar ta’ kwalunkwe limitu, inkluż billi jistabbilixxi b’mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali punt ta’ aċċess uniku ta’ identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti ta’ żamma diġitali relatati tal-euro. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta’ sigurtà u ta’ preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku, sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ***online*** ma tkunx tista’ tiġi assoċjata mal-informazzjoni punt ta’ aċċess uniku minn entitajiet għajr il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament li l-klijent jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun kontrollur sa fejn dawn l-attivitajiet jeħtieġu l-ipproċessar ta’ data personali.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Sabiex jiġi appoġġat l-aċċess universali għall-euro diġitali mill-pubbliku ġenerali fiż-żona tal-euro, u sabiex	(26) Sabiex jiġi appoġġat l-aċċess universali għall-euro diġitali ***online*** mill-pubbliku ġenerali fiż-żona tal-euro, u

titrawwem l-innovazzjoni u livell għoli ta' kompetizzjoni fis-suq tal-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li l-intermedjarji rilevanti kollha jkunu jistgħu jqassmu l-euro diġitali. Il-forniturі kollha ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont id-Direttiva 2015/2366, inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, l-istituzzjonijiet ta' pagament, l-istituzzjonijiet giro tal-uffiċċji postali li huma intitolati skont id-dritt nazzjonali li jipprovdu servizzi ta' pagament, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri Bħala li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, meta ma jaġixxux fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità monetarja jew bħala awtoritajiet pubbliċi oħrajn, u l-Istati Membri jew l-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom meta ma jaġixxux fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali relatati, irrispettivament minn fejn jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi rregolati skont ir-Regolament 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] li huma forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont id-Direttiva 2015/2366 jenħtieġ li jitħallew ukoll iqassmu l-euro diġitali. F'konformità mad-Direttiva 2015/2366, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovdu aċċess għad-data dwar il-kontijiet ta' pagament lill-forniturі ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u ta' informazzjoni dwar il-kontijiet fuq il-bażi ta' Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs), sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw u jipprovdu servizzi addizzjonali.

[29] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta'

sabiex titrawwem l-innovazzjoni u livell għoli ta' kompetizzjoni fis-suq tal-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li l-intermedjarji rilevanti kollha jkunu jistgħu jqassmu l-euro diġitali ***online***. Il-forniturі kollha ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont id-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366, inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, l-istituzzjonijiet ta' pagament, l-istituzzjonijiet giro tal-uffiċċji postali li huma intitolati skont id-dritt nazzjonali li jipprovdu servizzi ta' pagament, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri Bħala li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, meta ma jaġixxux fil-kapaċità tagħhom bħala awtorità monetarja jew bħala awtoritajiet pubbliċi oħrajn, u l-Istati Membri jew l-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom meta ma jaġixxux fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** u s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** relatati, irrispettivament minn fejn jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-forniturі ta' servizzi tal-kriptoassi rregolati skont ir-Regolament ***(UE)*** 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] li huma forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont id-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 jenħtieġ li jitħallew ukoll iqassmu l-euro diġitali. F'konformità mad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovdu aċċess għad-data dwar il-kontijiet ta' pagament lill-forniturі ta' servizzi ta' bidu ta' pagament u ta' informazzjoni dwar il-kontijiet fuq il-bażi ta' Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs), sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw u jipprovdu servizzi addizzjonali.

[29] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta'

Mejju 2023 dwar is-swieq tal-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937, ĠU L150, 9.6.2023, p. 40	Mejju 2023 dwar is-swieq tal-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937, ***(***ĠU L150, 9.6.2023, p. 40***).***

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) F'każ li d-disponibbiltà tal-euro diġitali kienet kontinġenti fuq deċiżjonijiet ta' negozju ħielsa mill-fornituri kollha ta' servizzi ta' pagament, l-euro diġitali jista' jiġi marġinalizzat jew saħansitra eskluż mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Dan jista' jipprevjeni lill-utenti milli jħallsu u jirċievu pagamenti f'forma ta' munita mogħtija l-istatus ta' valuta legali. F'dak il-każ, l-uniċità fl-użu tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro kollha meħtieġa mill-Artikolu 133 tat-TFUE ma tkunx garantita. Għalhekk, huwa essenzjali li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament dežinjati jkunu meħtieġa jqassmu servizzi ***bażiċi*** tal-euro diġitali.	(27) F'każ li d-disponibbiltà tal-euro diġitali kienet kontinġenti fuq deċiżjonijiet ta' negozju ħielsa mill-fornituri kollha ta' servizzi ta' pagament, l-euro diġitali jista' jiġi marġinalizzat jew saħansitra eskluż mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Dan jista' jipprevjeni lill-utenti milli jħallsu u jirċievu pagamenti f'forma ta' munita mogħtija l-istatus ta' valuta legali. F'dak il-każ, l-uniċità fl-użu tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro kollha meħtieġa mill-Artikolu 133 tat-TFUE ma tkunx garantita. Għalhekk, huwa essenzjali li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament dežinjati jkunu meħtieġa jqassmu servizzi tal-euro diġitali ***bażiċi***.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li rekwiżit għad-distribuzzjoni tal-euro diġitali jkun proporzjonat għall-objettiv li jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta'	(28) Jenħtieġ li rekwiżit għad-distribuzzjoni tal-euro diġitali jkun proporzjonat għall-objettiv li jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta'

pagament ta’ valuta legali. Ir-restrizzjoni ta’ dak l-obbligu għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu li diġà huma attivi fis-servizzi tan-negozju bl-imnut tkun tiżgura l-effettività tal-istatus ta’ valuta legali, filwaqt li tevita li tpoġġi piż sproporzjonat fuq il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament b’mudelli kummerċjali speċjalizzati u mhux orjentati lejn il-konsumatur. Għalhekk, l-obbligu li jitqassam l-euro diġitali huwa limitat għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jipprovdu servizzi ta’ kontijiet ta’ pagament fuq talba tal-klijenti tagħhom. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Kapitolu IV tad-Direttiva dwar il-Kontijiet ta’ Pagament dwar l-aċċess għall-kontijiet ta’ pagament b’karatteristiċi bażiċi għall-aċċess għal kont bl-euro diġitali b’karatteristiċi bażiċi għall-konsumaturi li ma humiex klijenti ta’ istituzzjoni ta’ kreditu.	pagament ta’ valuta legali. Ir-restrizzjoni ta’ dak l-obbligu għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu li diġà huma attivi fis-servizzi tan-negozju bl-imnut tkun tiżgura l-effettività tal-istatus ta’ valuta legali, filwaqt li tevita li tpoġġi piż sproporzjonat fuq il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament b’mudelli kummerċjali speċjalizzati u mhux orjentati lejn il-konsumatur. Għalhekk, l-obbligu li jitqassam l-euro diġitali huwa limitat għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jipprovdu servizzi ta’ kontijiet ta’ pagament fuq talba tal-klijenti tagħhom. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Kapitolu IV tad-Direttiva dwar il-Kontijiet ta’ Pagament dwar l-aċċess għall-kontijiet ta’ pagament b’karatteristiċi bażiċi għall-aċċess għal kont bl-euro diġitali ***online*** b’karatteristiċi bażiċi għall-konsumaturi li ma humiex klijenti ta’ istituzzjoni ta’ kreditu.
	Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Sabiex jiġi żgurat użu wiesa’ tal-euro diġitali, inkluż għal ***persuni li ma għandhomx kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali, ma jixtiqux jiftħu kont ta’ pagament bl-euro diġitali f’istituzzjoni ta’ kreditu jew f’forniturі oħrajn ta’ servizzi ta’ pagament li jistgħu jqassmu l-euro diġitali, jew*** persuni b’diżabilità, b’limitazzjonijiet funzjonali jew b’ħiliet diġitali limitati, u persuni anzjani, huwa essenzjali li l-entitajiet pubbliċi, li jinkludu l-awtoritajiet lokali jew reġjonali, jew l-uffiċċji postali, ***iqassmu l-euro*** diġitali. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeżinjaw entitajiet li jenħtieġ li jwettqu dak il-kompitu fit-territorju tagħhom.	(29) Sabiex jiġi żgurat użu wiesa’ tal-euro diġitali, inkluż għal persuni b’diżabilità, b’limitazzjonijiet funzjonali jew b’ħiliet diġitali limitati, u persuni anzjani, huwa essenzjali li l-entitajiet pubbliċi, li jinkludu l-awtoritajiet lokali jew reġjonali, jew l-uffiċċji postali, ***jipprovdu servizzi bażiċi ta’ pagament*** diġitali ***u appoġġ għall-inklużjoni diġitali***. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeżinjaw entitajiet li jenħtieġ li jwettqu dak il-kompitu fit-territorju tagħhom. Entitajiet bħal dawn, bħala forniturі ta’ servizzi ta’ pagament skont id-Direttiva (UE) 2015/2366, jenħtieġ li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-

Entitajiet bħal dawn, bħala fornituri ta' servizzi ta' pagament skont id-Direttiva (UE) 2015/2366, jenħtieġ li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inklużi d-Direttiva (UE) 2015/2366 u d-Direttiva (UE) 2015/849.	Regolament, inklużi d-Direttiva (UE) 2015/2366 u d-Direttiva (UE) 2015/849.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Fid-dawl tas-setgħat tiegħu skont it-Trattati u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li ***l-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jistabbilixxi*** limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. L-użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali jenħtieġ li jiġi ppreservat permezz ta' limiti fuq it-tariffi bejn il-PSPs u t-tariffi tan-negozjanti.	(31) Fid-dawl tas-setgħat tiegħu skont it-Trattati u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi*** limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. L-użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali jenħtieġ li jiġi ppreservat permezz ta' limiti fuq it-tariffi bejn il-PSPs u t-tariffi tan-negozjanti.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Użu mhux ristrett tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur jista' jipperikola l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro, b'effetti negattivi fuq il-forniment ta' kreditu lill-ekonomija mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan jista' jirrikjedi li ***l-Bank Ċentrali Ewropew***, bil-ħsieb li ***jiżgura*** l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u f'konformità mal-prinċipju tal-	(32) Użu mhux ristrett tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur jista' jipperikola l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro, b'effetti negattivi fuq il-forniment ta' kreditu lill-ekonomija mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan jista' jirrikjedi li ***l-Kummissjoni***, bil-ħsieb li ***tiżgura*** l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u f'konformità mal-prinċipju tal-

proporzjonalità, ***jintroduċi*** limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. L-għodod ta' politika li jistgħu jintużaw għal dan l-għan jinkludu, iżda ma jkunux ristretti għal, limiti kwantitattivi fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali u limiti fuq il-konverżjoni ta' kategoriji oħrajn ta' fondi għall-euro diġitali f'perjodu ta' żmien speċifikat. Meta ***jiddeċiedi*** dwar ***il-parametri u l-użu tal-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 1***, jenħtieġ li ***l-Bank Ċentrali Ewropew jirrispetta*** l-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, f'konformità mal-Artikolu 127(1) tat-TFUE.

proporzjonalità, ***tintroduċi*** limiti fuq l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur. L-għodod ta' politika li jistgħu jintużaw għal dan l-għan jinkludu, iżda ma jkunux ristretti għal, limiti kwantitattivi fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali u limiti fuq il-konverżjoni ta' kategoriji oħrajn ta' fondi għall-euro diġitali f'perjodu ta' żmien speċifikat. Meta ***tiddeċiedi*** dwar ***dawk l-għodod***, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tirrispetta*** l-prinċipju ta' ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, f'konformità mal-Artikolu 127(1) tat-TFUE.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja u jiġu pprevenuti riskji ta' diżintermedjazzjoni strutturali fis-settur bankarju fiż-żona tal-euro, jenħtieġ li l-ammonti tal-euro diġitali miżmumin minn persuni fiżiċi jkunu soġġetti għal limiti kwantitattivi. Jenħtieġ li dawk il-limiti jiżguraw li l-introduzzjoni tal-euro diġitali ma twassalx għal ħruġ ta' flus sinifikanti ta' depożiti bl-imnut jew ma timminax il-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jipprovdu kreditu lill-ekonomija. Għal dak il-għan, qabel ma jiġu stabbiliti l-limiti mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jivvaluta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, l-impatt tal-ammonti teoretiċi miżmumin differenti fuq il-finanzjament, il-likwidità u l-profitabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluż f'livelli speċifiċi nazzjonali

u tal-istituzzjoni. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tkun ibbażata fuq xenarju ta' teħid sħiħ u tirrifletti riskji fuq l-istabbiltà finanzjarja residwa, filwaqt li jitqiesu perjodi ta' likwidità straordinarja u riżervi eċċessivi li jistgħu jgħawġu r-riżultati. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi t-tolleranza tar-riskju tagħha għall-istabbiltà finanzjarja residwa u tistabbilixxi limiti fuq l-ammonti miżmumin inizjali permezz ta' att delegat, filwaqt li tiżgura li l-ebda istituzzjoni ta' kreditu ma jiffaċċja ħruġ ta' flus ta' depożitu bl-imnut eċċessiv u li l-proporzjonijiet tal-kopertura tal-likwidità jibqgħu sodi fiż-żona tal-euro u l-Istati Membri tagħha. Jenħtieġ li kwalunkwe aġġustament 'l isfel ta' dawn il-limiti jiġi stabbilit permezz ta' atti delegati u jenħtieġ li kwalunkwe reviżjoni 'l fuq issir permezz ta' proposta leġiżlattiva, biex b'hekk jiġu ppreservati l-prerogattivi tal-koleġiżaturi.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom l-għażla li jużaw l-euro diġitali online jew offline, jew it-tnejn, soġġetti għal-limiti stabbiliti rispettivament ***mill-Bank Ċentrali Ewropew u minn att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni***. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jneħħu mir-reġistru ***l-apparati għall-ħżin lokali*** għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat ***għall-ħżin lokali*** użat għall-euro diġitali	(34) Jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom l-għażla li jużaw l-euro diġitali ***fil-forom*** online jew offline ***tiegħu***, jew ***eventwalment*** it-tnejn, soġġetti għal-limiti stabbiliti rispettivament ***mill-Kummissjoni***. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jneħħu mir-reġistru ***l-apparat tal-euro diġitali offline*** għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat ***tal-euro diġitali offline*** użat għall-euro diġitali offline għad-durata tal-

offline għad-durata tal-iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell li jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma jkunx jista' jintuża għal skopijiet oħrajn għajr għall-fini tal-forniment tal-euro diġitali offline.

iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell li jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat ***tal-euro diġitali offline*** tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma jkunx jista' jintuża għal skopijiet oħrajn għajr għall-fini tal-forniment tal-euro diġitali offline.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jerġgħu jirreġistraw ***l-apparati għall-ħżin lokali*** għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat ***għall-ħżin lokali*** użat għall-euro diġitali offline għad-durata tal-iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri avvanzati ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza sabiex jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat ta' utenti diġitali individwali tal-euro ma jkunx jista' jitqabbel mal-informazzjoni dwar l-utent tal-euro diġitali sabiex jiġi identifikat is-suġġett tad-data, ħlief għall-finijiet tal-Artikolu 37.	(35) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jerġgħu jirreġistraw ***l-apparat tal-euro diġitali offline*** għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat ***tal-euro diġitali offline*** użat għall-euro diġitali offline għad-durata tal-iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri avvanzati ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza sabiex jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat ***tal-euro diġitali offline*** ta' utenti diġitali individwali tal-euro ma jkunx jista' jitqabbel mal-informazzjoni dwar l-utent tal-euro diġitali sabiex jiġi identifikat is-suġġett tad-data, ħlief għall-finijiet tal-Artikolu 37.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li ***l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża*** sabiex ***jillimita*** l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali anki jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta'	(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li ***l-Kummissjoni tista' tuża*** sabiex ***tillimita*** l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali ***online***, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali ***online*** jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali anki jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali ***online*** jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali ***online. Madankollu, sabiex ma jinħolqux pożijiet***

servizzi ta’ pagament wieħed ikun assoċjat ma’ kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta’ servizz ta’ pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f’arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta’ sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta’ servizzi ta’ pagament.

sproporzjonati fuq il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament, l-utenti diġitali online jenħtieġ li jkunu jistgħu jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw awtomatikament il-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali online tagħhom biss jekk dawn jinżammu mal-istess fornitur ta’ serrvizz ta’ pagament, filwaqt li l-finanzjament u d-definanzjament manwali jenħtieġ li jkunu possibbli irrispettivament mill-fornitur fejn jinżammu l-kontijiet. Għal apparati tal-euro diġitali offline, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jenħtieġ li jippermettu lill-klijenti negozjanti tagħhom jiddefinanzjaw awtomatikament l-apparati tal-euro diġitali offline tagħhom għal kontijiet ta’ pagamenti bl-euro mhux diġitali dežinjati min-negozjant. Meta kont ta’ pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament wieħed ikun assoċjat ma’ kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta’ servizz ta’ pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f’arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta’ sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta’ servizzi ta’ pagament.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Filwaqt li l-istrumenti użati ***mill-Bank Ċentrali Ewropew*** sabiex jillimitaw l-użu eċċessiv tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u l-intermedjazzjoni finanzjarja, dawn xorta	(37) Filwaqt li l-istrumenti użati ***mill-Kummissjoni*** sabiex jillimitaw l-użu eċċessiv tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u l-intermedjazzjoni finanzjarja, dawn xorta waħda jista’

waħda jista' jkollhom impatt fuq il-pożizzjoni tal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew u jinteraġixxu magħha. Għalhekk, dawn l-istrumenti jkollhom jiġu applikati b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha sabiex jiġu żgurati l-użu tal-euro diġitali bħala munita unika u l-uniċità tal-politika monetarja. Barra minn hekk, tkun neċessarja applikazzjoni uniformi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament fis-suq uniku Ewropew jew jiġi evitat infurzar kumpless wisq ta' kwalunkwe strument permezz ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament fuq il-bażi tar-residenza tal-utenti tal-euro diġitali. Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-euro diġitali ma jġorrx interessi għall-finijiet tal-użu primarjament tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament filwaqt li jillimita l-użu tiegħu bħala maħżen tal-valur.

jkollhom impatt fuq il-pożizzjoni tal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew u jinteraġixxu magħha. Għalhekk, dawn l-istrumenti jkollhom jiġu applikati b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha sabiex jiġu żgurati l-użu tal-euro diġitali bħala munita unika u l-uniċità tal-politika monetarja. Barra minn hekk, tkun neċessarja applikazzjoni uniformi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament fis-suq uniku Ewropew jew jiġi evitat infurzar kumpless wisq ta' kwalunkwe strument permezz ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament fuq il-bażi tar-residenza tal-utenti tal-euro diġitali. Fil-qafas ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-euro diġitali ma jġorrx interessi għall-finijiet tal-użu primarjament tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament filwaqt li jillimita l-użu tiegħu bħala maħżen tal-valur.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Kwalunkwe limitu għall-funzjoni ta' ħżin tal-valur li ***l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi*** dwaru jenħtieġ li jkun vinkolanti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali u jiġi implimentat minnhom. ***Filwaqt li*** persuni ***fiżiċi jew*** ġuridiċi ***jista' jkollhom*** kont wieħed jew aktar ta' pagament bl-euro diġitali mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament, jenħtieġ li ***jkunu soġġetti*** għal limitu fuq l-ammonti individwali miżmumin li utent tal-euro diġitali jista' jalloka fost fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu joffru lill-	(39) Kwalunkwe limitu għall-funzjoni ta' ħżin tal-valur li ***l-Kummissjoni tiddeċiedi*** dwaru jenħtieġ li jkun vinkolanti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali u jiġi implimentat minnhom. ***Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju għall-istabbiltà finanzjarja, ammonti miżmumin tal-euro diġitali jenħtieġ li jkunu limitati u miżmuma fil-livell limitu li jippermetti l-użu tal-euro diġitali bħala forma diġital ta' flus kontanti, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Għal dawn il-finijiet,*** persuni ġuridiċi ***jenħtieġ li ma jżommu l-ebda limitu fuq l-ammonti miżmumin, filwaqt li titqies b'mod partikolari l-***

utenti tal-euro diġitali l-possibbiltà li legalment ikollhom kont ta' pagament konġunt tal-euro diġitali. F'dan il-każ, kwalunkwe limitu fuq l-ammont miżmum applikat għall-kont ta' pagament konġunt bl-euro diġitali jenħtieġ li jkun ugwali għas-somma tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin allokati tal-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali jinżamm legalment minn utent wieħed biss tal-euro diġitali, iżda jista' jiġi aċċessat teknikament u jintuża minn diversi persuni, fuq mandat de facto jew legali mogħti mill-utent tal-euro diġitali, kwalunkwe limitu fuq l-ammonti miżmumin applikat għall-kont ta' pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li jibqa' ugwali għal-limitu fuq l-ammonti miżmumin definit għal kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn utent wieħed tal-euro diġitali, sabiex tiġi evitata kwalunkwe ċirkomvenzjoni tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin.

possibbiltà ta' definanzjament awtomatiku mill-apparati tal-euro diġitali offline tagħhom għal kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali, ħlief fil-każ tat-tfixkil temporanju fin-network minħabba avvenimenti ta' force majeure li fihom jistgħu jkunu kapaċi jżommu ammonti mingħajr limiti. Fil-każ ta' persuni fiżiċi, att delegat, issostanzjat għal raġunijiet tekniċi minn rapporti tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-Kummissjoni, se jistabbilixxi l-limiti inizjali fuq l-ammonti miżmumin. Filwaqt li utent tal-euro diġitali online jista' jkollu kont wieħed jew aktar ta' pagament bl-euro diġitali mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament, jenħtieġ li ***jkun soġġett*** għal limitu fuq l-ammonti individwali miżmumin li utent tal-euro diġitali jista' jalloka fost fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu joffru lill-utenti tal-euro diġitali ***online*** l-possibbiltà li legalment ikollhom kont ta' pagament konġunt tal-euro diġitali. F'dan il-każ, kwalunkwe limitu fuq l-ammont miżmum applikat għall-kont ta' pagament konġunt bl-euro diġitali jenħtieġ li jkun ugwali għas-somma tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin allokati tal-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali jinżamm legalment minn utent wieħed biss tal-euro diġitali ***online***, iżda jista' jiġi aċċessat teknikament u jintuża minn diversi persuni, fuq mandat de facto jew legali mogħti mill-utent tal-euro diġitali, kwalunkwe limitu fuq l-ammonti miżmumin applikat għall-kont ta' pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li jibqa' ugwali għal-limitu fuq l-ammonti miżmumin definit għal kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn utent wieħed tal-euro diġitali ***online***, sabiex tiġi evitata kwalunkwe ċirkomvenzjoni tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Premessa 41a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) Il-fornituri ta' servizzi ta' pagamenti se jkollhom jagħmlu investimenti sinifikanti biex jintegraw mal-back-end tal-Bank Ċentrali Ewropew biex jipprovdu l-euro diġitali online, u jenħtieġ li jiġu kkumpensati b'mod adegwat. Il-forniment tal-euro diġitali offline se jinvolvi kostijiet ta' investiment aktar baxxi għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament, peress li ma tinħtieġ l-ebda konnessjoni mal-back-end tal-Bank Ċentrali Ewropew minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura ċentrali għas-saldu bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Peress li l-euro diġitali huwa forma tal-munita unika li għandha status ta' valuta legali, jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma jkunux soġġetti għal tariffi eċċessivi mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. B'mod partikolari, l-għoti tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, bil-konsegwenza ta' aċċettazzjoni obbligatorja, ifisser li n-negozjanti ma jkollhom l-ebda għażla ħlief li jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Barra minn hekk, ***kwalunkwe imposta jew tariffa għal kull tranżazzjoni jew perjodu tnaqqas, direttament jew indirettament, il-valur nominali tal-pagamenti riċevuti, li huwa***	(42) Peress li l-euro diġitali huwa forma tal-munita unika li għandha status ta' valuta legali, jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma jkunux soġġetti għal tariffi eċċessivi mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. B'mod partikolari, l-għoti tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, bil-konsegwenza ta' aċċettazzjoni obbligatorja, ifisser li n-negozjanti ma jkollhom l-ebda għażla ħlief li jaċċettaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Barra minn hekk, ***peress li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali ma jkunux f'pożizzjoni li jitolbu tariffi lil persuni fiżiċi għal servizzi bażiċi ta' pagament bl-***

komponent essenzjali tal-istatus ta' valuta legali. Għalhekk, huwa essenzjali li tariffa jew imposta***, bħala restrizzjoni tal-valur nominali tal-euro diġitali,*** tkun oġġettivament ġustifikata u proporzjonata għall-objettiv li jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali.

euro diġitali, se tkun meħtieġa tariffa bejn il-PSPs sabiex jiġi pprovdut kumpens lil dawk il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għall-kostijiet ta' distribuzzjoni. Għalhekk, huwa essenzjali li tariffa jew imposta tkun oġġettivament ġustifikata u proporzjonata għall-objettiv li jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali.

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) ***Sabiex jiġi żgurat li t-tariffi u l-imposti jkunu uniformi u proporzjonati fiż-żona tal-euro, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jimmonitorja regolarment il-livell tagħhom u, abbażi ta' dan, jippubblika l-ammonti korrispondenti flimkien ma' rapport ta' spjegazzjoni. Jenħtieġ li tariffa jew imposta massima tippermetti kompetizzjoni libera bejn l-intermedjarji taħt dak il-livell. Jenħtieġ li t-tariffi jew l-imposti ma jaqbżux il-kostijiet*** rilevanti ***mġarrbin mill-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament għall-forniment ta' servizzi ***ta' pagament bl-euro diġitali fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro*** diġitali***, li huma elementi oġġettivi, u jistgħu jinkludu marġni raġonevoli ta' profitt. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew juża stima tal-kost medju rappreżentattiv imġarrab mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament madwar iż-żona tal-euro u, għalhekk, jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jiġbor id-data rilevanti mingħand il-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Il-kostijiet rilevanti għall-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro*** diġitali ***fir-rigward ta'***	(43) ***Sabiex jiġi evitat li l-obbligu tal-valuta legali jwassal għal aċċettazzjoni ogħla, jenħtieġ li l-limiti fuq il-kostijiet ikunu bbażati jew fuq il-kost rilevanti tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu għall-forniment ta' servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali għat-tariffa bejn il-PSPs u l-kostijiet*** rilevanti ***tal-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament ***li jakkwistaw*** għall-forniment ta' servizzi ***tal-akkwist bażiċi għall-imposta tas-servizz ta' negozjant, jew fuq mezz ta' pagament komparabbli, u l-aktar baxx mit-tnejn jiddetermina l-limitu massimu għat-tariffa bejn il-PSPs u l-imposta tas-servizz ta' negozjant wara perjodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, limitu massimu bbażat fuq il-kostijiet ma jkollux data affidabbli u stabbli biżżejjed dwar kostijiet unitarji matul il-perjodu inizjali tal-adozzjoni fl-ewwel snin wara l-ħruġ tal-euro*** diġitali ***sakemm jistabbilizza l-livell tat-tranżazzjoni tal-euro*** diġitali***. Jenħtieġ li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni. Il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jdum mill-inqas 10 snin biex tiġi pprovduta biżżejjed ċertezza lill-parteċipanti fis-suq kollha dwar l-adozzjoni miċ-ċittadini ta'***

tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***jenħtieġ li jkunu bbażati fuq*** il-kostijiet ***imġarrbin minn grupp rappreżentattiv tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament l-aktar effiċjenti f'sena partikolari***. ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri jkunu responsabbli biex jiżguraw il-konformità mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma' dawn it-tariffi jew l-imposti massimi.***	***servizzi tal-euro*** diġitali***, u, għaldaqstant, il-kostijiet unitarji***.
	Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) ***Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali***, ***huwa importanti*** li t-tariffi jew l-imposti ma jkunux ogħla minn dawk mitlubin għal mezzi ta' pagament diġitali privati komparabbli. L-iskemi tal-karti internazzjonali rregolati skont ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], l-iskemi nazzjonali tal-karti, u l-pagamenti istantanji fil-punt ta' interazzjoni pprovduti mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li jitqiesu bħala mezzi ta' pagament komparabbli.	(44) ***Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni***, ***jenħtieġ*** li t-tariffi jew l-imposti ma jkunux ogħla minn dawk mitlubin għal mezzi ta' pagament diġitali privati komparabbli. L-iskemi tal-karti internazzjonali rregolati skont ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30], l-iskemi nazzjonali tal-karti, u l-pagamenti istantanji fil-punt ta' interazzjoni pprovduti mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li jitqiesu bħala mezzi ta' pagament komparabbli.
[30] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).	[30] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).
	Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) ***Peress li l-forniturи*** ta' servizzi ta' pagament ***li jqassmu*** l-euro diġitali ***ma jkunux f'pożizzjoni li jitolbu tariffi lil persuni fiżiċi għal servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali, tista' tkun meħtieġa tariffa bejn il-PSPs sabiex jiġi pprovdut kumpens lil dawk il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għall-kostijiet ta' distribuzzjoni. Jenħtieġ li t-tariffa bejn il-PSPs tipprovdi kumpens suffiċjenti għall-kostijiet tad-distribuzzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament kemm li jqassmu kif ukoll li jakkwistaw, inkluż marġni ta' profitt raġonevoli.***	(45) ***Fil-livell tan-negozjant individwali jew tal-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament***, jenħtieġ li l-ebda negozjant jew fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jintalab tariffi ogħla meta mqabbla ma' servizzi ta' akkwist jew ta' tqassim għal mezzi diġitali komparabbli ta' pagament li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi lill-prenditur meta jirċievi servizzi bażiċi ta' akkwist jew meta jqassam*** l-euro diġitali.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Premessa 45a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u trasparenti bejn fornituri ta' servizzi ta' pagament u sabiex jiġi evitat kwalunkwe kost moħbi jew doppju għan-negozjanti, it-tariffi totali mitluba għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li jiġu aggregati f'imposta waħda tas-servizz ta' negozjant. Dik l-imposta tas-servizz ta' negozjant jenħtieġ li tirrappreżenta t-totalità tal-kostijiet applikati minn fornituri ta' servizzi ta' pagament għal servizzi ta' akkwist u jenħtieġ li tiġi espressa bħala perċentwal tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet ipproċessati matul perjodu partikolari, irrispettivavment mill-mudell tal-ipprezzar

	sottostanti. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma japplikawx imposti addizzjonali fuq negozjanti għal operazzjonijiet ta' definanzjament awtomatiċi relatati ma' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, meta tali tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali miżmuma mal-istess fornitur.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Premessa 45b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45b) Jenħtieġ li t-tariffa bejn il-PSPs tipprovdi kumpens suffiċjenti għall-kostijiet tad-distribuzzjoni tal-fornituri ta' servizzi li jqassmu.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Id-distribuzzjoni tal-euro diġitali minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrisjedu jew li huma stabbiliti barra miż-żona tal-euro tikkontribwixxi sabiex jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro. Dan iġib ukoll benefiċċji għaż-żona tal-euro u għal ekonomiji oħrajn billi jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi, f'konformità mal-aġenda tal-G20.	***imħassar***

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Distribuzzjoni eċċessiva tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro jista' jkollha impatt mhux mixtieq fuq id-daqs u fuq il-kompożizzjoni tal-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali. L-impatti fuq is-sovranità monetarja u fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' pajjiżi li ma humiex fiż-żona tal-euro jistgħu jvarjaw ukoll skont l-użu tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro. Dawk l-impatti jistgħu jkunu ta' ħsara f'każ li l-euro diġitali jieħu post il-munita lokali f'numru kbir ta' tranżazzjonijiet domestiċi. B'mod partikolari, sitwazzjoni li fiha l-euro diġitali jsir dominanti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro, u b'hekk de facto jissostitwixxi l-munita nazzjonali, tista' tfixkel il-kriterji u l-proċess tal-adozzjoni taż-żona tal-euro stabbiliti fl-Artikolu 140 tat-TFUE. Sabiex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa u jiġu evitati r-riskji għas-sovranità monetarja u għall-istabbiltà finanzjarja, kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll barra minnha, huwa neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Unjoni tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, u li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonkludi arranġamenti mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro u mal-banek ċentrali nazzjonali ta' pajjiżi terzi, sabiex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-forniment regolari ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti barra miż-żona tal-euro. Jenħtieġ li t-tali ftehimiet u arranġamenti ma jkoprux viżitaturi fiż-żona tal-euro, li lilhom il-forniturі ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea[31], f'konformità mal-	(47) Distribuzzjoni eċċessiva tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro jista' jkollha impatt mhux mixtieq fuq id-daqs u fuq il-kompożizzjoni tal-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali. L-impatti fuq is-sovranità monetarja u fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' pajjiżi li ma humiex fiż-żona tal-euro jistgħu jvarjaw ukoll skont l-użu tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro. Dawk l-impatti jistgħu jkunu ta' ħsara f'każ li l-euro diġitali jieħu post il-munita lokali f'numru kbir ta' tranżazzjonijiet domestiċi. B'mod partikolari, sitwazzjoni li fiha l-euro diġitali jsir dominanti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro, u b'hekk de facto jissostitwixxi l-munita nazzjonali, tista' tfixkel il-kriterji u l-proċess tal-adozzjoni taż-żona tal-euro stabbiliti fl-Artikolu 140 tat-TFUE. Sabiex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa u jiġu evitati r-riskji għas-sovranità monetarja u għall-istabbiltà finanzjarja, kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll barra minnha, huwa neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Unjoni tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, u li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonkludi arranġamenti mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro u mal-banek ċentrali nazzjonali ta' pajjiżi terzi, sabiex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-forniment regolari ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti barra miż-żona tal-euro. Jenħtieġ li t-tali ftehimiet u arranġamenti ma jkoprux viżitaturi fiż-żona tal-euro, li lilhom il-forniturі ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea[31], f'konformità mal-

Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jistgħu jipprovdu direttament servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.	Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jistgħu jipprovdu direttament servizzi ta' pagament bl-euro ***diġitali, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni taż-żmien fuq l-użu u l-aċċess mill-viżitaturi***.
[31] Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).	[31] Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) ***Barra minn hekk,*** l-użu tal-euro diġitali fil-pagamenti bejn il-muniti jkun ***jikkontribwixxi sabiex jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro. Dan iġib ukoll benefiċċji għaż-żona tal-euro u għal ekonomiji oħrajn billi*** jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi, f'konformità mal-aġenda tal-G20.	(51) L-użu tal-euro diġitali fil-pagamenti bejn il-muniti jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi, f'konformità mal-aġenda tal-G20.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Jenħtieġ li d-disinn tekniku tal-euro diġitali jagħmilha aċċessibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali u jista' jintuża minnu. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, dak id-disinn jappoġġa l-aċċess għal persuni esklużi finanzjarjament jew għal persuni f'riskju ta' esklużjoni finanzjarja, għal	(54) Jenħtieġ li d-disinn tekniku tal-euro diġitali jagħmilha aċċessibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali u jista' jintuża minnu. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, dak id-disinn jappoġġa l-aċċess għal persuni esklużi finanzjarjament jew għal persuni f'riskju ta' esklużjoni finanzjarja, għal

persuni b’diżabilità billi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà), għal persuni b’limitazzjonijiet funzjonali li jkunu jibbenefikaw ukoll mill-aċċessibbiltà, jew għal persuni b’ħiliet diġitali limitati u għal persuni anzjani. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu karatteristiċi tal-użu li jkunu sempliċi u faċli sabiex jiġu mmaniġġati, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli biżżejjed permezz ta’ firxa wiesgħa ta’ apparati tal-hardware sabiex jaqdi l-ħtiġijiet ta’ gruppi differenti tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b’servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali, irrispettivament minn dawk l-utenti li jkollhom kontijiet ta’ pagament tal-euro mhux diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-utenti jitħallew ikollhom kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali ma’ forniturі ta’ servizzi ta’ pagament li jkunu differenti minn dawk li magħhom ikollhom kontijiet ta’ pagament bl-euro mhux diġitali.

[32] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

persuni b’diżabilità billi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà), għal persuni b’limitazzjonijiet funzjonali li jkunu jibbenefikaw ukoll mill-aċċessibbiltà, jew għal persuni b’ħiliet diġitali limitati u għal persuni anzjani. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu karatteristiċi tal-użu li jkunu sempliċi u faċli sabiex jiġu mmaniġġati, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli biżżejjed permezz ta’ firxa wiesgħa ta’ apparati tal-hardware sabiex jaqdi l-ħtiġijiet ta’ gruppi differenti tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b’servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali, irrispettivament minn dawk l-utenti li jkollhom kontijiet ta’ pagament tal-euro mhux diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-utenti jitħallew ikollhom kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali ***online*** ma’ forniturі ta’ servizzi ta’ pagament li jkunu differenti minn dawk li magħhom ikollhom kontijiet ta’ pagament bl-euro mhux diġitali.

[32] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa	(55) Jenħtieġ li l-euro diġitali ***online***

l-programmazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali diġitali bl-euro mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Madankollu, jenħtieġ li l-euro diġitali ma jkunx "flus programmabbli", li jfisser unitajiet li, minħabba kundizzjonijiet ta' nfiq definiti b'mod intrinsiku, jistgħu jintużaw biss għax-xiri ta' tipi speċifiċi ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew huma soġġetti għal termini li wara ma jkunux għadhom jistgħu jintużaw. Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali huma pagamenti li jiġu attivati awtomatikament minn software fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet definiti minn qabel u miftehmin. Jenħtieġ li l-pagamenti kundizzjonali jkollhom, bħala oġġett jew effett, l-użu ta' euro diġitali bħala flus programmabbli. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiżviluppaw tipi differenti ta' loġika sabiex joffru firxa ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali, ***inklużi*** tranżazzjonijiet ta' pagament awtomatizzati għat-tqegħid jew għall-prelevament tal-euro diġitali, ordnijiet permanenti ta' pagament li jiskattaw pagamenti awtomatiċi ta' ammont speċifiku f'data speċifika, u pagamenti bejn magni f'każijiet li fihom dawk il-magni jkunu pprogrammati sabiex jiskattaw awtomatikament pagamenti għall-partijiet tal-bdil tagħhom stess meta jordnawhom, għall-ipprezzar u għall-ħlas tal-elettriku bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli tas-suq, għall-ħlas tal-assigurazzjoni, u għat-tariffi ta' lokazzjoni u ta' manutenzjoni fuq il-bażi tal-użu.	jappoġġa tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali diġitali bl-euro mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Madankollu, jenħtieġ li l-euro diġitali ma jkunx "flus programmabbli", li jfisser unitajiet li, minħabba kundizzjonijiet ta' nfiq definiti b'mod intrinsiku, jistgħu jintużaw biss għax-xiri ta' tipi speċifiċi ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew huma soġġetti għal termini li wara ma jkunux għadhom jistgħu jintużaw. Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali huma pagamenti li jiġu attivati awtomatikament minn software fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet definiti minn qabel u miftehmin. Jenħtieġ li l-pagamenti kundizzjonali jkollhom, bħala oġġett jew effett, l-użu ta' euro diġitali bħala flus programmabbli. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiżviluppaw tipi differenti ta' loġika sabiex joffru firxa ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali ***online***, ***bħal pereżempju*** tranżazzjonijiet ta' pagament awtomatizzati għat-tqegħid jew għall-prelevament tal-euro diġitali, ordnijiet permanenti ta' pagament li jiskattaw pagamenti awtomatiċi ta' ammont speċifiku f'data speċifika, u pagamenti bejn magni f'każijiet li fihom dawk il-magni jkunu pprogrammati sabiex jiskattaw awtomatikament pagamenti għall-partijiet tal-bdil tagħhom stess meta jordnawhom, għall-ipprezzar u għall-ħlas tal-elettriku bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli tas-suq, għall-ħlas tal-assigurazzjoni, u għat-tariffi ta' lokazzjoni u ta' manutenzjoni fuq il-bażi tal-użu.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Sabiex jiġu ffaċilitati l-użu tal-euro diġitali u l-forniment ta' servizzi innovattivi, jenħtieġ li l-Eurosistema ssostni l-forniment ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali. L-ewwel nett, xi tipi ta' servizzi ta' pagament kundizzjonali jistgħu jiġu sostnuti permezz ta' miżuri, regoli u standards dettaljati li jistgħu jgħinu lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiżviluppaw u joperaw applikazzjonijiet interoperabbli li jeżegwixxu loġika kundizzjonali. Dan jista' jinkludi sett ta' għodod tekniċi bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. It-tieni, l-Eurosistema tista' tipprovdi funzjonalitajiet addizzjonali fl-infrastruttura ***diġitali għas-saldu tal-euro***, neċessarji għall-forniment ta' servizzi ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali. Dan jista' jiffaċilita r-riżerva ta' fondi fl-infrastruttura tas-saldu għall-eżekuzzjoni futura ta' xi pagamenti kundizzjonali. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jadattaw il-loġika tan-negozju għal tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali f'konformità mal-istandards u mal-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet li l-Eurosistema tista' tadotta sabiex tiffaċilita tali tranżazzjonijiet.	(56) Sabiex jiġu ffaċilitati l-użu tal-euro diġitali ***online*** u l-forniment ta' servizzi innovattivi, jenħtieġ li l-Eurosistema ssostni l-forniment ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali. L-ewwel nett, xi tipi ta' servizzi ta' pagament kundizzjonali jistgħu jiġu sostnuti permezz ta' miżuri, regoli u standards dettaljati li jistgħu jgħinu lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiżviluppaw u joperaw applikazzjonijiet interoperabbli li jeżegwixxu loġika kundizzjonali. Dan jista' jinkludi sett ta' għodod tekniċi bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. It-tieni, l-Eurosistema tista' tipprovdi funzjonalitajiet addizzjonali fl-infrastruttura ***għas-saldu bl-euro diġitali***, neċessarji għall-forniment ta' servizzi ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali. Dan jista' jiffaċilita r-riżerva ta' fondi fl-infrastruttura tas-saldu għall-eżekuzzjoni futura ta' xi pagamenti kundizzjonali. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jadattaw il-loġika tan-negozju għal tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali f'konformità mal-istandards u mal-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet li l-Eurosistema tista' tadotta sabiex tiffaċilita tali tranżazzjonijiet.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jistgħu jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet diġitali billi jippermettu l-	(57) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jistgħu jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet diġitali billi jippermettu l-

awtentikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-iskambju ta’ attributi li jinkludu liċenzji u ċertifikati. Jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jikkontribwixxu għall-aċċess universali effettiv għall-euro diġitali u għall-użu tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali bbażati fuq standards u fuq prattiki komuni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta’ implimentazzjoni. Jenħtieġ li l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jkollha salvagwardji b’saħħithom u speċifiċi sabiex tiżgura l-protezzjoni tad-data u l-privatezza u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ta’ livell għoli. Għalhekk, is-soluzzjonijiet front-end li għandhom jiġu żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li jikkunsidraw kif xieraq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jirregolaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Dan ikun jippermetti l-interoperabbiltà rilevanti mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li jippermettu l-kapitalizzazzjoni ta’ dawn il-benefiċċji. Fuq il-bażi tal-għażla tal-utenti, jenħtieġ li l-interoperabbiltà mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tippermetti wkoll it-twettiq tad-diliġenza dovuta tal-klijenti skont ir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final). Barra minn hekk, sabiex jiksbu esperjenza koerenti għall-klijenti, l-intermedjarji jistgħu jagħżlu li jintegraw bis-sħiħ is-servizzi front-end tal-euro diġitali tagħhom fl-ispeċifikazzjonijiet li jirregolaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.	awtentikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-iskambju ta’ attributi li jinkludu liċenzji u ċertifikati. Jenħtieġ li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jikkontribwixxu għall-aċċess universali effettiv għall-euro diġitali ***online*** u għall-użu tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali bbażati fuq standards u fuq prattiki komuni stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta’ implimentazzjoni. Jenħtieġ li l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jkollha salvagwardji b’saħħithom u speċifiċi sabiex tiżgura l-protezzjoni tad-data u l-privatezza u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ta’ livell għoli. Għalhekk, is-soluzzjonijiet front-end li għandhom jiġu żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li jikkunsidraw kif xieraq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jirregolaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Dan ikun jippermetti l-interoperabbiltà rilevanti mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li jippermettu l-kapitalizzazzjoni ta’ dawn il-benefiċċji. Fuq il-bażi tal-għażla tal-utenti, jenħtieġ li l-interoperabbiltà mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tippermetti wkoll it-twettiq tad-diliġenza dovuta tal-klijenti skont ir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final). Barra minn hekk, sabiex jiksbu esperjenza koerenti għall-klijenti, l-intermedjarji jistgħu jagħżlu li jintegraw bis-sħiħ is-servizzi front-end tal-euro diġitali ***online*** tagħhom fl-ispeċifikazzjonijiet li jirregolaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) Jenħtieġ li, jekk ikunu jixtiequ hekk, l-utenti jkunu jistgħu jawtorizzaw il-pagamenti bl-euro diġitali billi jużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu obbligati jaċċettaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-verifika tal-identitajiet tal-klijenti kemm prospettivi kif ukoll eżistenti, f'konformità mar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final). Sabiex jiġi ffaċilitat il-ftuħ ta' kontijiet bl-euro diġitali madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jiddependu wkoll fuq attestazzjonijiet kwalifikati pprovduti mill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, inkluż għat-twettiq tad-diliġenza dovuta tal-klijent mill-bogħod. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaċċettaw ukoll l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jekk il-pagatur ikun jixtieq juża l-kartiera għall-awtorizzazzjoni ta' pagament ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali. ***Barra minn hekk, sabiex jiġu ffaċilitati l-pagamenti ta' prossimità offline bl-euro diġitali, jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-ħżin tal-euro diġitali fl-apparat ta' pagament.***	(58) Jenħtieġ li, jekk ikunu jixtiequ hekk, l-utenti jkunu jistgħu jawtorizzaw il-pagamenti bl-euro diġitali billi jużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu obbligati jaċċettaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-verifika tal-identitajiet tal-klijenti kemm prospettivi kif ukoll eżistenti, f'konformità mar-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus – COM/2021/421 final). Sabiex jiġi ffaċilitat il-ftuħ ta' kontijiet bl-euro diġitali ***online*** madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jiddependu wkoll fuq attestazzjonijiet kwalifikati pprovduti mill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, inkluż għat-twettiq tad-diliġenza dovuta tal-klijent mill-bogħod. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaċċettaw ukoll l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jekk il-pagatur ikun jixtieq juża l-kartiera għall-awtorizzazzjoni ta' pagament ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online***.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-	(59) Sabiex tiġi ffaċilitata esperjenza armonizzata tal-utenti, ir-regoli, l-

istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ta' regoli komuni u ta' proċessi**,** u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, jista' jappoġġa kompatibbiltà bħal din**.** ***Filwaqt li jistgħu jiġu ingranati s-soluzzjonijiet eżistenti meta soluzzjonijiet bħal dawn jitqiesu xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kompatibbiltà, b'mod partikolari fid-dawl tal-minimizzazzjoni tal-kostijiet ġenerali tal-adattament, jenħtieġ li tali soluzzjonijiet eżistenti ma joħolqux dipendenzi żejda li jistgħu jipprevjenu l-adattament tal-euro diġitali għal teknoloġiji ġodda jew ikunu inkompatibbli mal-karatteristiċi tal-euro diġitali***. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet

istandards u l-proċessi tal-euro diġitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta skont il-kompetenzi tiegħu stess, jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe utent tal-euro diġitali jkun jista' jwettaq tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' kwalunkwe utent ieħor tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro irrispettivament mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament involuti u mis-servizzi front-end użati. Sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tal-pagamenti bl-imnut, u jiġu appoġġati l-kompetizzjoni, l-effiċjenza u l-innovazzjoni f'dak is-suq, u l-iżvilupp ta' strumenti ta' pagament madwar l-Unjoni f'konformità mal-objettiv tal-istrateġija tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bl-imnut, jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati, ***b'mod speċjali dawk ibbażati fuq pagamenti istantanji,*** f'kontinwità mal-isinerġiji funzjonali u tekniċi. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati fil-punt ta' interazzjoni, ***fil-kummerċ elettroniku,*** u f'pagamenti minn persuna għal oħra, li fil-każ tagħhom il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut bħalissa hija sinifikanti. L-użu ta' standards miftuħin, ***ta' protokolli,*** ta' regoli komuni u ta' proċessi ***li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati*** u possibbilment ta' infrastrutturi kondiviżi, jista' jappoġġa kompatibbiltà bħal din. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u mingħajr ma jingħata xi dritt eżegwibbli lill-operaturi tas-suq, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jfittex li jiżgura li l-euro diġitali jkun kompatibbli ma' soluzzjonijiet ta' pagament diġitali privati meta ***jkun possibbli***.

ta’ pagament diġitali privati ***fuq bażi tal-aħjar sforzi u*** meta ***jitqies xieraq***.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(60) Sabiex tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwim, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jipprovdi lill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament u lill-utenti tal-euro diġitali b’appoġġ tekniku u funzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim, tal-anqas b’rabta ma’ (pre) tilwim tekniku u dwar frodi. It-tilwim tekniku jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet li fihom l-ammont tat-tranżazzjoni jvarja, meta jkun hemm duplikati, jew meta ma jkun hemm l-ebda awtorizzazzjoni jew validazzjoni minn qabel. It-tilwim dwar frodi jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet ta’ serq tal-identità, ta’ frodi tal-identità ta’ negozjant u ta’ oġġetti kontrafatti.	(60) Sabiex tiġi ffaċilitata s-soluzzjoni tat-tilwim ***fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali online kif ukoll operazzjonijiet ta’ finanzjament u definanzjament għat-tranżazzjonijiet offline bl-euro diġitali***, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jipprovdi lill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament u lill-utenti tal-euro diġitali b’appoġġ tekniku u funzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim, tal-anqas b’rabta ma’ (pre) tilwim tekniku u dwar frodi. It-tilwim tekniku jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet li fihom l-ammont tat-tranżazzjoni jvarja, meta jkun hemm duplikati, jew meta ma jkun hemm l-ebda awtorizzazzjoni jew validazzjoni minn qabel. It-tilwim dwar frodi jinkludi fost l-oħrajn sitwazzjonijiet ta’ serq tal-identità, ta’ frodi tal-identità ta’ negozjant u ta’ oġġetti kontrafatti.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Premessa 60a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(60a) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti tal-Ġabra ta’ Regoli li tirregola l-operazzjoni tal-euro diġitali, u fid-dawl

tar-rwol tal-Bank Ċentrali Ewropew bħala l-operatur tal-infrastruttura tal-euro diġitali online u bħala d-disinjatur tal-apparat tal-euro diġitali offline u dak li jistabbilixxi l-istandards għal dan l-apparat, jenħtieġ li t-tilwim fost il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jinħoloq mill-applikazzjoni ta' dak il-Ġabra ta' Regoli jiġi deċiż fi ħdan funzjoni waħda ta' soluzzjoni ta' tilwim li titwettaq mill-Bank Ċentrali Ewropew fuq bażi kuntrattwali ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali. Dan l-arranġament jipprevedi allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet, ibbażata fuq rabta kawżali bejn il-forniment tal-infrastruttura mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-applikazzjoni tal-Ġabra ta' Regoli u kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta minnhom. Sabiex tiġi salvagwardjata l-imparzjalità, il-funzjoni jenħtieġ li topera b'regoli interni u b'qafas ta' governanza li jiżgura s-separazzjoni operazzjonali u l-indipendenza sħiħa mill-kompiti ta' sorveljanza tas-sistema ta' pagamenti tal-Bank Ċentrali Ewropew. Id-deċiżjonijiet adottati f'dan il-kuntest jenħtieġ li jorbtu lill-fornituri parteċipanti permezz tal-impenji kuntrattwali tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-aċċess għar-rimedji ġudizzjarji skont id-dritt nazzjonali u tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti	(61) Sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali bħala parti mis-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jiġu pprovduti

b’servizzi front-end. Jenħtieġ li dawk l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti ***mill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament u*** mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ***ikunu jistgħu jagħżlu li jiddependu fuq servizzi ta’ pagament*** front-end ***ipprovduti minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew, b’mod partikolari fil-każ li fih il-kost tal-iżvilupp u tal-operat ta’ servizzi ta’ pagament front-end, li jinkludu applikazzjonijiet, ikun sproporzjonat***. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa’ f’idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jew ***mill-Bank Ċentrali Ewropew***. ***F’dan ir-rigward, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ikollhom il-kapaċità li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bil-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta’ pagament tal-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti*** mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta’ sigurtà u ta’ preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista’ tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

b’servizzi front-end. Jenħtieġ li dawk l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew. ***F’dan ir-rigward,*** jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ***ikollhom il-kapaċità li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bil-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali permezz tas-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew***. ***Il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jenħtieġ li jkunu jistgħu jħallu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali permezz tas-soluzzjonijiet*** front-end ***tagħhom stess***. Meta l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jagħżlu bejn servizzi front-end differenti, jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni li jintgħażel servizz partikolari front-end tibqa’ f’idejn dawk l-utenti u jenħtieġ li ma tiġix imposta mill-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jew mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta’ sigurtà u ta’ preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista’ tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Premessa 61a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(61a) Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali jenħtieġ li jiżguraw li s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali meta jiġu pprovduti servizzi front-end biex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali jikkonformaw mal-istandards tekniċi u tas-sigurtà stabbiliti jew iċċertifikati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Għal dak l-għan, il-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li jiżviluppa l-istandards tekniċi, operazzjonali u tas-sigurtà, inkluż il-proċess ta' ċertifikazzjoni fejn applikabbli, għall-apparati tal-euro diġitali offline u l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali biex tkun żgurata l-eżekuzzjoni reżiljenti, sikura u bla xkiel tal-pagamenti.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) ***Sabiex tiġi evitata interferenza fir-relazzjonijiet mal-klijenti tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament u fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali, jenħtieġ li s-soluzzjonijiet front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew ikunu limitati għall-provvista ta' interfaċċa bejn l-utenti tal-euro diġitali u l-infrastrutturi ta' pagament tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament. B'mod partikolari, l-Eurosistema ma jkollhiex relazzjoni kuntrattwali mal-utenti tal-euro diġitali anki jekk dawk l-utenti jużaw is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew.*** Jenħtieġ li l-BĊE u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u	(62) Jenħtieġ li l-BĊE u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta’ sigurtà u ta’ preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista’ tiġi aċċessata mill-BĊE permezz tas-soluzzjoni front-end tiegħu.

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Premessa 63

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(63) Sabiex joffru esperjenza mingħajr xkiel lill-utenti, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b’servizzi front-end sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali jaraw li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali malajr u faċilment. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali jiġu mmarkati b’mod ċar bl-użu tal-logo uffiċjali tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali jiġu aċċessati permezz ta’ waħda mill-paġni ewlenin tas-sit web fuq l-Internet jew permezz ta’ applikazzjoni, jew permezz ta’ kwalunkwe servizz ieħor front-end, fuq l-istess livell bħall-kontijiet ta’ pagament tal-euro mhux diġitali.	(63) Sabiex joffru esperjenza mingħajr xkiel lill-utenti, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament li jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b’servizzi front-end sabiex jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali jaraw li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali malajr u faċilment. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali ***online u l-apparati tal-euro diġitali online*** jiġu mmarkati b’mod ċar bl-użu tal-logo uffiċjali tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali ***online*** jiġu aċċessati permezz ta’ waħda mill-paġni ewlenin tas-sit web fuq l-Internet jew permezz ta’ applikazzjoni, jew permezz ta’ kwalunkwe servizz ieħor front-end, fuq l-istess livell bħall-kontijiet ta’ pagament tal-euro mhux diġitali.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Sabiex jiġi pprovdut saldu istantanju, it-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali kemm online kif ukoll offline, inkluż fil-kuntest tal-finanzjament u tad-definanzjament***, u bħala funzjonalitajiet kaskata u kaskata inversa***, jenħtieġ li jiġu saldati b'mod istantanju, fi ftit sekondi biss, f'ċirkostanzi normali. Is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jenħtieġ li jsir fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali adottata mill-Eurosistema. Jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali jenħtieġ li jinkiseb fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-euro diġitali kkonċernat tal-pagatur u tal-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Bank Ċentrali Ewropew, irrispettivament minn jekk il-euros diġitali jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata. Jenħtieġ li l-infrastruttura diġitali għas-saldu bl-euro tfittex li tiżgura l-adattament għal teknoloġiji ġodda, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit.	(64) Sabiex jiġi pprovdut saldu istantanju, it-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali kemm online kif ukoll offline, inkluż fil-kuntest tal-finanzjament u tad-definanzjament, jenħtieġ li jiġu saldati b'mod istantanju, fi ftit sekondi biss, f'ċirkostanzi normali. Is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jenħtieġ li jsir fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali adottata mill-Eurosistema. Jenħtieġ li t-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali jenħtieġ li jinkiseb fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-euro diġitali kkonċernat tal-pagatur u tal-prenditur fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali approvata mill-Bank Ċentrali Ewropew, irrispettivament minn jekk il-euros diġitali jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata. Jenħtieġ li l-infrastruttura diġitali għas-saldu bl-euro ***online*** tfittex li tiżgura l-adattament għal teknoloġiji ġodda, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) ***Minħabba n-nuqqas ta' konnettività ma' network,*** jenħtieġ li s-saldu ta' ***pagamenti ta' prossimità*** offline bl-euro diġitali jitwettaq ***fl-ispazju tal-ħżin lokali tal-apparat ta' pagament***	(65) Jenħtieġ li s-saldu ta' ***tranżazzjonijiet ta' pagament*** offline bl-euro diġitali jitwettaq ***mingħajr il-ħtieġa ta' infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali***. Jenħtieġ li ***t-tranżazzjonijiet ta'***

rispettivament tal-pagaturi u tal-prendituri. Jenħtieġ li ***l-pagamenti ta' prossimità*** offline bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li s-saldu finali jseħħ fil-mument ***tal-aġġornament tar-rekords tal-ammonti miżmumin rilevanti*** tal-euro diġitali ***fl-apparati għall-ħżin lokali tal-pagatur u tal-prenditur, rispettivament, irrispettivament minn jekk il-euros*** diġitali ***jkunux irreġistrati bħala bilanċi miżmumin jew unitajiet ta' valur, jew mit-teknoloġija użata***.

pagament offline bl-euro diġitali jiġu saldati fi ftit sekondi kif speċifikat fir-rekwiżiti funzjonali u tekniċi adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li s-saldu finali jseħħ fil-mument ***meta l-fondi fl-apparat*** tal-euro diġitali ***offline tal-pagatur jiġu ttrasferiti direttament lill-apparat tal-euro diġitali offline tal-prenditur, mingħajr ebda intermedjazzjoni ta' kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' pagament jew l-infrastruttura għas-saldu bl-euro*** diġitali.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(67) Għal raġunijiet ta' libertà kuntrattwali u sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom il-possibbiltà li jibdlu l-kontijiet ta' pagament tagħhom bl-euro diġitali għal forniturі differenti ta' servizzi ta' pagament. Fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li mbagħad jippermettu l-bdil tal-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, filwaqt li jinżammu l-istess identifikaturi tal-kontijiet. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx jista' jwettaq dan il-kompitu, inkluż minħabba li jkun tilef id-data diġitali rilevanti relatata mal-kont ta' pagament bl-euro, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jawtorizza l-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali sabiex il-fornitur il-ġdid ta' servizzi ta' pagament dežinjat mill-utent tal-euro diġitali jkun jista' jikseb l-informazzjoni dwar l-ammonti miżmumin ta' euro diġitali	(67) Għal raġunijiet ta' libertà kuntrattwali u sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom il-possibbiltà li jibdlu l-kontijiet ta' pagament ***online*** tagħhom bl-euro diġitali għal forniturі differenti ta' servizzi ta' pagament. Fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali online, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li mbagħad jippermettu l-bdil tal-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online***, filwaqt li jinżammu l-istess identifikaturi tal-kontijiet. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx jista' jwettaq dan il-kompitu, inkluż minħabba li jkun tilef id-data diġitali rilevanti relatata mal-kont ta' pagament bl-euro, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jawtorizza l-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali sabiex il-fornitur il-ġdid ta' servizzi ta' pagament dežinjat mill-utent tal-euro diġitali jkun jista' jikseb l-informazzjoni dwar l-ammonti miżmumin

tal-utent tal-euro diġitali u jlesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. Jenħtieġ li dan il-proċess jippermetti lil utent tal-euro diġitali jkompli jkollu aċċess għall-ammonti miżmumin ta' euro diġitali tiegħu permezz tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament dażinjat ġdid. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma jkollu l-ebda rwol operazzjonali tal-bdil tal-kontijiet kemm f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat kif ukoll f'ċirkostanzi eċċezzjonali.	ta' euro diġitali tal-utent tal-euro diġitali ***online*** u jlesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli. Jenħtieġ li dan il-proċess jippermetti lil utent tal-euro diġitali ***online*** jkompli jkollu aċċess għall-ammonti miżmumin ta' euro diġitali tiegħu permezz tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament dażinjat ġdid. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma jkollu l-ebda rwol operazzjonali tal-bdil tal-kontijiet kemm f'sitwazzjonijiet ta' negozju avvjat kif ukoll f'ċirkostanzi eċċezzjonali.
	Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Il-prevenzjoni tal-frodi mill-forniturі ta' servizzi ta' pagamenti hija essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali, għall-integrità tad-data personali pproċessata fil-pagament bl-euro diġitali, u biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-euro diġitali. Il-prevenzjoni tal-frodi għandha rwol essenzjali fiż-żamma tal-fiduċja fil-munita unika. Għal dan l-għan, il-Bank Ċentrali Ewropew ***jista'*** jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi sabiex jappoġġa l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-frodi mwettqin mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament fuq tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali. Mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni jipprovdi firxa ta' funzjonijiet essenzjali biex jiġu identifikati xejriet ta' frodi li fornitur uniku ta' servizzi ta' pagament ma setax jidentifika waħdu. Spiss fornitur wieħed ta' servizzi ta' pagament ma jkollux l-istampa sħiħa dwar	(68) Il-prevenzjoni tal-frodi mill-forniturі ta' servizzi ta' pagamenti hija essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali, għall-integrità tad-data personali pproċessata fil-pagament bl-euro diġitali, u biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-euro diġitali. Il-prevenzjoni tal-frodi għandha rwol essenzjali fiż-żamma tal-fiduċja fil-munita unika. Għal dan l-għan, il-Bank Ċentrali Ewropew ***jenħtieġ li*** jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni tal-frodi sabiex jappoġġa l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-frodi mwettqin mill-forniturі ta' servizzi ta' pagament fuq tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali. Mekkaniżmu ġenerali għad-detezzjoni u għall-prevenzjoni jipprovdi firxa ta' funzjonijiet essenzjali biex jiġu identifikati xejriet ta' frodi li fornitur uniku ta' servizzi ta' pagament ma setax jidentifika waħdu. Spiss fornitur wieħed ta' servizzi ta' pagament ma jkollux l-istampa sħiħa dwar

l-elementi kollha li jistgħu jwasslu għal detezzjoni f'waqtha tal-frodi. Madankollu, dan jista' jsir aktar effettiv b'informazzjoni dwar attività potenzjalment frodulenti li tirriżulta minn forniturі oħra ta' servizzi ta' pagament. Din il-funzjoni ġenerali ta' detezzjoni tal-frodi teżisti fi skemi ta' pagament komparabbli u hija meħtieġa biex jinkisbu rati ta' frodi baxxi b'mod ċar sabiex l-euro diġitali jinżamm sigur kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti. Jenħtieġ li t-trasferiment ta' informazzjoni bejn il-PSPs u l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jkunu soġġetti għal miżuri ta' ***sigurtà*** u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ***sabiex jiġi żgurat*** li l-utenti individwali tal-euro diġitali ma jiġux identifikati mill-mekkaniżmu ċentrali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi.	l-elementi kollha li jistgħu jwasslu għal detezzjoni f'waqtha tal-frodi. Madankollu, dan jista' jsir aktar effettiv b'informazzjoni dwar attività potenzjalment frodulenti li tirriżulta minn forniturі oħra ta' servizzi ta' pagament. Din il-funzjoni ġenerali ta' detezzjoni tal-frodi teżisti fi skemi ta' pagament komparabbli u hija meħtieġa biex jinkisbu rati ta' frodi baxxi b'mod ċar sabiex l-euro diġitali jinżamm sigur kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozjanti. Jenħtieġ li t-trasferiment ta' informazzjoni bejn il-PSPs u l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jkunu soġġetti għal miżuri ***tekniċi,*** ta' ***sikurezza*** u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku***. Jenħtieġ*** li l-utenti individwali tal-euro diġitali ma jiġux identifikati mill-mekkaniżmu ċentrali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi. ***Jenħtieġ li l-miżuri fis-seħħ jiżguraw li l-inċidenza tal-frodi għall-euro diġitali ma tkunx ogħla minn dik osservata għal mezzi diġitali komparabbli ta' pagament, u b'mod speċifiku għall-euro diġitali offline, li l-inċidenza tal-infiq doppju jew tal-falsifikazzjoni ma tkunx ogħla milli fil-każ tal-flus kontanti.***
	Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(69) Sabiex jiġu pproċessati l-pagamenti bl-euro diġitali online jew offline, huwa essenzjali li l-forniturі tas-servizzi front-end għall-euro diġitali u l-emittenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jiksbu aċċess għat-teknoloġija ta' komunikazzjoni b'kamp fil-qrib (NFC) fuq apparati mobbli. Dawn il-komponenti jinkludu, b'mod	(69) Sabiex jiġu pproċessati l-pagamenti bl-euro diġitali online jew offline, huwa essenzjali li l-forniturі tas-servizzi front-end għall-euro diġitali u l-emittenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jiksbu aċċess għat-teknoloġija ta' komunikazzjoni b'kamp fil-qrib (NFC) fuq apparati mobbli. Dawn il-komponenti jinkludu, b'mod

partikolari iżda mhux biss, l-antenni tal-NFC u l-hekk imsejħin elementi siguri tal-apparati mobbli (eż.: Kard Universali b'Ċirkwit Integrat (UICC), SE inkorporat (eSE), u microSD, eċċ.). Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li kull meta jkun meħtieġ biex jiġu pprovduti servizzi tal-euro diġitali, il-manifatturi tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli jew il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika ma jirrifjutawx l-aċċess għall-antenni tal-NFC u għall-elementi siguri. Jenħtieġ li l-flus tal-bank ċentrali b'valuta legali jkunu aċċessibbli b'mod wiesa'. Sabiex dan jiġi żgurat ukoll fl-ekonomija diġitali, il-fornituri ta' servizzi front-end għall-euro diġitali u l-operaturi tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom ikunu intitolati jaħżnu software fuq hardware rilevanti ta' apparat mobbli sabiex jagħmlu t-tranżazzjonijiet bl-euro diġitali teknikament possibbli kemm online kif ukoll offline. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jkunu obbligati jipprovdu aċċess skont termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji għall-komponenti kollha tal-hardware u tas-software meta jkunu meħtieġa għal tranżazzjonijiet online u offline bl-euro diġitali. Fil-każijiet kollha, operaturi bħal dawn ikunu obbligati jipprovdu kapaċità adegwata dwar il-karatteristiċi rilevanti tal-hardware u tas-software f'apparati mobbli sabiex jipproċessaw ***tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali u għall-ħżin tal-euro diġitali fuq apparati mobbli għal*** tranżazzjonijiet ta' pagament ***offline*** bl-euro diġitali. Jenħtieġ li dan l-obbligu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE) 2022/1925, li jobbliga lill-gwardjani jipprovdu, mingħajr ħlas, interoperabbiltà effettiva mal-karatteristiċi tas-sistema operattiva, tal-hardware jew tas-software tal-apparati mobbli u aċċess għalihom, li huwa applikabbli għal mezzi ta' pagament diġitali eżistenti u ġodda, inkluż l-euro

partikolari iżda mhux biss, l-antenni tal-NFC u l-hekk imsejħin elementi siguri tal-apparati mobbli (eż.: Kard Universali b'Ċirkwit Integrat (UICC), SE inkorporat (eSE), u microSD, eċċ.). Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi żgurat li kull meta jkun meħtieġ biex jiġu pprovduti servizzi tal-euro diġitali, il-manifatturi tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli jew il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika ma jirrifjutawx l-aċċess għall-antenni tal-NFC u għall-elementi siguri. Jenħtieġ li l-flus tal-bank ċentrali b'valuta legali jkunu aċċessibbli b'mod wiesa'. Sabiex dan jiġi żgurat ukoll fl-ekonomija diġitali, il-fornituri ta' servizzi front-end għall-euro diġitali u l-operaturi tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom ikunu intitolati jaħżnu software fuq hardware rilevanti ta' apparat mobbli sabiex jagħmlu t-tranżazzjonijiet bl-euro diġitali teknikament possibbli kemm online kif ukoll offline. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jkunu obbligati jipprovdu aċċess skont termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji għall-komponenti kollha tal-hardware u tas-software meta jkunu meħtieġa għal tranżazzjonijiet online u offline bl-euro diġitali. Fil-każijiet kollha, operaturi bħal dawn ikunu obbligati jipprovdu kapaċità adegwata dwar il-karatteristiċi rilevanti tal-hardware u tas-software f'apparati mobbli sabiex jipproċessaw tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Jenħtieġ li dan l-obbligu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE) 2022/1925, li jobbliga lill-gwardjani jipprovdu, mingħajr ħlas, interoperabbiltà effettiva mal-karatteristiċi tas-sistema operattiva, tal-hardware jew tas-software tal-apparati mobbli u aċċess għalihom, li huwa applikabbli għal mezzi ta' pagament diġitali eżistenti u ġodda, inkluż l-euro diġitali.

diġitali.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) Id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali huma drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kif enfasizzat mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data[34], standard għoli ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-data huwa kruċjali sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-Ewropej fl-euro diġitali tal-futur. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji tal-Ordni Pubbliku tal-G7 għall-Muniti Diġitali tal-Banek Ċentrali għall-Konsumatur. L-ipproċessar ta' data personali għall-konformità u fil-kuntest ta' dan ir-Regolament isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679[35] u mar-Regolament (UE) ***2018/1715***[36], kif ukoll, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2002/58/KE[37].	(70) Id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali huma drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kif enfasizzat mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data[34], standard għoli ta' privatezza u ta' protezzjoni tad-data huwa kruċjali sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-Ewropej fl-euro diġitali tal-futur. Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipji tal-Ordni Pubbliku tal-G7 għall-Muniti Diġitali tal-Banek Ċentrali għall-Konsumatur. L-ipproċessar ta' data personali għall-konformità u fil-kuntest ta' dan ir-Regolament isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679[35] u mar-Regolament (UE) ***2018/1725***[36], kif ukoll, fejn applikabbli, mad-Direttiva 2002/58/KE[37].
[34] Id-dikjarazzjoni dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data adottata fl-10 ta' Ottubru 2022.	[34] Id-dikjarazzjoni dwar l-għażliet tad-disinn għal euro diġitali mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data adottata fl-10 ta' Ottubru 2022.
[35] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.	[35] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.
[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-	[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98.	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98.
[37] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ĠU L 201, 31.07.2002, p. 37.	[37] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ĠU L 201, 31.07.2002, p. 37.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Għalhekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jitfassal sabiex jiġi mminimizzat l-ipproċessar ta' data personali mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dak li jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun disponibbli ***offline,*** b'livell ta' privatezza vis-à-vis il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li huwa komparabbli mal-prelevamenti ta' karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus. Jenħtieġ li s-saldu ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali jkun imfassal b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli.	(71) Għalhekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jitfassal sabiex jiġi mminimizzat l-ipproċessar ta' data personali mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u mill-Bank Ċentrali Ewropew għal dak li jkun neċessarju sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali ***offline*** jkun disponibbli b'livell ta' privatezza vis-à-vis il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li huwa komparabbli mal-prelevamenti ta' karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus. Jenħtieġ li s-saldu ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali jkun imfassal b'tali mod li la l-Bank Ċentrali Ewropew u lanqas il-banek ċentrali nazzjonali ma jkunu jistgħu jattribwixxu data għal utent tal-euro diġitali identifikat jew identifikabbli.

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jipproċessaw data personali sa fejn ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li huma essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. F'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' pproċessar jitqiesu bħala legali fir-rigward tal-euro diġitali jekk u sa fejn ikunu neċessarji għall-konformità ma' obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur skont dan ir-Regolament. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin, il-bidu tal-finanzjament u d-definanzjament tal-ammonti miżmumin ta' utent, u l-ġestjoni tal-apparati ***għall-ħżin lokali*** għall-pagamenti offline bl-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament se jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipproċessaw data personali sabiex jikkonformaw mal-kompiti eżistenti fl-interess pubbliku jew għall-konformità ma' obbligu legali stabbilit fid-dritt tal-Unjoni li japplika ***għall-fondi definiti fid-Direttiva (UE) 2015/2366***. Dawn il-kompiti japplikaw għall-forniment ta' servizzi ta' pagament u għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni ta' frodi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/2366, għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-Direttiva (UE)	(73) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ikunu jistgħu jipproċessaw data personali sa fejn ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li huma essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. F'konformità mal-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' pproċessar jitqiesu bħala legali fir-rigward tal-euro diġitali jekk u sa fejn ikunu neċessarji għall-konformità ma' obbligu legali li għalih ikun soġġett il-kontrollur skont dan ir-Regolament. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin, il-bidu tal-finanzjament u d-definanzjament tal-ammonti miżmumin ta' utent, u l-ġestjoni tal-apparati ***tal-euro diġitali offline*** għall-pagamenti offline bl-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament se jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipproċessaw data personali sabiex jikkonformaw mal-kompiti eżistenti fl-interess pubbliku jew għall-konformità ma' obbligu legali stabbilit fid-dritt tal-Unjoni li japplika ***għall-euro diġitali***. Dawn il-kompiti japplikaw għall-forniment ta' servizzi ta' pagament u għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni ta' frodi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/2366, għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849, għat-twettiq

2015/849, għat-twettiq ta’ obbligi relatati mat-tassazzjoni u mal-evitar tat-taxxa, u għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u tas-sigurtà f’konformità mar-Regolament (UE) 2022/255.

ta’ obbligi relatati mat-tassazzjoni u mal-evitar tat-taxxa, u għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u tas-sigurtà f’konformità mar-Regolament (UE) 2022/255.

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Tranżazzjonijiet ta’ pagamenti offline bl-euro diġitali huma pagamenti ***ta’*** prossimità fiżika (“wiċċ imb wiċċ”)***. Għandhom similaritajiet ma’ tranżazzjonijiet fi*** flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b’mod simili f’termini ta’ privatezza. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma jipproċessawx data personali relatata ma’ tranżazzjonijiet ta’ pagament offline bl-euro diġitali, iżda biss data personali relatata ***mad-depożitu jew mal-prelevament ta’ euro*** diġitali ***minn kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali sabiex jintefgħu fuq apparati għall-ħżin lokali, jew mill-apparati għall-ħżin lokali għall-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali***. Dan jinkludi l-identifikatur ***tal-apparati għall-ħżin lokali*** li l-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti jattribwixxu lil utent tal-euro diġitali li jżomm euro diġitali offline. Dak il-livell ta’ privatezza jkun komparabbli mal-prelevamenti ta’ karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus meta l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jipproċessaw data personali relatata mal-identità tal-utenti u data li tappartjeni għal kif ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ definanzjament. Dan ifisser li jenħtieġ li ma jseħħ l-ebda monitoraġġ tad-data tat-tranżazzjonijiet għal tranżazzjonijiet ta’ pagamenti offline	(75) Tranżazzjonijiet ta’ pagamenti offline bl-euro diġitali huma pagamenti ***li jseħħu jew fi*** prossimità fiżika (“wiċċ imb wiċċ”) ***jew f’distanza permezz ta’ link ta’ komunikazzjoni diretta jekk tkun disponibbli l-konnettività fuq żewġ apparati. Ammonti miżmumin ta’ euro diġitali offline jinħażnu b’mod diġitali fl-apparat u ma hemmx bżonn ta’ kontijiet jew infrastrutturi ta’ saldu biex issir tranżazzjoni. Hemm karatteristiċi simili għal*** flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b’mod simili f’termini ta’ privatezza. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma jipproċessawx data personali relatata ma’ tranżazzjonijiet ta’ pagament offline bl-euro diġitali, iżda biss data personali relatata ***mal-finanzjament jew id-definanzjament tal-apparat tal-euro*** diġitali ***offline.*** Dan jinkludi l-identifikatur ***tal-apparat tal-euro diġitali offline*** li l-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti jattribwixxu lil utent tal-euro diġitali li jżomm euro diġitali offline. Dak il-livell ta’ privatezza jkun komparabbli mal-prelevamenti ta’ karti tal-flus minn magni awtomatiċi tal-flus meta l-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament jipproċessaw data personali relatata mal-identità tal-utenti u data li tappartjeni għal kif ikunu twettqu t-tranżazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ definanzjament. Dan ifisser li jenħtieġ li

bl-euro diġitali.	ma jseħħ l-ebda monitoraġġ tad-data tat-tranżazzjonijiet għal tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali sa kemm ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li jkunu essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tas-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u l-ġestjoni tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-kompitu li jinżammu s-sigurtà u l-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali jinkludi attivitajiet relatati mal-iżgurar tal-istabbiltà u tar-reżiljenza operazzjonali tal-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jipproċessaw data personali għal dawn il-kompiti billi jużaw miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bħall-psewdonimizzazzjoni jew il-kriptaġġ, sabiex jiżguraw li d-data ma tkunx tista' tintuża sabiex jiġi identifikat direttament utent speċifiku tal-euro diġitali.	(76) Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali sa kemm ikun neċessarju sabiex jitwettqu kompiti li jkunu essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-euro diġitali. Fil-qafas ta' dan ir-regolament, l-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tas-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u l-ġestjoni tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali huma kompiti fl-interess pubbliku li huma essenzjali għall-protezzjoni taċ-ċittadini li jagħmlu użu mill-euro diġitali kif ukoll għall-istabbiltà u għall-integrità tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-kompitu li jinżammu s-sigurtà u l-integrità tal-infrastruttura tal-euro diġitali jinkludi attivitajiet relatati mal-iżgurar tal-istabbiltà u tar-reżiljenza operazzjonali tal-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-kontrollur tad-data personali fir-rigward ta' dawn il-kompiti. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jipproċessaw data personali għal dawn il-kompiti billi jużaw miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, bħall-psewdonimizzazzjoni jew il-kriptaġġ, sabiex jiżguraw li d-data ma tkunx tista' tintuża sabiex jiġi identifikat direttament ***jew indirettament*** utent speċifiku tal-euro diġitali ***jew tiġi assoċjata ma'***

tranżazzjonijiet speċifiċi.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti ***ta' żamma*** u l-iżgurar tal-bdil eċċezzjonali ta' kontijiet diġitali ta' pagament tal-euro f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq talba tal-utent tal-euro diġitali, huwa meħtieġ punt ta' aċċess uniku ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-euro diġitali madwar iż-żona tal-euro kollha, peress li l-utenti tal-euro diġitali jistgħu jżommu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali fi Stati Membri differenti. Meta jiġi stabbilit il-punt uniku ta' aċċess, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jiġi minimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jikkunsidraw, fejn xieraq u biex jimminimizzaw ir-riskju ta' ksur tad-data, l-użu tal-ħżin deċentralizzat tad-data.	(77) Għall-finijiet tal-infurzar tal-limiti u l-iżgurar tal-bdil eċċezzjonali ta' kontijiet diġitali ta' pagament tal-euro f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fuq talba tal-utent tal-euro diġitali, huwa meħtieġ punt ta' aċċess uniku ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-euro diġitali madwar iż-żona tal-euro kollha, peress li l-utenti tal-euro diġitali ***online*** jistgħu jżommu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali fi Stati Membri differenti. Meta jiġi stabbilit il-punt uniku ta' aċċess, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jiżguraw li l-ipproċessar tad-data personali jiġi minimizzat għal dak li huwa strettament meħtieġ u li l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku tkun inkorporata. Jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jikkunsidraw, fejn xieraq u biex jimminimizzaw ir-riskju ta' ksur tad-data, l-użu tal-ħżin deċentralizzat tad-data.

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Premessa 80

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(80) ***B'kuntrast mat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali, it-tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali ma humiex limitati għal tranżazzjonijiet ta' prossimità fiżika, u jistgħu jintużaw għat-trasferiment ta' fondi mill-bogħod bejn l-utenti tal-euro diġitali.*** Għal ***tranżazzjonijiet ta'*** pagament online bl-euro diġitali***, il-muniti diġitali tal-banek ċentrali jistgħu jippreżentaw riskji*** ta' AML/CFT ***akbar mill-flus kontanti peress li jkunu qegħdin jaġixxu bħala strument li l-likwidità tiegħu tkun*** simili għal ***dik tal-flus kontanti iżda mingħajr il-limitazzjonijiet fuq il-portabbiltà li huma impliċiti fil-flus kontanti***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali għandha tkun soġġetta għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39].	(80) Għal pagament online bl-euro diġitali***, ir-riskji*** ta' AML/CFT ***huma*** simili għal ***mezzi diġitali ta' pagament kumparabbli***. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali għandha tkun soġġetta għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39].
[39] Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).	[39] Ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Premessa 80a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(80a) Filwaqt li t-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandhom similaritajiet ma'

tranżazzjonijiet fi flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod simili f'termini tal-privatezza, limiti speċifiċi fuq l-ammonti miżmumin u fuq it-tranżazzjonijiet għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali huma essenzjali għall-mitigazzjoni tal-profil tar-riskju tal-AML/CFT speċifiku tagħhom.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Premessa 80b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(80b) Il-karatteristika tal-euro diġitali offline li tippermetti pagamenti b'livelli ta' privatezza komparabbli mal-flus kontanti anke mingħajr prossimità fiżika meta tkun disponibbli l-konnettività fuq iż-żewġ naħat, tirrikjedi reġim tal-AML apposta għal dawn it-tranżazzjonijiet offline. Dan ir-reġim jenħtieġ li jsegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju allinjat ma' rakkomandazzjonijiet u standards minn korpi internazzjonali kompetenti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, bħat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tkun proporzjonata għall-istatus tal-valuta legali tal-euro diġitali offline. L-ikkalibrar tar-reġim il-ġdid tal-AML ma' dak l-istatus huwa essenzjali sabiex l-użu tiegħu bħala mezz ta' pagament ma jkunx ristrett bla bżonn. Qafas operabbli jista' jinstab fir-Rakkomandazzjoni 16, il-punt 8 tal-FATF, li jipprevedi qafas simplifikat tal-AML li jmur lil hinn mir-"regola tal-ivvjaġġar" tradizzjonali billi jistabbilixxi livell limitu de minimis. Dan l-approċċ huwa diġà rifless fid-dritt tal-Unjoni fl-Artikolu 19(7) tar-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-

	Kunsill[1a], li jippermetti eżenzjoni sħiħa jew parzjali mir-rekwiżiti għal ċerti prodotti, irrispettivamenti mid-distanza bejn il-pagatur u l-prenditur, soġġett għal ammont massimu. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa dan ir-reġim tal-AML/CFT apposta f'konsultazzjoni mal-AMLA.
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj)

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(82) Filwaqt li t-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandhom similaritajiet ma' tranżazzjonijiet fi flus kontanti u jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod simili f'termini tal-privatezza, limiti speċifiċi fuq l-ammonti miżmumin u fuq it-tranżazzjonijiet għall-pagamenti ta' prossimità offline huma essenzjali għall-mitigazzjoni tar-riskji tal-AML/CFT,	***imħassar***

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Premessa 82a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(82a) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti dwar il-valuta legali u jinżamm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati fir-rigward ta' eċċezzjonijiet addizzjonali għall-aċċettazzjoni obbligatorja u tat-tipi ta' data personali pproċessati mill-forniturи ta' servizzi ta' pagament, mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali u mill-forniturи ta' servizzi ta' appoġġ. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, jenħtieġ li tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Premessa 85

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(85) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] u taw opinjoni konġunta ***fi [XX XX 2023]***.	(85) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] u taw opinjoni konġunta ***fis-17 ta' Ottubru 2023***.
[41] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta'	[41] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta'

Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).	Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bl-għan li l-euro jiġi adattat għall-bidliet teknoloġiċi u sabiex jiġi żgurat l-użu tiegħu bħala munita unika, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw b'mod partikolari l-istatus ta' valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali ***tiegħu***.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-euro diġitali u jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw***,*** b'mod partikolari ***l-ħruġ,*** l-istatus ta' valuta legali, id-distribuzzjoni, l-użu u l-karatteristiċi tekniċi essenzjali ***tiegħu***.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi;	1. "euro diġitali" tfisser il-forma diġitali tal-munita unika***, kemm offline kif ukoll online,*** disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi;

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. "euro diġitali offline" tfisser rappreżentanza diġitali, mhux ibbażata fuq kontijiet ta' flus kontanti maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew li tinħażen b'mod diġitali u li hija aċċessibbli permezz ta' apparat tal-euro diġitali offline u li tista' tiġi ttrasferita b'mod diġitali u sigur lil apparat tal-euro diġitali offline ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' infrastruttura ċentralizzata għas-saldu bl-euro diġitali għas-saldu finali tat-tranżazzjonijiet, u li tista' topera anke jekk apparat wieħed jew iż-żewġ apparati tal-euro diġitali offline ma jkollhom l-ebda konnettività tal-internet b'mod temporanju jew permanenti;

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. "euro diġitali online" tfisser sistema ta' pagament online bbażata fuq kontijiet maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew li tirrikjedi infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. "soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovrana pan-Ewropea" tfisser soluzzjoni ta' pagament diġitali Ewropea operata privatament, li:
	(a) hija aċċessibbli fl-Unjoni;
	(b) hija operata minn impriża stabbilita fl-Unjoni li ma hijiex taħt l-influwenza ta' kontroll ta' partijiet terzi stabbiliti barra mill-Unjoni, u li l-infrastruttura essenzjali tagħha tinsab fiż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];
	(c) topera standards rikonoxxuti madwar l-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2a] jew hija integrata teknikament f'sistemi konformi mas-SEPA fir-rigward ta' trasferimenti ta' kreditu, pagament istantanju fil-punt ta' interazzjoni jew skemi ta' karti tad-debitu stabbiliti u bbażati fl-Unjoni;
	(d) toffri funzjonalitajiet ta' pagament għal persuni fiżiċi;
	(e) tippermetti pagamenti fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, direttament jew permezz ta' interoperabbiltà ma' soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani Ewropej oħra;
	(f) hija soġġetta għas-sorveljanza u s-superviżjoni tar-rekwiżiti fil-livell tal-Unjoni mill-Eurosistema f'kollaborazzjoni, meta jkun xieraq, mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/452/oj)
	[2a] Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14

ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p.22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/260/oj)

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "kont ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kont miżmum minn utent wieħed jew aktar tal-euro diġitali ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament sabiex jaċċessa l-euro diġitali rreġistrat fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali ***jew f'apparat offline tal-euro diġitali*** u sabiex jibda jew jirċievi tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali, ***kemm jekk offline kif ukoll online, u*** irrispettivament mit-teknoloġija u mill-istruttura tad-data;	5. "kont ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kont miżmum minn utent wieħed jew aktar tal-euro diġitali ***online*** ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament sabiex jaċċessa l-euro diġitali ***online*** rreġistrat fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali u sabiex jibda jew jirċievi tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online***, irrispettivament mit-teknoloġija u mill-istruttura tad-data;

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. "apparat tal-euro diġitali offline" tfisser l-element sigur li fih jinħażen l-euro diġitali offline li jikkonforma mar-rekwiżiti tas-software u tal-hardware stabbiliti mill-Bank Ċentrali Ewropew biex ikunu żgurati s-sikurezza, ir-reżiljenza u l-integrità tal-ħżin tiegħu u t-trasferiment tiegħu permezz ta'

	tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. "Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali" tfisser ***il-kartieri stabbiliti*** fl-Artikolu ***6a*** tar-Regolament ***(EUDIWR) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final]***;	6. "Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali" tfisser ***Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif definit*** fl-Artikolu ***3, il-punt 42,*** tar-Regolament ***(UE) Nru 910/2014*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[2a]***;
	[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. "servizz ta' pagament offline bl-euro diġitali" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fl-

Anness I;

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. "servizz ta' pagament bl-euro diġitali" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fl-Anness ***I***;	8. "servizz ta' pagament bl-euro diġitali ***online***" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fl-Anness ***Ia***;

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. "pagatur" tfisser kull min għandu kont ta' pagament bl-euro diġitali u jippermetti li ssir ordni ta' pagament minn dak il-kont ta' pagament bl-euro diġitali;	9. "pagatur" tfisser kull min għandu ***euros diġitali offline f'apparat tal-euro diġitali offline u jittrasferihom lil apparat tal-euro diġitali offline ieħor jew lil kull min għandu*** kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** u jippermetti li ssir ordni ta' pagament minn dak il-kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online***;

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. “finanzjament” tfisser il-proċess li bih utent tal-euro diġitali jikseb euro diġitali, bi skambju għal flus kontanti jew għal fondi oħrajn, li ***joħloq*** responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew ta’ bank ċentrali nazzjonali lejn dak l-utent tal-euro diġitali;	11. “finanzjament” tfisser il-proċess li bih utent tal-euro diġitali jikseb euro diġitali, bi skambju għal flus kontanti jew għal fondi oħrajn, li ***jfisser*** responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew ta’ bank ċentrali nazzjonali lejn dak l-utent tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. “tranżazzjoni ta’ pagament offline bl-euro diġitali” tfisser tranżazzjoni ta’ pagament bl-euro diġitali, magħmula minn prossimità fiżika, meta l-awtorizzazzjoni u s-saldu jseħħu fl-apparati għall-ħżin lokali kemm tal-pagatur kif ukoll tal-prenditur;	15. “tranżazzjoni ta’ pagament offline bl-euro diġitali” tfisser tranżazzjoni ta’ pagament bl-euro diġitali, magħmula minn prossimità fiżika ***jew permezz ta’ link ta’ komunikazzjoni diġitali bejn il-pagatur u l-prenditur, bejn l-apparat tal-euro diġitali offline tal-pagatur u l-apparat tal-euro diġitali offline tal-prenditur***, meta l-awtorizzazzjoni u s-saldu jseħħu fl-apparati għall-ħżin lokali kemm tal-pagatur kif ukoll tal-prenditur;

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. “tranżazzjoni ta’ pagament kundizzjonali bl-euro diġitali” tfisser tranżazzjoni ta’ pagament bl-euro diġitali li tingħata struzzjonijiet awtomatikament	17. “tranżazzjoni ta’ pagament kundizzjonali bl-euro diġitali” tfisser tranżazzjoni ta’ pagament bl-euro diġitali ***online*** li tingħata struzzjonijiet

malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet definiti minn qabel miftiehma mill-pagatur u mill-prenditur;	awtomatikament malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet definiti minn qabel miftiehma mill-pagatur u mill-prenditur;

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali" tfisser l-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali adottata mill-Eurosistema;	19. "infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali" tfisser l-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali ***online*** adottata mill-Eurosistema;

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser ***pagament b'mezzi*** diġitali, inkluż pagament b'karta tad-debitu u pagament istantanju fil-punt ta' interazzjoni iżda eskluż it-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni;	25. "mezzi diġitali komparabbli ta' pagament" tfisser ***mezzi*** diġitali ***ta' pagament***, inkluż pagament b'karta tad-debitu u pagament istantanju fil-punt ta' interazzjoni iżda eskluż it-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni;

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. “bdil” tfisser, fuq talba ta’ utent tal-euro diġitali, it-trasferiment minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament għal ieħor jew tal-informazzjoni dwar is-servizzi ta’ pagament kollha bl-euro diġitali jew xi wħud minnhom, inklużi pagamenti rikorrenti, imwettqin fuq kont ta’ pagament bl-euro diġitali, jew l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali minn kont ta’ pagament bl-euro diġitali għall-ieħor, jew it-tnejn, bl-għeluq jew mingħajru tal-kont ta’ pagament bl-euro diġitali preċedenti, filwaqt li jinżamm l-istess identifikatur tal-kont;	26. “bdil” tfisser, fuq talba ta’ utent tal-euro diġitali ***online***, it-trasferiment minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament għal ieħor jew tal-informazzjoni dwar is-servizzi ta’ pagament ***online*** kollha bl-euro diġitali jew xi wħud minnhom, inklużi pagamenti rikorrenti, imwettqin fuq kont ta’ pagament bl-euro diġitali ***online***, jew l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali minn kont ta’ pagament bl-euro diġitali ***online*** għall-ieħor, jew it-tnejn, bl-għeluq jew mingħajru tal-kont ta’ pagament bl-euro diġitali ***online*** preċedenti, filwaqt li jinżamm l-istess identifikatur tal-kont;

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
27. “identifikatur tal-utent” tfisser identifikatur uniku maħluq minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament li jqassam l-euro diġitali li jiddistingwi b’mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, utenti tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;	27. “identifikatur tal-utent” tfisser identifikatur uniku maħluq minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament li jqassam l-euro diġitali ***online*** li jiddistingwi b’mod mhux ambigwu, għal finijiet tal-euro diġitali online, utenti tal-euro diġitali iżda li ma jkunx attribwibbli għal persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali;

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu uniku użat sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati pagamenti bl-euro diġitali li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali jew mill-utent tal-euro diġitali;	28. "isem assunt tal-utent" tfisser identifikatur psewdonimu uniku użat sabiex tiġi protetta l-identità tal-utent meta jiġu pproċessati pagamenti bl-euro diġitali ***online*** li jistgħu jiġu attribwiti biss lil persuna fiżika jew ġuridika identifikabbli mill-fornitur ta' servizzi ta' pagament li tqassam l-euro diġitali ***online*** jew mill-utent tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
29. "awtentikazzjoni tal-utent" tfisser biċċa informazzjoni unika maħluqa mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali li flimkien mal-identifikatur tal-utent tippermetti lil utent tal-euro diġitali juri s-sjieda tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali online rreġistrati fl-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali;	29. "awtentikazzjoni tal-utent" tfisser biċċa informazzjoni unika maħluqa mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament li jqassam l-euro diġitali ***online*** li**,** flimkien mal-identifikatur tal-utent**,** tippermetti lil utent tal-euro diġitali juri s-sjieda tal-ammonti miżmumin tal-euro diġitali online rreġistrati fl-infrastruttura għas-saldu tal-euro diġitali;

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'dan, l-euro diġitali huwa stabbilit bħala ***l-forma*** diġitali tal-munita unika.	***1.*** B'dan, l-euro diġitali ***offline*** huwa stabbilit bħala ***forma*** diġitali tal-munita unika.

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-istabbiliment tal-euro diġitali online bħala forma diġitali tal-munita unika għandu jiġi soġġett għall-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafi 1b u 1c.

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar it-tlestija tal-ħidma preparatorja għall-ħarġa tal-euro diġitali offline msemmija fl-Artikolu 4(2a) immedjatament wara t-tlestija tagħha.
	Filwaqt li titqies l-informazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani pan-Ewropej joperawx u jippermettux pagamenti fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro fir-rigward ta' pagamenti minn persuna għal oħra, fil-punt tal-bejgħ u permezz tal-kummerċ elettroniku, jew direttament jew permezz tal-interoperabbiltà ma' soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani Ewropej oħra.
	Fi żmien 6 xhur mir-riċevuta tal-informazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew skont l-ewwel subparagafu, il-

Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tiegħu skont it-tieni subparagrafu.

Fir-rapport imsemmi fit-tielet subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll:

(a) il-progress tas-soluzzjonijiet ta' pagamenti sovrani pan-Ewropej fir-rigward tal-provista ta' sovranità u reżiljenza Ewropej akbar fil-pagamenti,

(b) l-impatt tas-soluzzjonijiet ta' pagamenti sovrani pan-Ewropej fuq il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fis-swieq tal-pagamenti.

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Fil-każ li r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1b, it-tielet subparagrafu jikkonkludi valutazzjoni negattiva għal soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani pan-Ewropej skont il-paragrafu 1b, it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex tiddikjara dak in-nuqqas. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2), l-euro diġitali online għandu jitqies bħala stabbilit fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak l-att delegat.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Il-Kummissjoni għandha tadotta kwalunkwe att delegat bħal dan fi żmien 6 xhur mill-preżentazzjoni tar-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont il-paragrafu 1b, it-tielet subparagrafu.

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu ***joħorġu l-euro diġitali***.	1. F'konformità mat-Trattati, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali, u l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu ***joħorġuh***.

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jwettaq mingħajr dewmien il-kompiti tekniċi u organizzazzjonali kollha għall-ħruġ tal-euro diġitali offline, b'mod partikolari:
	(a) it-tlestija tal-ġabra tar-regoli;

(b) l-iżvilupp u l-varar tal-infrastruttura neċessarja;

(c) l-arranġamenti organizzazzjonali kollha;

(d) id-dispożizzjonijiet dwar il-governanza; u

(e) l-ittestjar pilota b'suċċess b'utenti finali reali f'ambjent tal-ittestjar ikkontrollat.

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jwettaq il-kompiti tekniċi u organizzazzjonali kollha għall-ħruġ tal-euro diġitali online.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Wara l-awtorizzazzjoni tal-ħarġa tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprevedu fażi ta' implimentazzjoni ta' mill-inqas 24 xahar, għall-formoli offline kif ukoll online, biex jiġi żgurat adattament sigur, reżiljenti u gradwali mill-Eurosistema, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament u l-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, ***33,*** 34, 35 u 38***, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37***.	1. L-euro diġitali għandu jkun rregolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, issupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli ***3,*** 11, ***16,*** 34, 35***, 36, 37*** u 38.

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2021/1230 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar il-pagamenti transkonfinali fl-Unjoni, kif emendat bir-Regolament (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali minn fornituri ta' servizzi ta' pagament inkorporati fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro - COM/2023/368 final]***, id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.	4. F'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2021/1230, id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikoli*** 37 ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva (UE) ***2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu*** u r-Regolament (UE) ***2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi,*** għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.	5. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikolu*** 37 ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva (UE) ***2024/1640*** u r-Regolament (UE) ***2023/1113*** għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-Direttiva (UE) ***2015/849 kif issostitwita bid-Direttiva (UE) [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/423 final]*** għandha tirregola s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim tas-sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljarji u tal-Istati Membri ospitanti, rigward l-attivitajiet tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rigward tal-euro diġitali għall-fini tal-iżgurar tal-konformità mal-Kapitolu IX ***tar-Regolament (UE) Nru [x] dwar l-istabbiliment tal-euro diġitali***.	3. Id-Direttiva (UE) ***2024/1640*** għandha tirregola s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-reġim tas-sanzjonijiet u l-arranġamenti superviżorji bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljarji u tal-Istati Membri ospitanti, rigward l-attivitajiet tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rigward tal-euro diġitali għall-fini tal-iżgurar tal-konformità mal-Kapitolu IX ***ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-euro diġitali u l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-euro diġitali.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-euro diġitali ***offline*** u l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-euro diġitali ***offline***.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwati sabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-euro diġitali online u l-possibbiltajiet ta' aċċess għall-euro diġitali online, mal-istabbiliment tiegħu f'konformità mal-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkollha status ta' valuta legali għall-pagamenti offline ta' dejn monetarju denominat f'euro li jseħħu fiż-żona tal-euro.	***imħassar***

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali għandu jkollha status ta' valuta legali għall-pagamenti ***online*** ta' dejn monetarju denominat f'euro lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro.	2. L-euro diġitali għandu jkollha status ta' valuta legali għall-pagamenti ta' dejn monetarju denominat f'euro lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn ***10 persuni*** jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***iż-EUR 2 miljun***, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]***, sakemm ma jaċċettax mezzi diġitali komparabbli ta' pagamenti***;	(a) meta l-prenditur ikun intrapriża li timpjega anqas minn ***50 persuna*** jew li l-fatturat annwali jew it-total tal-karta bilanċjali annwali tagħha ma jaqbiżx ***l-EUR 10 miljun***, jew ikun entità legali mingħajr skop ta' qligħ kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44];
[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-	[44] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika li taġixxi matul attività purament personali jew domestika;	(c) meta l-prenditur ikun persuna fiżika li taġixxi ***bħala ħaddiema għal rasha f'attività kummerċjali jew*** matul attività purament personali jew domestika;

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ***ma għandhomx*** jużaw termini kuntrattwali li ***ma jkunux*** ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali li għandhom ***l-għan*** jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro. ***Tali*** termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur. ***Terminu*** kuntrattwali ***għandu jitqies*** bħala ***mhux innegozjat***	Il-prendituri soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali ***għandhom*** jużaw ***biss*** termini kuntrattwali li ***jkunu*** ġew innegozjati individwalment jew prattiki kummerċjali li għandhom ***l-objettiv*** jew l-effett li jeskludu l-użu tal-euro diġitali mill-pagaturi tad-djun monetarji denominati f'euro.

individwalment meta ***jkun ġie abbozzat*** minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza ***tat-terminu***, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.	
	Termini kuntrattwali jew prattiki kummerċjali ***kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu*** ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-pagatur.
	Termini kuntrattwali ***ma għandhomx jitqiesu*** bħala ***li ġew innegozjati*** individwalment meta ***jkunu ġew abbozzati*** minn qabel u fejn il-pagatur għalhekk ma setax jinfluwenza s-sustanza ***tagħhom***, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard ifformulat minn qabel.
	Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Eċċezzjonijiet ***addizzjonali*** ta' natura tad-dritt monetarju	Eċċezzjonijiet ***adegwati oħra*** ta' natura tad-dritt monetarju
	Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet ***addizzjonali*** ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika eċċezzjonijiet ***adegwati oħra*** ta' natura tad-dritt monetarju għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni obbligatorja.

Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew.	Dawk l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ġġustifikati minn objettiv ta' interess pubbliku u proporzjonati għal dak l-għan, ma għandhomx jimminaw l-effettività tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali, u għandhom ikunu permessi biss dment li jkunu disponibbli mezzi oħra għall-ħlas tad-djun monetarji. Meta tħejji dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew ***u, meta jkunu involuti Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro, il-bank ċentrali nazzjonali rilevanti***.

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-qafas tad-Direttiva 2015/2366, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness I lil:	Fil-qafas tad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali stabbiliti fl-Anness I ***ta' dan ir-Regolament għall-euro diġitali offline u fl-Anness Ia ta' dan ir-Regolament għall-euro diġitali online*** lil:

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu ***16(2)***.	Maż-żmien, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrestrinġi l-aċċess għall-euro diġitali ***online*** u l-użu tiegħu għall-utenti tal-euro diġitali msemmijin fil-punti (b) u (c) soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-

Dawk il-perjodi ta' żmien għandhom jiġu ddeterminati fir-rigward tal-istatus ta' residenza jew ta' żjara tal-utenti tal-euro diġitali.	Artikolu ***16***.

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-aċċess għall-finanzjament u d-definanzjament awtomatiċi tal-euro diġitali online u l-użu tagħhom għandhom jiġu ristretti fil-każijiet imsemmija fil-punt (c).

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom manwalment ***jew awtomatikament*** minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti għal kwalunkwe limitazzjoni ***li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta f'konformità mal-Artikolu*** 16 ta' dan ir-Regolament.	2. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali ***online*** jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** tagħhom***, kemm jekk miżmuma mill-istess fornitur ta' servizzi ta' ħlas kif ukoll jekk miżmuma minn fornitur ta' servizzi ta' ħlas ieħor,*** manwalment minn jew lejn kontijiet ta' pagament mhux bl-euro diġitali***, jew apparat tal-euro diġitali offline***, jew karti tal-flus u muniti tal-euro meta fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi servizzi ta' flus kontanti, soġġetti

għal kwalunkwe limitazzjoni ***stabbilita fl-Artikolu*** 16 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas li jipprovdu servizzi ta' ħlas ta' servizzjar skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali online jiffinanzjaw jew jiddefinanzjaw awtomatikament il-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali online tagħhom miżmuma mill-istess fornitur ta' servizzi ta' ħlas, minn jew lejn kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali, soġġett għal kwalunwke limitazzjoni stabbilita fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas għandhom jagħmlu disponibbli funzjonalitajiet ta' finanzjament u definanzjament manwali lil persuni fiżiċi li jużaw l-euro diġitali offline mill-flus kontanti, kont tal-euro diġitali online, jew kwalunkwe kont tal-pagament bl-euro mhux diġitali dežinjat mill-utent tal-euro diġitali offline soġġett għal kwalunwke limitazzjoni stabbilita fl-Artikoli 16 u 37.

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-klijenti negozjanti tagħhom jiddefinanzjaw awtomatikament l-apparati tal-euro diġitali offline tagħhom għal kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali deżinati min-negozjant.

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fi kwalunkwe ħin***, fuq bażi kontinwa,*** meta l-finanzjament u d-definanzjament iseħħ permezz ta' kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali;	(a) fi kwalunkwe ħin meta l-finanzjament u d-definanzjament iseħħ permezz ta' kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali***, permezz ta' apparati tal-euro diġitali offline jew kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali online***;

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament li	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament li

jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali:	jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali ***online***:

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jkollhom il-euros diġitali li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni ***li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta*** f'konformità mal-Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;	(a) li jkollhom il-euros diġitali ***online tagħhom*** li jisbqu kwalunkwe limitazzjoni ***adottata*** f'konformità mal-Artikolu 16 awtomatikament definanzjati għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali, fejn tiġi riċevuta tranżazzjoni ta' pagament online bl-euro diġitali;

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali partikolari.	Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), u wara l-approvazzjoni minn qabel mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jassoċjaw kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** ma' kont ta' pagament uniku tal-euro mhux diġitali dežinjat mill-utenti tal-euro diġitali. L-utenti tal-euro diġitali għandhom jitħallew ikollhom dak il-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali indikat ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti minn dak fejn jinżamm kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** partikolari.

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament wieħed jew aktar bl-euro*** diġitali ***mal-istess fornituri ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornituri differenti ta' servizzi ta' pagament***.	7. ***Persuni fiżiċi ma għandux ikollhom aktar minn apparat tal-euro*** diġitali ***offline wieħed***.

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-utenti tal-euro diġitali jista' jkollhom kont ta' pagament bl-euro diġitali online wieħed jew aktar, mal-istess fornituri ta' servizzi ta' pagament jew ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament differenti.

Or. en

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-pubbliku***, mingħajr ħlas, informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi	8. ***Mid-data tal-ħruġ tal-euro diġitali,*** il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-klijenti tagħhom***, mingħajr ħlas,

tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.	informazzjoni aċċessibbli dwar il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali u l-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-fini tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali lil persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 13(1)(a), l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jipprovdu servizzi ta' pagament kif imsemmi fil-punti (1), (2) jew (3) tal-Anness I għad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom, fuq talba tal-klijenti tagħhom, jipprovdu lil dawk il-persuni bis-servizzi bażiċi kollha ta' pagament bl-euro diġitali kif imsemmi ***fl-Anness II***.	1. Għall-fini tad-distribuzzjoni tal-euro diġitali lil persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 13(1)(a), l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jipprovdu servizzi ta' pagament kif imsemmi fil-punti (1), (2) jew (3) tal-Anness I għad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom, fuq talba tal-klijenti tagħhom, jipprovdu lil dawk il-persuni bis-servizzi bażiċi kollha ta' pagament bl-euro diġitali kif imsemmi ***fl-Annessi II u IIa ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 13(1)(a) li ma jkollhomx kont tal-euro mhux diġitali, għandu japplika l-Kapitolu IV tad-Direttiva (UE) 2014/92 ***dwar l-aċċess għal kont ta' pagament b'karatteristiċi bażiċi***, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 17 u 18, għall-aċċess għall-kont bl-euro diġitali b'servizzi bażiċi mill-konsumaturi.	2. Għall-persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 13(1)(a) li ma jkollhomx kont tal-euro mhux diġitali, għandu japplika l-Kapitolu IV tad-Direttiva (UE) 2014/92, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 17 u 18, għall-aċċess għall-kont bl-euro diġitali ***online*** b'servizzi bażiċi mill-konsumaturi.

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdu servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali lil persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 13(1)(a) li ma jkollhomx jew li ma jkunux jixtiequ jżommu kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jipprovdu appoġġ għall-inklużjoni diġitali lil ***persuni*** b'diżabilità, b'limitazzjonijiet funzjonali jew b'ħiliet diġitali limitati, u lill-persuni anzjani. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-punt (b), l-appoġġ għall-inklużjoni diġitali għandu jinkludi assistenza ddedikata għall-onboarding lejn ***kont*** bl-euro diġitali u bl-użu tas-servizzi bażiċi tal-euro diġitali kollha.	4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jipprovdu appoġġ għall-inklużjoni diġitali lil ***klijenti*** b'diżabilità ***tagħhom***, b'limitazzjonijiet funzjonali jew b'ħiliet diġitali limitati, u lill-persuni anzjani. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-punt (b), l-appoġġ għall-inklużjoni diġitali għandu jinkludi assistenza ddedikata għall-onboarding lejn ***is-servizzi ta' pagament*** bl-euro diġitali u bl-użu tas-servizzi bażiċi tal-euro diġitali kollha.

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (“AMLA”) stabbilita skont ir-Regolament (UE) ***[jekk jogħġbok daħħal referenza - proposta għal Regolament li joħloq Awtorità tal-UE għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (“AMLA”) - COM/2021/421 final)]*** u l-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom joħorġu b’mod konġunt linji gwida li jispeċifikaw l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-AML/CFT u l-forniment ta’ servizzi bażiċi ta’ pagament bl-euro diġitali b’enfasi partikolari fuq l-inklużjoni finanzjarja ta’ gruppi vulnerabbli inklużi l-applikanti għall-ażil jew il-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, individwi mingħajr indirizz fiss jew ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ma jingħatawx permess ta’ residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom tkun impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali.	5. L-awtorità tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (“AMLA”) stabbilita skont ir-Regolament (UE) ***2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]*** u l-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom joħorġu b’mod konġunt linji gwida li jispeċifikaw l-interazzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-AML/CFT u l-forniment ta’ servizzi bażiċi ta’ pagament bl-euro diġitali b’enfasi partikolari fuq l-inklużjoni finanzjarja ta’ gruppi vulnerabbli inklużi l-applikanti għall-ażil jew il-benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, individwi mingħajr indirizz fiss jew ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ma jingħatawx permess ta’ residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom tkun impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali. ***Dawk il-linji gwida għandhom jirriflettu l-profili tar-riskju tal-AML/CFT distintivi intrinsiċi tas-servizzi bażiċi ta’ pagament bl-euro diġitali online u offline.***
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj)

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Bl-għan li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali***, jiddefinixxu u jimplimentaw il-politika monetarja*** u jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur ***jista'*** jkun soġġett ***għal limiti***.	1. Bl-għan li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali u jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, l-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur ***għandu*** jkun soġġett ***għal-limiti fuq l-ammonti miżmumin li se jkunu l-istess fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro u jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità***.

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Bl-għan li jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali, u li jiġu evitati imposti eċċessivi għan-negozjanti soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali skont il-Kapitolu II filwaqt li jipprovdu kumpens għall-kostijiet rilevanti mġarrba mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament għall-forniment ta' pagament bl-euro diġitali, il-livell ta' imposti jew tariffi li għandhom jitħallsu minn persuni fiżiċi jew minn negozjanti lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament, jew bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament, għandu jkun soġġett għal limiti.	2. Bl-għan li jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali bħala mezz ta' pagament ta' valuta legali, u li jiġu evitati imposti eċċessivi għan-negozjanti soġġetti għall-obbligu li jaċċettaw l-euro diġitali skont il-Kapitolu II filwaqt li jipprovdu kumpens ***xieraq u ġust*** għall-kostijiet rilevanti mġarrba mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament għall-forniment ***obbligatorju*** ta' ***servizzi ta'*** pagament bl-euro diġitali, il-livell ta' imposti jew tariffi li għandhom jitħallsu minn persuni fiżiċi jew minn negozjanti lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament, jew bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament, għandu jkun soġġett għal limiti.

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(1), ***il-Bank Ċentrali Ewropew*** għandu ***jiżviluppa strumenti sabiex jillimita l-użu*** tal-euro diġitali ***bħala maħżen tal-valur u għandu jiddeċiedi dwar il-parametri u l-użu tagħhom, f'konformità mal-qafas stabbilit f'dan l-Artikolu. Il-PSPs li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2015/2366 lil*** persuni ***fiżiċi u*** ġuridiċi ***msemmijin fl-Artikolu 12(1) għandhom japplikaw dawn il-limiti għall-kontijiet ta' pagament bl-euro*** diġitali.	1. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(1), ***persuni ġuridiċi ma*** għandu ***jkollhom l-ebda ammont miżmum*** tal-euro diġitali***. Fil-każ ta' tfixkil temporanju fin-network minħabba avvenimenti ta' force majeure,*** persuni ġuridiċi ***jistgħu temporanjament iżommu ammonti fl-apparat tal-euro*** diġitali ***offline tagħhom mingħajr ebda limitu***. ***Hekk kif jintemm it-tfixkil tan-network, għandu jiġi pprovdut id-definanzjament awtomatiku f'konformità mal-Artikolu 13(2).***

Or. en

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-parametri u l-użu tal-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 1*** għandhom***:***	2. ***Għall-finijiet tal-Artikolu 15(1), l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali li persuni fiżiċi jistgħu jżommu*** għandhom ***ikunu limitati.***

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jissalvagwardjaw l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 15(1), b'mod partikolari l-istabbiltà finanzjarja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta' valuta legali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità.	***imħassar***

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-parametri u l-użu tal-istrumenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u b'mod uniformi madwar iż-żona*** tal-euro.	3. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, wara konsultazzjoni mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, iħejji rapport dwar l-impatt tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin teoretiċi differenti fuq l-istabbiltà finanzjarja taż-żona*** tal-euro ***u tal-Istati Membri tagħha***. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippreżenta r-rapport lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 6 xhur minn meta jkun ikkonkluda l-ħidma preparatorja għall-ħruġ tal-euro diġitali***

offline msemmi fl-Artikolu 4(2a). Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat mill-metodoloġija użata għall-kalkoli u għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) valutazzjoni tal-impatt tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin teoretiċi differenti fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq il-kompetittività u r-reżiljenza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u korporazzjonijiet mhux finanzjarji fiż-żona tal-euro, bl-għoti ta' attenzjoni speċjali lill-impatt fuq il-finanzjament, il-likwidità, il-profitabbiltà u l-forniment ta' self minn istituzzjonijiet ta' kreditu;

Or. en

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) kwalunkwe limitazzjoni fil-metodoloġija jew fid-data użata li għandha tillimita l-applikabbiltà tagħhom, u b'mod speċifiku kwalukwe fattur ta' korrezzjoni meħtieġ biex jestrapola r-riżultati dwar il-metrika tal-likwidità meta d-data użata tinkludi perjodu b'likwidità tas-suq u riżervi eċċessivi ġenerużi biżżejjed b'mod straordinarju.

Or. en

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jiġu vvalutati l-impatti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jassumi, għal kull limitu fuq l-ammont miżmum teoretiku, teħid sħiħ tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin teoretiċi f'sitwazzjoni tal-likwidità tas-suq ġenerali normalizzata meta mqabbla ma' sitwazzjoni li fiha ma jinħariġx l-euro diġitali. L-impatti għandhom jiġu evalwati fil-livell aggregat tal-Unjoni u tas-sistemi finanzjarji nazzjonali kif ukoll fil-livell ta' istituzzjonijiet ta' kreditu individwali sabiex jiġu vvalutati r-riskji tal-instabbiltà finanzjarja residwa li jirriżultaw minn riskji speċifiċi għall-istituzzjoni, speċifiċi għall-pajjiżi jew madwar iż-żona tal-euro. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-istituzzjonijiet l-aktar affettwati, l-Istati Membri li joperaw fihom u l-mudell kummerċjali tagħhom fl-ogħla livell ta' granularità kompatibbli maż-żamma tal-kunfidenzjalità tad-data superviżorja.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Kwalunkwe limitu fuq l-ammonti miżmumin f'kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali adottat skont il-paragrafu 1***	4. ***Mhux aktar tard minn 3 xhur wara r-riċevuta tar-rapport tal-Bank*** Ċentrali Ewropew ***imsemmi fil-paragrafu***

għandu japplika kemm għall-ammonti miżmumin offline kif ukoll online. Meta utent tal-euro diġitali juża kemm euro diġitali offline kif ukoll online, il-limitu li japplika għall-euro diġitali online għandu jkun daqs il-limitu ġenerali ddeterminat mill-Bank Ċentrali Ewropew ***nieqes il-limitu ta' żamma għall-euro diġitali offline stabbilit*** mill-utenti tal-euro diġitali. ***Utent tal-euro diġitali jista' jistabbilixxi l-limitu ta' parteċipazzjoni offline tiegħu fi kwalunkwe ammont bejn żero u l-limitu ta' parteċipazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37***.

3 u qabel l-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tħejji rappport bi spjegazzjoni dettaljata dwar it-tolleranza tar-riskju għar-riskju tal-istabbiltà finanzjarja residwa. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jistabbilixxi l-perċentwal tal-assi bankarji totali fiż-żona tal-euro u fil-livell tal-Istat Membru li jista' jkun soġġett għal kundizzjonijiet finanzjarji stressjati għal-limiti fuq l-ammonti miżmumin teoretiċi potenzjali fix-xenarju ta' teħid sħiħ mill-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn 3 xhur qabel l-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 5.

Or. en

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Viżitaturi fiż-żona tal-euro kif imsemmijin fl-Artikolu 13(1), il-punt (c), u persuni fiżiċi u ġuridiċi kif imsemmijin fl-Artikolu 13(1), il-punti (b), (d) u (e), għandhom ikunu soġġetti għal*** limiti ***fir-rigward tal-użu tal-euro bħala maħżen tal-valur li ma jkunx ogħla minn dawk effettivament implimentati fiż-żona tal-***	5. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat sabiex tistabbilixxi*** limiti ***inizjali fuq l-ammonti miżmumin. L-att delegat għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn 6 xhur wara r-riċevuta tar-rapport tal-Bank*** Ċentrali Ewropew ***imsemmi fil-paragrafu 3. Il-limiti inizjali fuq l-ammonti miżmumin għandhom***

euro għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Il-parametri u l-użu tal-istrumenti għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u b'mod uniformi fost l-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro. Meta jiddeċiedi dwar l-użu tal-istrumenti f'dawk l-Istati Membri u jistabbilixxi l-parametri, il-Bank Ċentrali Ewropew ***għandu jikkonsulta lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro.***	***jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin fix-xenarju ta' teħid sħiħ mill-utenti tal-euro diġitali f'sitwazzjoni ta' likwidità tas-suq ġenerali normalizzata:***

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) l-ebda isituzzjoni ta' kreditu individwali fiż-żona tal-euro ma hija mistennija li tikkonfronta ħruġ ta' flus ta' depożiti ta' bla avviż bl-imnut akbar minn 5 % meta mqabbla mas-sitwazzjoni mingħajr euro diġitali;

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) l-assi totali rrappreżentati minn istituzzjonijiet ta' kreditu li se jilħqu jew jaqgħu taħt proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR, Liquidity Coverage Ratio) ta' 100 % se jkunu taħt il-1 % għaż-żona tal-euro kollha kemm hi u għal kull Stat Membru individwali fiż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jekk il-limiti fuq l-ammonti miżmumin ikunu inqas mill-bilanċ ta' flus medju stmat ta' persuni fiżiċi bħala mezz ta' tranżazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi limiti inizjali fuq iż-żamma tal-ammonti ekwivalenti għal dak il-bilanċ ta' flus medju.

Or. en

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat li jirrevedi l-limiti fuq l-ammonti miżmumin inizjali 'l isfel, wara li tikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, kull meta tqis li dan ikun xieraq.

Or. en

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Il-Kummissjoni għandha tipproponi emenda leġiżlattiva meta tqis li huwa xieraq li jiġu mmodifikati l-kriterji

msemmija fil-paragrafu 5 biex tirrevedi l-limiti fuq l-ammonti miżmumin 'il fuq.

Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***F'każ li utent tal-euro diġitali jkollu diversi kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, l-utent tal-euro diġitali għandu jispeċifika lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament li magħhom jinżammu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali kif għandu jiġi allokat il-limitu fuq l-ammonti miżmumin individwali bejn il-kontijiet ta' pagament differenti bl-euro diġitali***.	6. ***Il-limiti fuq l-ammonti miżmumin imsemmija fil-paragrafu 5 għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u b'mod uniformi madwar iż-żona tal-euro.***

Or. en

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/2366 lil persuni fiżiċi u ġuridiċi msemmijin fl-Artikolu 13(1) għandhom jiżguraw dawk il-limiti fuq l-ammonti miżmumin ġenerali għall-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali online u l-apparati tal-euro diġitali offline.

Or. en

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta ***kont ta' pagament bl-euro*** diġitali ***jinżamm minn aktar minn*** utent ***wieħed*** tal-euro diġitali***, kwalunkwe limitu*** fuq l-ammont miżmum ***fil-kont ta' pagament relatat bl-euro diġitali adottat skont il-paragrafu 1 għandu jammonta għas-somma tal-limiti*** fuq ***l-ammonti miżmumin individwali allokati lill-utenti tiegħu***.	7. Meta ***utent tal-euro*** diġitali ***juża euro diġitali kemm offline kif ukoll online, il-limitu fuq l-ammont miżmum li japplika għall-euro diġitali online għandu jkun daqs il-limitu fuq l-ammont miżmum ġenerali ddeterminat fil-paragrafu 5, bil-limitu fuq l-ammont miżmum għall-euro diġitali offline stabbilit mill-utenti tal-euro diġitali mnaqqas.*** Utent tal-euro diġitali ***jista' jistabbilixxi l-limitu*** fuq l-ammont miżmum ***offline tiegħu fi kwalunkwe ammont bejn żero u l-limitu*** fuq ***l-ammont miżmum stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37***.

Or. en

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Viżitaturi u persuni fiżiċi u ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 13(1), il-punti (b), (d) u (e), għandhom ikunu soġġetti għal limiti fuq l-ammonti miżmumin fir-rigward tal-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur li ma jkunux ogħla minn dawk effettivament implimentati fiż-żona tal-euro għal persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Dawk il-limiti fuq l-ammonti miżmumin għandhom jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju u b'mod uniformi fost l-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro. Meta tiddeċiedi dwar il-limiti fuq l-ammonti

miżmumin u limiti oħra, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro.

Or. en

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Meta utent tal-euro diġitali online jkollu diversi kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali online, l-utent tal-euro diġitali għandu jispeċifika lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament li magħhom jinżammu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali kif għandu jiġi allokat il-limitu fuq l-ammonti miżmumin individwali bejn il-kontijiet ta' pagament differenti bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7c. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali online jinżamm minn aktar minn utent wieħed tal-euro diġitali, kwalunkwe limitu fuq l-ammont miżmum fil-kont ta' pagament relatat bl-euro diġitali adottat skont il-paragrafu 5 għandu jammonta għas-somma tal-limiti fuq l-ammonti miżmumin individwali allokati lill-utenti tiegħu.

Or. en

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 7d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7d. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, fuq it-talba tal-Bank Ċentrali Ewropew, li jippromovu limiti addizzjonali għall-użu tal-euro diġitali bl-għan li jiġu ssalvagwardjati l-istabbiltà finanzjarja u l-finanzjament stabbli tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kapaċità ta' self tagħhom għall-ekonomija, filwaqt li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta' valuta legali u jiġi rrispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Fil-qafas ta' dan ir-Regolament,*** l-euro diġitali ma għandux ikollu interess.	8. L-euro diġitali ma għandux ikollu interess.

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tariffi ***fuq*** servizzi ta' pagament bl-euro	Tariffi ***u imposti għall-forniment ta'***

diġitali	servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(2), mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe imposta possibbli mitluba għal servizzi ta’ pagament oħrajn bl-euro diġitali, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx jitolbu imposti lil persuni fiżiċi kif imsemmi fl-Artikolu 13(1), il-punti (a), (b) u (c), għall-forniment tas-servizzi bażiċi ta’ pagament bl-euro diġitali msemmijin ***fl-Anness 2***.	1. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(2), mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe imposta possibbli mitluba għal servizzi ta’ pagament oħrajn bl-euro diġitali, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament ma għandhomx jitolbu imposti lil persuni fiżiċi kif imsemmi fl-Artikolu 13(1), il-punti (a), (b) u (c), għall-forniment tas-servizzi bażiċi ta’ pagament bl-euro diġitali msemmijin ***fl-Annessi II u IIa***.

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Biex jiġi evitat li l-użu tal-kontijiet ta’ pagament bl-euro diġitali ta’ persuni fiżiċi għall-finijiet tan-negozju jiġi kopert taħt is-servizzi bażiċi ta’ pagament bl-euro diġitali fl-Annessi II u IIa, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu limitu proporzjonat fuq in-numru ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagamenti riċevuti u maħruġa li jkunu mingħajr ħlas, u għandhom ikunu jistgħu jitolbu ħlas mingħand dawk li jaqbżu dan il-limitu skont il-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(2), kwalunkwe ***tariffa għas-servizzi tan-negozjant*** jew tariffa bejn ***il-PSPs*** fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Kwalunkwe ***tariffa għas-servizzi tan-negozjant jew tariffa bejn il-PSPs*** ma għandhiex ***taqbeż l-inqas miż-żewġ ammonti li ġejjin:***	2. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(2), kwalunkwe ***imposta tas-servizz ta'*** negozjant jew tariffa bejn ***il-forniturі ta' servizzi ta' pagament*** fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Kwalunkwe ***tariffa bejn il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jew imposta*** tas-servizz ta' negozjant ***imposta minn fornitur ta' servizzi ta' pagament fuq fornitur ta' servizzi ta' pagament jew negozjant fir-rigward ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali online*** ma għandhiex ***tkun ogħla mit-tariffa bejn il-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew it-tariffa għas-servizzi tan-negozjant imposta minn dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament fuq dak il-fornitur speċifiku ta' servizzi ta' pagament jew in-negozjant għal mezzi ta' pagament komparabbli.***

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet rilevanti mġarrbin mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament għall-forniment ta' pagament bl-euro diġitali, inkluż marġni raġonevoli ta' profitt;	***imħassar***

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tariffi jew imposti mitluba għal mezzi ta' pagament diġitali komparabbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-Artikolu 15(2), kwalunkwe imposta tas-servizz ta' negozjant fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. L-imposti tas-servizz ta' negozjant imposti minn fornitur ta' servizzi ta' pagament fuq negozjant fir-rigward ta' servizzi ta' pagament offline bl-euro diġitali ma għandhiex tkun ogħla mill-imposti tas-servizzi ta' negozjant imposti minn dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament fuq dak in-negozjant, fir-rigward ta' mezzi ta' pagament komparabbli.

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-Bank*** Ċentrali Ewropew ***għandu jimmonitorja*** regolarment l-informazzjoni ***li tkun rilevanti għall-finijiet tal-ammonti msemmija fil-paragrafu 2,*** u ***jippubblika*** perjodikament l-ammonti li jirriżultaw minn dak il-monitoraġġ b'rapport ta' spjegazzjoni.	3. ***Il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Bank*** Ċentrali Ewropew ***għandha timmonitorja*** regolarment l-informazzjoni ***dwar it-tariffi mitluba għal mezzi ta' pagament komparabbli kif ukoll l-imposti tas-servizz ta' negozjant imposti fuq tranżazzjonijiet bl-euro diġitali*** u ***tippubblika*** perjodikament l-ammonti li jirriżultaw minn dak il-monitoraġġ b'rapport ta' spjegazzjoni.

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jitlob*** lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u jivverifikaw il-konformità miegħu. Kwalunkwe informazzjoni mitluba għandha tintbagħat mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fil-limitu ta' żmien stabbilit ***mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrikjedi*** li tali informazzjoni tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti.	4. ***Il-Kummissjoni tista' titlob*** lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u jivverifikaw il-konformità miegħu. Kwalunkwe informazzjoni mitluba għandha tintbagħat mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fil-limitu ta' żmien stabbilit ***mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tirrikjedi*** li tali informazzjoni tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti.

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-metodoloġija li għandha tiġi żviluppata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-monitoraġġ u l-kalkoli tal-ammonti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tkun ibbażata fuq il-parametri li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-ammont ta' tariffi bejn il-PSP u ta' imposti fuq is-servizzi tan-negozjanti kif imsemmi fil-paragrafu 2(a) għandu jkun ibbażat fuq il-kostijiet rilevanti mġarrba għall-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament l-aktar kosteffiċjenti li jirrappreżentaw kollettivament kwart tal-euro diġitali distribwiti madwar iż-żona tal-euro f'sena partikolari, kif irrapportat lill-Bank Ċentrali Ewropew minn fornituri ta' servizzi ta' pagament, inkluż marġni raġonevoli ta' profitt;	
(b) il-marġni raġonevoli ta' profitt inkluż fl-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 2(a), għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-marġni ta' profitt tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jitolbu l-inqas marġni ta' profitt li jirrappreżenta kollettivament kwart tal-euro diġitali distribwit fiż-żona tal-euro f'sena partikolari, kif irrapportat lill-Bank Ċentrali Ewropew minn fornituri ta' servizzi ta' pagament;	
(c) l-ammont ta' tariffi bejn il-PSPs u ta' imposti għal servizzi tan-negozjant kif imsemmi fil-paragrafu 2(b) għandu jkun ibbażat fuq grupp rappreżentattiv ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu mezzi diġitali komparabbli ta' pagament fiż-żona tal-euro;	
(d) l-ammonti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu uniformi u applikati b'mod mhux diskriminatorju madwar iż-żona tal-euro.	

Or. en

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***It-tariffa għas-servizzi tan-negozjant*** għandha ***tkun l-unika imposta għal kull tranżazzjoni li l-forniturи ta' servizzi ta' pagament jistgħu japplikaw għan-negozjanti***. Il-forniturи ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jitolbu lin-negozjanti ***għall-finanzjament u*** għad-definanzjament tal-euro diġitali, inklużi t-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali msemmija fl-Artikolu 13(4). Il-forniturи ta' servizzi ta' pagament ***għandhom jinkludu l-kostijiet assoċjati mal-finanzjament u mad-definanzjament fil-kostijiet rilevanti msemmija fil-paragrafu 2(a)***.	6. ***L-imposta tas-servizzi ta' negozjant*** għandha ***tinkorpora t-tariffi u l-imposti kollha mitluba lin-negozjant fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' akkwist u, irrispettivament mill-istruttura tal-prezz tagħhom, tiġi espressa bħala perċentwal tal-ammont monetarju totali fi tranżazzjoni f'perjodu ta' żmien partikolari***. Il-forniturи ta' servizzi ta' pagament ma għandhomx jitolbu lin-negozjanti għad-definanzjament ***awtomatiku*** tal-euro diġitali, inklużi t-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali msemmija fl-Artikolu 13(4) ***meta d-definanzjament imur għal kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali miżmum mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament***. Il-forniturи ta' servizzi ta' pagament ***ma għandhomx jitolbu ħlas mingħand in-negozjanti għas-servizzi front-end inklużi fl-Annessi II u IIa***.

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-ebda tariffa bejn ***il-PSP*** ma għandha tapplika għall-finanzjament u għad-definanzjament tal-euro diġitali***, inklużi t-tranżazzjonijiet*** ta' pagament bl-euro diġitali ***msemmija fl-Artikolu 13(4)***.	7. L-ebda tariffa bejn ***il-forniturи ta' servizzi ta' pagament*** ma għandha tapplika ***għal tranżazzjonijiet offline bl-euro diġitali jew*** għall-finanzjament u għad-definanzjament ***tal-kontijiet*** tal-euro diġitali ***online minn jew lil kont*** ta' pagament bl-euro ***mhux*** diġitali ***miżmum***

mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Klawżola ta' rieżami dwar it-tariffi u l-imposti għall-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali
	1. Sa 10 snin mill-ħruġ tal-euro diġitali, sakemm data dwar il-kostijiet sufficjenti u affidabbli għat-tranżazzjonijiet bl-euro diġitali tkun disponibbli b'mod akkurat, armonizzat u verifikabbli, u l-kostijiet unitarji medji u l-volum ta' tranżazzjonijiet totali bl-euro diġitali jkunu ġew stabbilizzati wara l-perjodu tal-adozzjoni mill-konsumaturi, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, għandha twettaq rieżami u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tevalwa jekk il-mudell ta' kumpens imsemmi fl-Artikolu 17 għandux jiġi ssostitwit b'mudell ta' kumpens ibbażat fuq il-kostijiet.
	2. Jekk mudell ta' kumpens ibbażat fuq il-kostijiet jitqies li jipprovdi kostijiet aktar baxxi għan-negozjanti kif ukoll effiċjenza u kompetizzjoni akbar fis-swieq tal-pagamenti u jevita sussidji inkroċjati bejn il-mudelli kummerċjali ta' negozjanti differenti jew fi ħdan l-ekosistema tal-pagamenti Ewropej, il-Kummissjoni għandha tħejji proposta leġiżlattiva għal mudell ġdid ta' tariffi u imposti għall-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.

3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinkludi paragun bejn it-tariffi u l-imposti li jista' jirriżulta f'mudell ta' kumpens ibbażat fuq il-kostijiet, inkluż marġni raġonevoli ta' profitt, u d-data miġbura skont l-Artikolu 17(3).

4. Il-marġni raġonevoli ta' profitt imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-marġni ta' profitt applikat minn dawk il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jitolbu l-inqas marġnijiet distribwiti fiż-żona tal-euro f'sena partikolari, kif irrapportat lill-Kummissjoni b'kampjun statistikament rappreżentattiv ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament.

5. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu l-informazzjoni neċessarja kollha għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u jivverifikaw il-konformità miegħu. Kwalunkwe informazzjoni mitluba għandha tintbagħat mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Bank Ċentrali Ewropew. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jirrikjedi li tali informazzjoni tiġi ċċertifikata minn awditur indipendenti.

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw il-limiti stabbiliti ***mill-Bank Ċentrali Ewropew*** f'konformità mal-Artikolu ***16(4)*** dwar l-użu tal-euro diġitali minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri li l-	4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw il-limiti stabbiliti ***mill-Kummissjoni*** f'konformità mal-Artikolu ***16*** dwar l-użu tal-euro diġitali minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fi Stati Membri li l-munita

munita tagħhom ma hijiex l-euro, li huma applikabbli f'dawk l-Istati Membri.	tagħhom ma hijiex l-euro, li huma applikabbli f'dawk l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-ftehim bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz għandu jispeċifika l-miżuri u l-proċeduri ta' implimentazzjoni neċessarji, u l-każijiet li fihom il-ftehim jista' jiġi ristrett, sospiż, jew itterminat, b'mod partikolari meta l-pajjiż terz ikun ġie identifikat bħala pajjiż terz b'nuqqasijiet strateġiċi sinifikanti fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu ***23*** tar-Regolament ***[jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final]*** jew bħala pajjiż terz bi dgħufijiet relatati mal-konformità fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu ***24 tar-Regolament [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final]***. Dak il-ftehim għandu jkun ikkomplementat minn arranġament bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali u, meta xieraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-pajjiż terz.	3. Il-ftehim bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz għandu jispeċifika l-miżuri u l-proċeduri ta' implimentazzjoni neċessarji, u l-każijiet li fihom il-ftehim jista' jiġi ristrett, sospiż, jew itterminat, b'mod partikolari meta l-pajjiż terz ikun ġie identifikat bħala pajjiż terz b'nuqqasijiet strateġiċi sinifikanti fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu ***29*** tar-Regolament ***(UE) 2024/1624*** jew bħala pajjiż terz bi dgħufijiet relatati mal-konformità fir-reġim nazzjonali tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu kif imsemmi fl-Artikolu ***30 ta' dak ir-Regolament***. Dak il-ftehim għandu jkun ikkomplementat minn arranġament bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-bank ċentrali nazzjonali u, meta xieraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-intermedjarji stabbiliti jew li joperaw fil-pajjiż terz għandhom jimplimentaw il-limiti stabbiliti ***mill-Bank Ċentrali Ewropew*** f'konformità mal-Artikolu ***16(5)*** dwar l-użu tal-euro diġitali minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fil-pajjiż terz, li huma applikabbli f'dak il-pajjiż.	5. L-intermedjarji stabbiliti jew li joperaw fil-pajjiż terz għandhom jimplimentaw il-limiti stabbiliti ***mill-Kummissjoni*** f'konformità mal-Artikolu ***16*** dwar l-użu tal-euro diġitali minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirrisjedu jew stabbiliti fil-pajjiż terz, li huma applikabbli f'dak il-pajjiż.

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kull kont ta' pagament bl-euro diġitali għandu jkollu numru uniku diġitali tal-kont ta' pagament tal-euro.	3. Kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** għandu jkollu numru uniku diġitali tal-kont ta' pagament tal-euro. ***Kull apparat tal-euro diġitali offline għandu jkollu identifikatur uniku.***

Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull kont ta' pagament bl-euro diġitali jista' jkun marbut ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali wieħed jew aktar li għandu jiġi indikat mill-utent tal-euro diġitali. Għall-fini tal-Artikolu	4. Kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** jew ***apparat tal-euro diġitali offline*** jista' jkun marbut ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali wieħed jew aktar li għandu jiġi indikat mill-utent

13(4), kull kont ta' pagament bl-euro diġitali jista' jkun marbut biss ma' kont ta' pagament mhux diġitali wieħed.	tal-euro diġitali. Għall-fini tal-Artikolu ***13(2a) u (4)***, kull kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** jista' jkun marbut biss ma' kont ta' pagament mhux diġitali wieħed.

Or. en

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu l-użu ta' kont ta' pagament bl-euro diġitali minn aktar minn utent wieħed tal-euro diġitali.	5. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu l-użu ta' kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** minn aktar minn utent wieħed tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-euro diġitali għandu jkun disponibbli ***kemm*** għat-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online kif ukoll għal dawk offline*** sa mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali.	1. L-euro diġitali ***offline*** għandu jkun disponibbli għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ***offline*** bl-euro diġitali sa mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali. ***Id-disponibbiltà tal-euro diġitali online għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.***

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-euro diġitali miżmum online u dak miżmum offline għandhom ikunu konvertibbli b'parità bejn xulxin, fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali.	2. L-euro diġitali miżmum online u dak miżmum offline għandhom ikunu konvertibbli b'parità bejn xulxin ***u fir-rigward tal-flus elettroniċi u tal-flus skritturali***, fuq talba tal-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma tinbeda tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***f'pagament ta' prossimità***, il-prenditur u l-pagatur għandhom jiġu informati dwar jekk it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali hijiex se tkun offline jew online.	3. Qabel ma tinbeda tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, il-prenditur u l-pagatur għandhom jiġu informati dwar jekk it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali hijiex se tkun offline jew online.

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali	Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali ***online***

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jużaw tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew jista':	1. Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-utenti tal-euro diġitali ***online*** jkunu jistgħu jużaw tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew jista':

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi l-funzjonalitajiet fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali bl-euro diġitali, inkluż għar-riżerva ta' fondi.	(b) jipprovdi l-funzjonalitajiet fl-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali ***online*** neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali bl-euro diġitali, inkluż għar-riżerva ta' fondi.

Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fuq talba mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jiżguraw li dawk l-utenti jkunu jistgħu jiddependu fuq il-funzjonalitajiet tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali	2. Fuq talba mill-utenti tal-euro diġitali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali għandhom jiżguraw li dawk l-utenti jkunu jistgħu jiddependu fuq il-funzjonalitajiet tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

tagħhom f'konformità mal-Artikolu ***6a*** tar-Regolament (UE) ***[jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea – COM(2021) 281 final]***;	tagħhom f'konformità mal-Artikolu ***5a*** tar-Regolament (UE) ***910/2014***.

Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Interoperabbiltà	***Infrastrutturi u*** interoperabbiltà ***eżistenti***

Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li ***jiżgura*** sa fejn ikun possibbli ***l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti*** li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati***. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jippermetti, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***.	***1.*** Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li ***juża*** sa fejn ikun possibbli ***u fejn xieraq l-infrastrutturi, il-protokolli u l-istandards eżistenti*** li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati ***u b'mod speċjali dawk li fuqhom huma bbażati pagamenti istantanji***.

Or. en

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jiżgura sa fejn ikun possibbli l-interoperabbiltà tal-istandards li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali bi standards rilevanti li jirregolaw il-mezzi ta' pagament diġitali privati u b'mod speċjali dawk li fuqhom huma bbażati l-pagamenti istantanji. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jfittex li jippermetti, sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, li mezzi ta' pagament diġitali privati jużaw regoli, standards u proċessi li jirregolaw is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ***tal-ewwel subparagrafu***, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu ta' standards miftuħin.	Għall-finijiet ***tal-paragrafu 1a***, l-interoperabbiltà tista' tiġi appoġġata fost l-oħrajn bl-użu ta' standards miftuħin.

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għat-tilwim	1. Mingħajr preġudizzju għat-tilwim

dwar il-legalità tal-ipproċessar ta' data personali, it-tilwim għandu jkun irregolat ***bid-Direttiva*** 2015/2366. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 għandha tapplika għall-azzjonijiet rappreżentattivi mressqin kontra ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħmlu ħsara jew li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi.

dwar il-legalità tal-ipproċessar ta' data personali, it-tilwim ***rigward tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online kif ukoll l-operazzjonijiet ta' finanzjament u definanzjament għat-tranżazzjonijiet offline bl-euro diġitali*** għandu jkun irregolat ***bir-regoli previsti fid-Direttiva (UE)*** 2015/2366. Id-Direttiva (UE) 2020/1828 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a] għandha tapplika għall-azzjonijiet rappreżentattivi mressqin kontra ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħmlu ħsara jew li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi.

[1a] Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2020/1828/oj)
.

Or. en

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ***ma għandux*** jaġixxi bħala ***parti fi kwalunkwe tilwima msemmija fil-paragrafi 1 u 2***.	3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ***għandu*** jaġixxi bħala ***l-korp għas-soluzzjoni ta' tilwim għal tilwim fost fornituri ta' servizzi ta' pagament relatat mal-applikazzjoni tal-Ġabra tar-Regoli li tirregola l-operat tal-euro diġitali. Ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew f'din il-kapaċità għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' kuntratt bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament kollha li jqassmu l-euro***

	diġitali. Sabiex iwettaq dawk il-funzjonijiet, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jadotta regoli interni u qafas ta' governanza għas-soluzzjoni ta' tilwim li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda interferenza u li jkun hemm indipendenza shiha mill-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sistema ta' pagamenti tal-Bank Ċentrali Ewropew. Id-deċiżjonijiet maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew taħt dan il-mekkaniżmu għandhom ikunu finali u vinkolanti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pagament parteċipanti kollha u direttament infurzabbli fil-konfront tal-utenti tagħhom permezz tal-obbligi kuntrattwali tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament mingħajr preġudizzju għad-dritt li jfittxu rimedju quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali ***għandhom*** jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***bl-għażla li jużaw is-servizzi*** front-end ***diġitali li ġejjin*** sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali***:***	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali ***jistgħu*** jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali ***bis-servizzi*** front-end ***żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew*** sabiex jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***f'konformità mal-Annessi II u IIa.***

Or. en

Emenda 202

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) servizzi front-end żviluppati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament; u	***imħassar***

Or. en

Emenda 203

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew.	***imħassar***

Or. en

Emenda 204

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali jistgħu joffru s-servizzi front-end tagħhom stess jew servizzi front-end offruti minn fornituri ta' servizzi ta' pagament oħra.

Or. en

Emenda 205

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta fornitur ta' servizzi ta' pagament ma	***imħassar***

joffrix servizz front-end tal-euro diġitali, tali fornitur ta' servizzi ta' pagament għandu juża servizz tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 206

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fil-paragrafu 1***, il-punt (b)***, ma għandhomx jipprevedu relazzjonijiet mal-klijenti, li għandhom jiġu pprovduti biss mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali kif stabbilit fl-Artikolu 13 u skont id-Direttiva 2015/2366. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux ikollu aċċess għal kwalunkwe data personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew u użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament.	2. Is-servizzi front-end ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew imsemmijin fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu***, ma għandhomx jipprevedu relazzjonijiet mal-klijenti, li għandhom jiġu pprovduti biss mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament fir-rwol tagħhom fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali kif stabbilit fl-Artikolu 13 u skont id-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma għandux ikollu aċċess għal kwalunkwe data personali fir-rigward tas-servizzi front-end żviluppati mill-Bank Ċentrali Ewropew u użati mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 207

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jużaw il-logo uffiċjali tal-euro diġitali;	(a) is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jużaw il-logo uffiċjali tal-euro diġitali ***u jikkonformaw mal-istandards tekniċi u ta' sigurtà stabbiliti jew iċċertifikati mill-Bank Ċentrali Ewropew***;

Or. en

Emenda 208

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżviluppa l-istandards tekniċi, operazzjonali u ta' sigurtà, inkluż il-proċess ta' ċertifikazzjoni fejn applikabbli, għall-apparati tal-euro diġitali offline u l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali biex tkun żgurata l-eżekuzzjoni reżiljenti, sikura u bla xkiel tal-pagamenti.

Or. en

Emenda 209

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Għall-finijiet tal-Kapitolu VI, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament barra miż-żona tal-euro għandhom iqassmu biss apparati tal-euro diġitali offline ċċertifikati mill-Bank Ċentrali Ewropew skont il-paragrafu 3a jew mill-bank ċentrali nazzjonali korrispondenti jekk dan ikun previst fl-arranġamenti msemmija fl-Artikoli 18(1) u 19(1).

Or. en

Emenda 210

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament li jeżegwixxu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali għandhom jivverifikaw jekk xi wieħed mill-utenti tal-euro diġitali tagħhom humiex persuni jew entitajiet elenkati. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu verifiki bħal dawn immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe miżura restrittiva ġdida jew emendata adottata f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE li tipprevedi l-iffriżar tal-assi jew il-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi, u tal-anqas darba kull jum tal-kalendarju.	1. Il-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament li jeżegwixxu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** għandhom jivverifikaw jekk xi wieħed mill-utenti tal-euro diġitali tagħhom humiex persuni jew entitajiet elenkati. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu verifiki bħal dawn immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe miżura restrittiva ġdida jew emendata adottata f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE li tipprevedi l-iffriżar tal-assi jew il-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi, u tal-anqas darba kull jum tal-kalendarju.

Or. en

Emenda 211

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Matul l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' prenditur involuti fl-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ma għandhomx jivverifikaw jekk il-pagatur jew il-prenditur li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali humiex persuni jew entitajiet elenkati minbarra li jwettqu l-verifiki skont il-paragrafu 1.	2. Matul l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***online***, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' pagatur u l-fornitur ta' servizzi ta' pagament ta' prenditur involuti fl-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ma għandhomx jivverifikaw jekk il-pagatur jew il-prenditur li l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali humiex persuni jew entitajiet elenkati minbarra li jwettqu l-verifiki skont il-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 212

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fornitur ta' servizzi ta' pagament li jkun naqas milli jwettaq il-verifiki msemmijin fil-paragrafu 1 u jeżegwixxi tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali li twassal sabiex fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor involut fl-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali jonqos milli jiffriża l-assi ta' persuni jew ta' entitajiet elenkati, jew li jagħmel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli għal tali persuni jew entitajiet, għandu jikkumpensa għad-dannu finanzjarju kkawżat lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament l-ieħor li jirriżulta mill-penali imposti fuq dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament l-ieħor skont miżuri restrittivi adottati f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE li jipprevedu l-iffriżar tal-assi jew il-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi.	3. Fornitur ta' servizzi ta' pagament li jkun naqas milli jwettaq il-verifiki msemmijin fil-paragrafu 1 u jeżegwixxi tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** li twassal sabiex fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor involut fl-eżekuzzjoni ta' dik it-tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali jonqos milli jiffriża l-assi ta' persuni jew ta' entitajiet elenkati, jew li jagħmel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli għal tali persuni jew entitajiet, għandu jikkumpensa għad-dannu finanzjarju kkawżat lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament l-ieħor li jirriżulta mill-penali imposti fuq dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament l-ieħor skont miżuri restrittivi adottati f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE li jipprevedu l-iffriżar tal-assi jew il-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi.

Or. en

Emenda 213

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu apparati tal-euro diġitali offline għandhom jivverifikaw jekk kwalunkwe waħda mill-persuni li titlob apparat tal-euro diġitali offline hijiex persuna jew entità elenkata. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu verifiki bħal dawn immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe miżura restrittiva ġdida jew

emendata adottata f'konformità mal-Artikolu 215 tat-TFUE li tipprevedi l-iffriżar tal-assi jew il-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi, u tal-anqas darba kull jum tal-kalendarju.

Or. en

Emenda 214

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument meta ***jiġu aġġornati r-rekords tal-ammonti miżmumin*** tal-euro diġitali ***kkonċernati fl-apparati għall-ħżin lokali tal-pagatur u tal-prenditur***.	3. Is-saldu finali ta' tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali għandu jseħħ fil-mument meta ***l-fondi fl-apparat*** tal-euro diġitali ***offline tal-pagatur jiġu ttrasferiti direttament lill-apparat tal-euro diġitali offline tal-prenditur mingħajr ebda intermedjazzjoni ta' kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' pagament jew l-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali***.

Or. en

Emenda 215

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali fuq talba tagħhom jbiddlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn filwaqt li jżommu l-istess ***identifikaturi*** tal-kont.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jippermettu lill-utenti tal-euro diġitali ***online*** fuq talba tagħhom jbiddlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali tagħhom għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn filwaqt li jżommu l-istess ***numru*** tal-kont.

Or. en

Emenda 216

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti bl-euro diġitali għal perjodu ta' żmien twil, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli.	2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jkunx operazzjonalment f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** lil utenti bl-euro diġitali għal perjodu ta' żmien twil, jew ikun tilef id-data kkonċernata relatata mal-kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online***, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jawtorizzaw il-bdil ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' dak il-fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor iddeżinjat mill-utent tal-euro diġitali. Dak il-bdil għandu jippermetti lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament il-ġdid ilesti l-bdil mingħajr ma jibbaża fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pagament indisponibbli.

Or. en

Emenda 217

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bank Ċentrali Ewropew ***jista'*** jiffaċilita l-kompiti ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu skont id-Direttiva 2015/2366 billi jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni ta' frodi għal tranżazzjonijiet online bl-euro biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-	1. Il-Bank Ċentrali Ewropew ***għandu*** jiffaċilita l-kompiti ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament għandhom iwettqu skont id-Direttiva ***(UE)*** 2015/2366 billi jistabbilixxi mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni ta' frodi għal tranżazzjonijiet online bl-euro biex jiżgura l-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tal-

euro diġitali. Dak il-mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jista' jitħaddem direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati mill-Bank Ċentrali Ewropew.	euro diġitali. Dak il-mekkaniżmu ġenerali ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi jista' jitħaddem direttament mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ iddeżinjati mill-Bank Ċentrali Ewropew.
	Or. en

Emenda 218

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi bl-informazzjoni msemmija fl-Anness ***5***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li ***s-servizz*** ta' appoġġ ma ***jkunx jista' jidentifika*** direttament lill-utenti tal-euro diġitali fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi.	4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jipprovdu l-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi bl-informazzjoni msemmija fl-Anness ***V***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li ***l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-fornituri ta' servizzi*** ta' appoġġ ma ***jkunux jistgħu jidentifikaw*** direttament ***jew indirettament*** lill-utenti tal-euro diġitali fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-mekkaniżmu ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tal-frodi.
	Or. en

Emenda 219

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jdaħħal fis-seħħ miżuri ta' sigurtà teknika

tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex jiżgura li l-inċidenza tal-frodi għall-euro diġitali ma tkunx ogħla minn dik osservata għal mezzi diġitali komparabbli ta' pagament, u b'mod speċifiku għall-euro diġitali offline, li l-inċidenza tal-infiq doppju jew tal-falsifikazzjoni ma tkunx ogħla milli għall-flus kontanti.

Or. en

Emenda 220

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, il-paragrafu (7), tar-Regolament (UE) 2022/1925 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828***, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972[47] għandhom jippermettu lill-fornituri ta' servizzi u lill-fornituri ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-karatteristiċi tal-hardware u tas-software neċessarji għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro diġitali, b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, il-paragrafu (7), tar-Regolament (UE) 2022/1925, il-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali ta' apparati mobbli u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[47] għandhom jippermettu lill-fornituri ta' servizzi u lill-fornituri ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali interoperabbiltà effettiva ma' u l-aċċess għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-karatteristiċi tal-hardware u tas-software neċessarji għall-ħżin u għat-trasferiment tad-data għall-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet online jew offline bl-euro diġitali, b'termini ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji.
[47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ĠU L 17.12.2018, p. 36.	[47] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, ***(***ĠU L 17.12.2018, p. 36***)***.

Or. en

Emenda 221

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ipproċessar mill-forniturи ta' servizzi ta' pagament	Ipproċessar ***ta' data personali*** mill-forniturи ta' servizzi ta' pagament

Or. en

Emenda 222

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-infurzar ta' limiti, inkluża l-verifika ta' jekk utenti tal-euro diġitali prospettivi jew eżistenti għandhomx kontijiet bl-euro diġitali ma' ***PSP ieħor***, kif imsemmi fl-Artikolu 16;	(a) l-infurzar ta' limiti, inkluża l-verifika ta' jekk utenti tal-euro diġitali prospettivi jew eżistenti għandhomx ***apparat tal-euro diġitali offline jew*** kontijiet bl-euro diġitali ma' ***fornituri ta' servizzi ta' pagamenti oħra***, kif imsemmi fl-Artikolu 16;

Or. en

Emenda 223

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-finanzjament u d-definanzjament kif imsemmijin fl-Artikolu 13(2) ***u*** (3), u t-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro	(b) il-finanzjament u d-definanzjament kif imsemmijin fl-Artikolu 13(2) ***sa*** (3), u t-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro

diġitali kif imsemmijin fl-Artikolu 13(4);	diġitali kif imsemmijin fl-Artikolu 13(4);

Or. en

Emenda 224

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-forniment tal-euro diġitali offline***, inkluż r-reġistrazzjoni u t-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-apparati għall-ħżin lokali*** kif ***imsemmijin fl-ittra (b)*** tal-Anness I;	(c) il-forniment tal-euro diġitali offline kif ***imsemmi fil-punt (c)*** tal-Anness I;

Or. en

Emenda 225

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a) sa (c), ta' dan l-Artikolu, l-Anness ***III*** jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.	2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(a) sa (c), ta' dan l-Artikolu, l-Anness ***V*** jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.

Or. en

Emenda 226

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness ***III***.	Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness ***V***.

Or. en

Emenda 227

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizz ta' pagament wieħed ikun marbut ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ta' servizz ta' pagament ieħor f'konformità mal-Artikolu 13(4), dawn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ikunu kontrolluri konġunti.	Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** miżmum minn fornitur ta' servizz ta' pagament wieħed ikun marbut ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ta' servizz ta' pagament ieħor f'konformità mal-Artikolu 13(4), dawn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ikunu kontrolluri konġunti.

Or. en

Emenda 228

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tiddentifikax*** direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali.	4. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżguraw li kwalunkwe data kkomunikata lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-banek ċentrali nazzjonali jew lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ ma ***tidentifikax*** direttament ***jew indirettament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali ***jew li ma***

torbothomx ma' tranżazzjonijiet speċifiċi.

Or. en

Emenda 229

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-forniment ta' aċċess għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament għall-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali u l-appoġġ għall-iskambju ta' messaġġi bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament;	(a) il-forniment ta' aċċess għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament għall-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali ***online*** u l-appoġġ għall-iskambju ta' messaġġi bejn il-fornituri ta' servizzi ta' pagament;

Or. en

Emenda 230

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-forniment ta' aċċess għall-utenti tal-euro diġitali online għas-servizzi front-end tal-Bank Ċentrali Ewropew;

Or. en

Emenda 231

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-salvagwardja tas-sigurtà u tal-integrità tal-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali u tal-apparati għall-ħżin	(c) is-salvagwardja tas-sigurtà***, tar-reżiljenza*** u tal-integrità tal-infrastruttura għas-saldu bl-euro diġitali ***tal-kontijiet tal-***

lokali;	***euro diġitali online*** u tal-apparati għall-ħżin lokali ***għall-apparati tal-euro diġitali offline***;

Or. en

Emenda 232

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-appoġġ għall-verifika mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament ta' jekk utent prospettiv għandux diġà kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' pagament sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-limiti f'konformità mal-Artikolu 16;	(d) l-appoġġ għall-verifika mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament ta' jekk utent prospettiv għandux diġà kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' pagament sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-limiti f'konformità mal-Artikolu 16;

Or. en

Emenda 233

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) f'ċirkostanzi eċċezzjonali kif definiti fl-Artikolu 31(2), l-awtorizzazzjoni lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex ibiddlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali miżmumin ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn dežinjati mill-utent tal-euro diġitali.	(e) f'ċirkostanzi eċċezzjonali kif definiti fl-Artikolu 31(2), l-awtorizzazzjoni lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament sabiex ibiddlu l-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online*** miżmumin ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament għal fornituri ta' servizzi ta' pagament oħrajn dežinjati mill-utent tal-euro diġitali ***online***.

Or. en

Emenda 234

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness ***IV*** jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.	2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness ***VI*** jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.

Or. en

Emenda 235

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness ***IV***.	3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness ***VI***.

Or. en

Emenda 236

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw	4. Id-data personali pproċessata għall-kompiti msemmijin fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan għandu jinkludi s-segregazzjoni ċara tad-data personali sabiex jiġi żgurat li l-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ma jkunux jistgħu jidentifikaw

direttament lil utenti individwali tal-euro diġitali.	direttament ***jew indirettament*** lil utenti individwali tal-euro diġitali ***jew jorbtuhom ma' tranżazzjonijiet speċifiċi***.

Or. en

Emenda 237

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 8 ta' dan l-Artikolu. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew iwettaq kompitu msemmi fil-paragrafi 1 u 8 flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, dawn għandhom ikunu kontrolluri konġunti għal dak il-kompitu.	5. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 8 ta' dan l-Artikolu. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew iwettaq kompitu msemmi fil-paragrafi 1 u 8 flimkien mal-banek ċentrali nazzjonali, dawn għandhom ikunu kontrolluri konġunti għal dak il-kompitu.

Or. en

Emenda 238

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li ma jagħtix kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jipproċessa t-tipi ta' data personali msemmijin fl-Anness ***5*** soġġett għar-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.	7. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li ma jagħtix kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jipproċessa t-tipi ta' data personali msemmijin fl-Anness ***VII*** soġġett għar-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 239

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti ***ta' żamma*** f'konformità mal-Artikolu ***16(1)*** u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku ***waħdu jew*** b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness ***4***. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-forniturи ta' servizzi ta' pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali.	8. Għall-finijiet li jiġi appoġġat il-kompitu tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament li jinfurzaw il-limiti f'konformità mal-Artikolu ***16*** u li jiġi żgurat il-qlib ta' emerġenza fuq talba tal-utent f'konformità mal-Artikolu 31(2), il-BĊE jista' jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku b'mod konġunt mal-banek ċentrali nazzjonali ta' identifikaturi diġitali tal-utenti tal-euro u l-limiti diġitali relatati taż-żamma tal-euro kif imsemmi fil-punt (4) tal-Anness ***VI***. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa, li jinkludu miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiżgura li l-identità tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma tkunx tista' tiġi inferita mill-informazzjoni aċċessata permezz tal-punt uniku ta' aċċess minn entitajiet għajr il-forniturи ta' servizzi ta' pagament li l-abbonat jew il-klijent potenzjali tagħhom ikun l-utent tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 240

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ipproċessar mill-forniturи ta' servizzi ta' appoġġ	Ipproċessar ***ta' data personali*** mill-forniturи ta' servizzi ta' appoġġ

Or. en

Emenda 241

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li jagħti l-kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ għandhom jipprovdu servizzi relatati mal-pagamenti fost ***il-PSPs***. F'sitwazzjoni bħal din, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament iwettqu kompitu fl-interess pubbliku, meta jipproċessaw data personali għall-finijiet li ġejjin:	1. Meta l-Bank Ċentrali Ewropew jiddeċiedi li jagħti l-kompiti msemmijin fl-Artikoli 27 u 32 lill-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ, il-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ għandhom jipprovdu servizzi relatati mal-pagamenti fost ***il-fornituri ta' servizzi ta' pagament***. F'sitwazzjoni bħal din, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament iwettqu kompitu fl-interess pubbliku, meta jipproċessaw data personali għall-finijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 242

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness ***V*** jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.	2. Għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, l-Anness ***VII*** jistabbilixxi t-tipi ta' data personali.

Or. en

Emenda 243

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness ***V***.	3. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 sabiex taġġorna t-tipi ta' data personali elenkati fl-Anness ***VII***.

Or. en

Emenda 244

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturи ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament lill-utenti individwali tal-euro diġitali.	4. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jsir biss meta jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex jiġi żgurat li l-forniturи ta' servizzi ta' appoġġ ma jkunux jistgħu jidentifikaw direttament ***jew indirettament*** lill-utenti individwali tal-euro diġitali ***jew jorbtuhom ma' tranżazzjonijiet speċifiċi***.

Or. en

Emenda 245

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-forniturи tas-servizzi ta' appoġġ għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-ħatra mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-operaturi ta' kwalunkwe servizz relatat mal-pagament fost ***il-PSPs*** u l-awditjar tal-livell tal-prestazzjoni tas-servizz mingħajr l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali.	5. Il-forniturи tas-servizzi ta' appoġġ għandhom jitqiesu bħala l-kontrolluri tad-data personali fir-rigward tal-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-ħatra mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-operaturi ta' kwalunkwe servizz relatat mal-pagament fost ***il-forniturи ta' servizzi ta' pagament*** u l-awditjar tal-livell tal-prestazzjoni tas-servizz mingħajr l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali.

Or. en

Emenda 246

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ma għandhiex tinżamm mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew ***mill-banek*** ċentrali ***Ewropej*** u mill-banek ċentrali nazzjonali.	2. Id-data dwar it-tranżazzjonijiet ma għandhiex ***tinkiseb jew*** tinżamm mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jew ***mill-Bank*** Ċentrali ***Ewropew*** u mill-banek ċentrali nazzjonali.

Or. en

Emenda 247

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ***iżommu*** d-data ta' finanzjament u ta' definanzjament għall-ħżin tal-euro diġitali fuq l-istrumenti ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu dak l-Artikolu. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom, fuq talba, jagħmlu dik id-data disponibbli għall-Unità tal-Intelligence Finanzjarja u għal awtoritajiet kompetenti oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 2***(31)*** tar-Regolament ***[jekk jogħġbok daħħal ir-referenza – proposta għar-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus - COM/2021/420 final]***.	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom ***jiksbu u jżommu*** d-data ta' finanzjament u ta' definanzjament għall-ħżin tal-euro diġitali fuq l-istrumenti ta' pagament f'konformità mal-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu dak l-Artikolu. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom, fuq talba, jagħmlu dik id-data disponibbli għall-Unità tal-Intelligence Finanzjarja u għal awtoritajiet kompetenti oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 2***(44)*** tar-Regolament ***2024/1624***.

Or. en

Emenda 248

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-identifikatur tal-apparat ***għall-ħżin lokali għall-pagament offline bl-euro*** diġitali;	(b) l-identifikatur tal-apparat ***tal-euro*** diġitali ***offline***;

Or. en

Emenda 249

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) in-numri tal-kontijiet użati għall-finanzjament u għad-definanzjament.	(d) in-numri ***tal-kontijiet tal-pagament bl-euro diġitali jew*** tal-kontijiet ***tal-pagament bl-euro mhux diġitali*** użati għall-finanzjament u għad-definanzjament.

Or. en

Emenda 250

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali u limiti fuq l-ammonti miżmumin. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39.***	5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** li jistabbilixxu limiti fuq it-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali ***addizzjonali*** u limiti fuq l-ammonti miżmumin ***minħabba kunsiderazzjonijiet tal-AML/CFT minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 16 miksuba minn kunsiderazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja.*** ***Il-limitu fuq l-ammonti miżmumin applikabbli għandu jkun l-aktar baxx ta'***

dawn li ġejjin:

(i) il-limitu stabbilit skont l-Artikolu 16, jew

(ii) kwalunkwe limitu relatat mal-AML/CFT adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 251

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestrinġux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti ***implimentazzjoni*** msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin:	Il-limiti fuq it-tranżazzjonijiet u fuq l-ammonti miżmumin għandhom iqisu l-ħtieġa ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu filwaqt li ma jirrestrinġux mingħajr bżonn l-użu tal-euro diġitali offline bħala mezz ta' pagament. Meta tfassal l-atti ***delegati*** msemmijin fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tqis b'mod partikolari dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 252

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) valutazzjoni tat-theddid, tal-vulnerabbiltajiet u tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu tal-euro diġitali meta jiġi ffinanzjat u ddefinanzjat l-istrument ta' pagament tagħhom;	(a) valutazzjoni tat-theddid, tal-vulnerabbiltajiet u tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu tal-euro diġitali ***offline*** meta jiġi ffinanzjat u ddefinanzjat l-istrument ta' pagament tagħhom ***u l-profil tar-riskju tiegħu meta jintuża fi prossimità fiżika jew permezz ta' link ta' komunikazzjoni diġitali bejn il-***

pagatur u l-prenditur;

Or. en

Emenda 253

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-objettiv li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali bħala strument ta' valuta legali.	(c) l-objettiv li jiġu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-euro diġitali ***offline*** bħala strument ta' valuta legali.

Or. en

Emenda 254

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Atti delegati	***Eżerċizzju tad-delega***

Or. en

Emenda 255

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***33,*** 34 ***u*** 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat minn [id-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***]***.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***3,*** 11, ***16,*** 34***,*** 35***, 36, 37 u 38*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***5 snin mid-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn 9 xhur***

qabel ma jintemm il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Or. en

Emenda 256

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 11, ***33,*** 34 ***u*** 35 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***3,*** 11, ***16,*** 34***,*** 35***, 36, 37 u 38*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 257

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 11, ***33,*** 34 ***u*** 35 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' ***xahar*** min-	6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ***3,*** 11, ***16,*** 34***,*** 35***, 36, 37 u 38*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' ***tliet xhur***

notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***bi tliet xhur*** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 258

Proposta għal regolament
Artikolu 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 39	***imħassar***
Proċedura ta' Kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	

Or. en

Emenda 259

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jirrapporta dwar l-iżvilupp tal-euro diġitali u l-użu tiegħu. Ir-rapport għandu jkopri l-kontribut tal-Bank Ċentrali Ewropew fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,	Għal dak l-għan, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jirrapporta dwar l-iżvilupp tal-euro diġitali u l-użu ***effettiv*** tiegħu. Ir-rapport għandu jkopri l-kontribut tal-Bank Ċentrali Ewropew fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar l-elementi

inkluż dwar l-elementi li ġejjin:	li ġejjin:

Or. en

Emenda 260

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) il-progress li sar fir-rigward tax-xenarju tal-pagamenti tal-Unjoni lejn il-ħolqien ta' strument ta' pagament bl-imnut sovran pan-Ewropew kif imsemmi fl-Artikolu 3;

Or. en

Emenda 261

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) id-data dwar il-frodi, il-falsifikazzjoni u l-infiq doppju u l-paragun tagħha ma' mezzi komparabbli ta' pagament jew ta' flus kontanti, fejn xieraq;

Or. en

Emenda 262

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) il-livell ta' tilwim fost il-fornituri ta' servizzi ta' pagament relatat mal-

	applikazzjoni tal-Ġabra ta' Regoli tiegħu solvut mill-Bank Ċentrali Ewropew u sommarju tat-titjib tal-Ġabra ta' Regoli biex jittejjeb il-funzjonament tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 263

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Qabel il-ħruġ ippjanat tal-euro diġitali u qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-parametri u fl-użu tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 16 jew mill-inqas kull tliet snin wara l-ħruġ tal-euro diġitali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni:	***imħassar***
(a) informazzjoni dwar l-istrumenti sabiex jiġi limitat l-użu tal-euro diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 16 u l-parametri li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun qiegħed jippjana li jadotta fid-dawl tal-ambjent finanzjarju u monetarju prevalenti;	
(b) analiżi dwar kif l-istrumenti u l-parametri msemmijin fil-punt (a) huma mistennijin jilħqu l-objettiv tas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja.	

Or. en

Emenda 264

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sena wara l-ewwel ħruġ tal-euro	3. Sena wara l-ewwel ħruġ tal-euro

diġitali u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li janalizza l-impatt ***tal-parametri u l-użu tal-istrumenti*** msemmijin fl-Artikolu 16 fuq:	diġitali u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li janalizza l-impatt ***tal-limiti*** msemmijin fl-Artikolu 16 fuq:

Or. en

Emenda 265

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) l-istabbiltà finanzjarja;

Or. en

Emenda 266

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fir-Regolament 575/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***.	(b) ir-rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fir-Regolament ***(UE)*** 575/2013.

Or. en

Emenda 267

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru ta' kontijiet bl-euro diġitali li jkunu nfetħu;	(b) in-numru ta' kontijiet bl-euro diġitali li jkunu nfetħu ***u tal-apparati tal-euro diġitali offline li jkunu tqassmu***;

Or. en

Emenda 268

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) in-numru ta' kontijiet ta' pagament tal-euro diġitali li jkunu nfetħu mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fl-Artikolu 14(2) u ***14***(3)**.**	(d) in-numru ta' kontijiet ta' pagament tal-euro diġitali li jkunu nfetħu mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fl-Artikolu 14(2) u (3)***;***

Or. en

Emenda 269

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-proporzjon ta' applikazzjonijiet li ġew miċħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fl-Artikolu 14(2) ***u 14(3)***	***(e)*** il-proporzjon ta' applikazzjonijiet li ġew miċħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament imsemmijin fl-Artikolu 14(2)**.**

Or. en

Emenda 270

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa 3 snin mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk hemmx aċċess suffiċjenti u effettiv għall-euro diġitali fiż-żona tal-euro u aċċettazzjoni suffiċjenti u	3. Sa 3 snin mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk hemmx aċċess suffiċjenti u effettiv għall-euro diġitali fiż-żona tal-euro u aċċettazzjoni suffiċjenti u

effettiva tiegħu.	effettiva tiegħu.

Or. en

Emenda 271

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sa 3 snin mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu effettiv tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 272

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Anness I	Anness I
Servizzi ta' pagament bl-euro diġitali	Servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***offline***
Is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali jikkonsistu:	Is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali ***offline*** jikkonsistu:
(a) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti ***mill-Bank Ċentrali Ewropew*** f'konformità ***mal-Artikolu*** 16;	(a) fl-utenti tal-euro diġitali ***offline*** li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti ***mill-Kummissjoni*** f'konformità ***mal-Artikoli*** 16 ***u 37***;
(b) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jibdew u jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***u jipprovdu lill-utenti diġitali tal-euro diġitali bi strumenti ta' pagament bl-euro diġitali***;	(b) fl-utenti tal-euro diġitali li jkunu jistgħu jibdew u jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***offline***;
(c) ***fil-ġestjoni tal-kontijiet tal-***	(c) ***fil-provvista, iż-żamma u l-ġestjoni***

pagamenti bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali;	***tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' apparati*** tal-euro diġitali ***offline inkluż it-tqassim sigur u l-aġġornamenti għas-software li jikkontrolla l-element sigur***;
(d) fit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' definanzjament f'konformità mal-Artikolu 13; u	(d) fit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' definanzjament f'konformità mal-Artikolu 13; u
(e) fil-forniment ta' servizzi addizzjonali ta' pagament bl-euro diġitali apparti s-servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali skont l-Anness II.	(e) fil-forniment ta' servizzi addizzjonali ta' pagament bl-euro diġitali apparti s-servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali skont l-Anness II.

Or. en

Emenda 273

Proposta għal regolament
Anness Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS Ia
	Servizzi ta' pagament bl-euro diġitali online
	Is-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali online jikkonsistu:
	(a) fl-utenti tal-euro diġitali online li jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet possibbli stabbiliti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16;
	(b) fl-utenti tal-euro diġitali online li jkunu jistgħu jibdew u jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali bi strumenti ta' pagament bl-euro diġitali;
	(c) fil-ġestjoni tal-kontijiet tal-pagamenti bl-euro diġitali online tal-utenti tal-euro diġitali;
	(d) fit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' definanzjament

	f'konformità mal-Artikolu 13; u
	(e) fil-forniment ta' servizzi addizzjonali ta' pagament bl-euro diġitali online apparti s-servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali skont l-Anness IIa.

Or. en

Emenda 274

Proposta għal regolament
Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Anness II	Anness II
Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali	Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali ***offline***
Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi għandhom jikkonsistu:	Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali ***offline*** għal persuni fiżiċi għandhom jikkonsistu:
(a) fil-ftuħ, fiż-żamma u fl-għeluq ta' kont ta' pagament bl-euro diġitali;	
	(aa) fil-provvista ta' servizzi front-end permezz ta' interfaċċa tal-BĊE;
	(ab) fl-aġġornament regolari tas-software tal-BĊE għal apparati tal-euro diġitali offline;
(b) fil-konsultazzjoni dwar bilanċi ***u tranżazzjonijiet***;	(b) fil-konsultazzjoni dwar bilanċi;
(c) fil-finanzjament u fid-definanzjament ***mhux awtomatizzat*** minn kont ***ta' pagament bl-euro*** mhux diġitali;	(c) fil-finanzjament u fid-definanzjament ***manwali*** minn kont ***tal-euro*** mhux diġitali;
	(ca) fid-definanzjament awtomatiku għal kont tal-euro mhux diġitali għan-negozjanti;
	(cb) fil-finanzjament u fid-definanzjament minn/f'kont tal-euro mhux diġitali online;
(d) fil-finanzjament u fid-	(d) fil-finanzjament u fid-

definanzjament minn/fi flus kontanti;

(e) fl-inizjazzjoni u fir-riċeviment ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***permezz ta' strument ta' pagament elettroniku, bl-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali għajr ordnijiet permanenti, fil-każijiet ta' użu li ġejjin***:

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn persuna għal oħra;

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punt tal-interazzjoni, inkluż il-punt tal-bejgħ u l-kummerċ elettroniku;

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punt tal-interazzjoni, inkluż il-punt tal-bejgħ u l-kummerċ elettroniku;

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn gvern għal persuna u minn persuna għal gvern.

(f) fit-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali msemmija fl-Artikolu 13(4) u

(g) fil-forniment ta' mill-inqas strument ta' pagament elettroniku wieħed għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali kif imsemmi fl-ittra (e).

definanzjament minn/fi flus kontanti;

(e) fl-inizjazzjoni u fir-riċeviment ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***offline***:

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***offline*** minn persuna għal oħra;

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***offline*** fil-punt tal-interazzjoni, inkluż il-punt tal-bejgħ u l-kummerċ elettroniku;

(ga) fil-provvista, iż-żamma u l-ġestjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' apparati tal-euro diġitali offline inkluż il-forniment, it-tqassim sigur, l-aġġornamenti għas-software li jikkontrolla l-element sigur f'konformità mal-istandards tekniċi u ta' sigurtà stabbiliti jew iċċertifikati mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Or. en

Emenda 275

Proposta għal regolament
Anness IIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS IIa
	Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali online
	Servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali online għal persuni fiżiċi għandhom jikkonsistu:
	(a) fil-ftuħ, fiż-żamma u fl-għeluq ta' kont ta' pagament bl-euro diġitali;
	(b) fil-provvista ta' servizzi front-end permezz ta' interfaċċa tal-BĊE;
	(c) fl-aġġornament regolari tas-software tal-BĊE għal utenti tal-euro diġitali;
	(d) fil-konsultazzjoni dwar bilanċi u tranżazzjonijiet;
	(e) fil-finanzjament u fid-definanzjament awtomatiċi ta' kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali online miżmumin mal-istess fornitur ta' servizzi ta' pagament minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali;
	(f) fil-finanzjament u fid-definanzjament mhux awtomatizzat minn kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali;

(g) fil-finanzjament u fid-definanzjament minn/f'kont tal-euro diġitali offline;

(h) fil-finanzjament u fid-definanzjament minn/fi flus kontanti;

(i) fl-inizjazzjoni u fir-riċeviment ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali online permezz ta' strument ta' pagament elettroniku, bl-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali għajr ordnijiet permanenti, fil-każijiet ta' użu li ġejjin:

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn persuna għal oħra;

– tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali fil-punt tal-interazzjoni, inkluż il-punt tal-bejgħ u l-kummerċ elettroniku;

(j) fit-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali msemmija fl-Artikolu 13(4); u;

(k) fil-forniment ta' mill-inqas strument ta' pagament elettroniku wieħed għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali kif imsemmi fil-punt (e).

Or. en

Emenda 276

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, inkluż in-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; u	(iii) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online***, inkluż in-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; u

Or. en

Emenda 277

Proposta għal regolament
Anness III – punt 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-identifikatur tal-utent***;*** inkluż l-isem tad-detenturi tal-apparat ***għall-ħżin lokali***; u	(i) l-identifikatur tal-utent***,*** inkluż l-isem tad-detenturi tal-apparat ***tal-euro diġitali offline***; u

Or. en

Emenda 278

Proposta għal regolament
Anness III – punt 3 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-informazzjoni dwar l-apparat ***għall-ħżin lokali***, inkluż l-identifikatur tal-apparat ***għall-ħżin lokali***.	(ii) l-informazzjoni dwar l-apparat ***tal-euro diġitali offline***, inkluż l-identifikatur tal-apparat ***tal-euro diġitali offline***.

Or. en

Emenda 279

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, inkluż in-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; u	(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online***, inkluż in-numru uniku tal-kont ta' pagament bl-euro diġitali; u

Or. en

Emenda 280

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-fini tal-punt (c) tal-Artikolu 35(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għad-data meħtieġa għall-analiżi tal-falsifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali offline: l-informazzjoni dwar l-apparat ***għall-ħżin lokali***, inkluż in-numru tal-apparat ***għall-ħżin lokali***.	3. Għall-fini tal-punt (c) tal-Artikolu 35(1), l-ipproċessar għandu jkun limitat għad-data meħtieġa għall-analiżi tal-falsifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali offline: l-informazzjoni dwar l-apparat ***tal-euro diġitali offline***, inkluż in-numru tal-apparat ***tal-euro diġitali offline***.

Or. en

Emenda 281

Proposta għal regolament
Anness V – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali, inkluż l-identifikatur uniku tal-kont tal-euro diġitali;	(i) l-informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***online***, inkluż l-identifikatur uniku tal-kont tal-euro diġitali;

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Pakkett ta' Munita Unika jwieġeb għad-diġitalizzazzjoni dejjem tiżdied tal-ekonomija, li fiha l-aċċess għall-flus kontanti – bħalissa l-unika forma ta' munita unika disponibbli għaċ-ċittadini – qed tonqos. Ir-Rapporteur jappoġġa dan il-pakkett biex jiġi żgurat li l-euro, fil-forom kollha tiegħu, jibqa' l-pedament ta' ekonomija Ewropea kompetittiva, innovattiva, miftuħa u strateġikament awtonoma. Il-munita unika tal-Ewropa hija aktar milli mezz ta' pagament: hija aspett fundamentali tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

Sabiex jiġi ggarantit aċċess kontinwu għall-bażi monetarja fl-era diġitali, għandha tiġi introdotta verżjoni diġitali tal-munita unika, filwaqt li jissaħħaħ id-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jużaw il-flus kontanti. L-Ewropa jeħtiġilha tindirizza wkoll id-dipendenza żejda tagħha fuq forniturі ta' pagament mhux Ewropej. Rispons Ewropew ġenwin fir-rigward tal-pagamenti huwa meħtieġ biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika fost l-instabbiltà ġeopolitika.

Fl-opinjoni tar-Rapporteur, id-definizzjoni ta' dak ir-rispons hija l-għan ta' din il-proposta. Huwa jiddistingwi b'mod ċar bejn iż-żewġ forom diġitali tal-munita unika aċċessibbli għaċ-ċittadini u għan-negozji.

Minn naħa waħda, l-euro diġitali offline huwa mifhum bħala *verżjoni tokenizzata ta' flus kontanti*, mhux ibbażat fuq kontijiet, iżda li jopera permezz ta' pagamenti "minn apparat għal apparat". Jiggarantixxi l-privatezza, ir-reżiljenza u l-aċċessibbiltà universali anke fi żminijiet ta' falliment tan-network jew ta' kriżi. Billi jiġi maħżun u ttrasferit lokalment fuq apparat sigur, jippreserva d-dritt taċ-ċittadini li jżommu l-bażi monetarja f'kull ċirkostanza. Fil-qosor: flus kontanti diġitali**.**

Min-naħa l-oħra, l-euro diġitali online huwa meqjus bħala *sistema bbażata fuq kontijiet* li tirrikjedi infrastruttura diġitali għas-saldu tal-euro operata permezz tal-BĊE. Min-natura tagħha stess, il-forma online tal-euro diġitali tinvolvi riskji ta' diżintermedjazzjoni tal-bank, telf ta' depożiti, kompetizzjoni diretta ma' soluzzjonijiet ta' pagament privat u, fl-aħħar mill-aħħar, impatt negattiv fuq il-kapaċità ta' finanzjament tan-negozji u l-unitajiet domestiċi Ewropej.

Illum, l-ekosistema tal-pagamenti tal-Ewropa tiffunzjona: iċ-ċittadini jistgħu jħallsu b'mod konvenjenti, u s-sistema hija stabbli. Il-kwistjoni mhijiex waħda ta' funzjonalità, iżda ta' skala, firxa, u dipendenza. Għal aktar minn 20 sena, l-Ewropej kellhom munita komuni iżda mhux sistema ta' pagamenti pan-Ewropea indiġena. Ħafna tranżazzjonijiet għadhom jiddependu fuq forniturі mhux Ewropej, u dan jesponi lill-Ewropa għal riskji teknoloġiċi u ġeopolitiċi. Il-proposti tal-Kummissjoni tal-2023 ippruvaw jindirizzaw dan permezz ta' euro diġitali, iżda minn dak iż-żmien, inizjattivi privati tmexxew il-quddiem u evolvew prijoritajiet tal-Ewropa.

L-emendi tar-Rapporteur joffru rispons varjat, realistiku u aġġornat. Jipproponu l-istabbiliment ta' euro diġitali offline filwaqt li l-verżjoni online ssir kundizzjonali fuq in-nuqqas ta' *soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovrani pan-Ewropej*, li għandha tiġi verifikata mill-Kummissjoni permezz ta' test tas-suq ladarba l-BĊE jikkonkludi l-ħidma preparatorja fuq l-euro diġitali offline tiegħu.

Ir-Rapporteur jisħaq fuq il-pożizzjoni anjostika tiegħu lejn ir-riżultat ta' dan it-test, li minnu huwa jistenna valutazzjoni oġġettiva tal-kapaċità tas-settur privat li jopera, fi skala taż-żona tal-euro, pagamenti minn persuna għal oħra, fil-punt tal-bejgħ u permezz tal-kummerċ elettroniku. Huwa fl-interess tar-Rapporteur li jiċċara li din il-valutazzjoni mill-Kummissjoni ma għandha fl-ebda każ iddewwem il-ħidma preparatorja tal-BĊE jew il-proċess inġenerali.

Dan l-approċċ jipprovdi rispons olistiku, proporzjonat u bbażat fuq l-evidenza, filwaqt li jibbilanċja l-istabbiltà finanzjarja mal-kompetittività fis-sistema tal-pagamenti. Skont dan il-qafas, l-euro diġitali offline jirrappreżenta rispons Ewropew proporzjonat, ħieles minn riskji għall-istabbiltà finanzjarja, u jiżgura s-sovranità tal-pagamenti Ewropej – mingħajr ma jippreġudika l-possibbiltà li s-settur privat jista' jsolvi d-distakki fl-iskala u fid-dipendenza tal-ekosistema Ewropea tal-pagamenti permezz tal-interoperabbiltà.

Bħala konklużjoni, l-emendi tar-Rapporteur għall-istabbiliment tal-euro diġitali huma fformulati biex jiġi żgurat li l-euro diġitali offline jiġi introdott biex tiġi indirizzata l-isfida tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, filwaqt li l-euro diġitali online jsir kundizzjonali fuq in-nuqqas ta' soluzzjoni ta' pagament bl-imnut sovran privat pan-Ewropew. Din il-kundizzjonalità tiżgura li l-euro diġitali jaġixxi bħala xibka ta' sikurezza kontra l-frammentazzjoni tas-suq, mhux bħala ekosistema ta' pagamenti parallela li tfixkel is-soluzzjonijiet privati milli jilħqu skala pan-Ewropea jew tiskoraġġixxi l-innovazzjoni kontinwa.

Xejn f'din il-pożizzjoni ma tpoġġi f'dubju l-importanza tal-iżvilupp tal-euro diġitali bl-imnut, li r-Rapporteur jappoġġa bil-qawwa bħala l-aktar mezz effettiv biex jiġi mmodernizzat is-saldu interbankarju u biex jissaħħu l-effiċjenza transfruntiera u t-trażmissjoni tal-politika monetarja madwar iż-żona tal-euro.

B'mod separat, ir-Rapporteur jittratta dan il-pakkett bħala viżjoni koerenti waħda għall-futur tal-flus fl-Ewropa, mibni fuq tliet pilastri ta' rinfurzar:

- is-salvagwardja tal-universalità u l-aċċess għall-flus kontanti,
- l-introduzzjoni ta' forma diġitali tal-bażi monetarja bl-insegwiment ta' approċċ mgħaġġel iżda kawt li jservi wkoll bħala mezz ta' pagament, u
- li l-forniment transfruntier tiegħu jkun jista' jseħħ b'mod li jirrispetta l-kompetenzi u s-sovranità tal-Istati Membru mhux taż-żona tal-euro u tal-pajjiżi terzi, u jippreserva l-integrità tas-suq uniku.

Il-pakkett ta' Munita Unika jistabbilixxi viżjoni ta' Ewropa adattata għall-era diġitali, u impenjata lejn l-awtonomija strateġika tagħha permezz ta' ftuħ: Ewropa li tmexxi billi tibni l-kapaċitajiet u permezz tas-sovranità u r-reżiljenza mhux billi tagħlaq is-swieq.

Ir-rapporter iqis dan il-pakkett bħala rispons uniku u koerenti għal sfida doppja: Id-dipendenza żejda tal-Ewropa fuq fornituri tal-pagamenti mhux Ewropej u l-ħtieġa li s-sovranità monetarja tiġi ankrata f'suq miftuħ, kompetittiv u innovattiv biex jiġi żgurat li l-Ewropa jkollha s-sinsla tagħha stess tar-reżiljenza tal-pagamenti.

Billi dan l-approċċ huwa l-qalba tal-proposta tar-Rapporteur, huwa jindirizza wkoll diversi tħassib addizzjonali fir-rigward tar-regoli, tal-qafas u tal-aspetti operazzjonali tal-leġiżlazzjoni.

Ir-Rapporteur jiċċara l-qafas skont liema l-fornituri ta' servizzi ta' pagament (PSPs, payment service providers) stabbiliti u ssorveljati fl-Unjoni jistgħu jqassmu l-euro diġitali f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/2366. Il-PSPs għandhom joffru servizzi ta' pagament online u offline bl-euro diġitali lir-residenti u lin-negozji fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, u lil ċerti utenti mhux residenti, taħt kundizzjonijiet definiti.

Japplikaw regoli distinti għall-euro diġitali online u offline. Għall-euro diġitali online, il-PSPs iridu jippermettu lill-utenti jiffinanzjaw u jiddefinanzjaw il-kontijiet tal-euro diġitali tagħhom—b'mod manwali jew awtomatikament – minn jew f'kontijiet tal-euro mhux diġitali, apparati offline jew flus kontanti, fi ħdan limiti bbażati fuq l-istabbiltà finanzjarja. Għall-euro diġitali offline, il-PSPs għandhom jipprovdu funzjonalitajiet ekwivalenti permezz ta' apparati siguri, li jippermettu l-prelevament jew it-tifdija ta' bilanċi mill-utenti u min-negozjanti f'konformità mal-istabbiltà u r-rekwiżiti tal-AML.

L-emendi jistabbilixxu mekkaniżmu ta' definanzjament awtomatiku li jorbot kull kont tal-euro diġitali online ma' kont tal-euro mhux diġitali uniku deżinjat mill-utent, filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-limiti fuq l-ammonti miżmumin u l-kontinwità ta' pagamenti. L-euro diġitali mqassam mill-PSPs għandu jkun konvertibbli b'parità ma' forom oħra ta' flus iddenominati f'euro, u l-utenti għandhom iżommu relazzjoni kuntrattwali ma' PSPs biss, u mhux mal-BĊE jew ma' banek ċentrali nazzjonali. L-utenti jista' jkollhom kont wieħed jew diversi kontijiet online mal-istess PSPs jew ma' PSPs differenti, u l-fornituri jridu jagħmlu l-informazzjoni dwar karatteristiċi u kundizzjonijiet disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas.

Ir-Rapporteur jintroduċi limiti speċifiċi fuq iż-żamma ta' ammonti biex jiżgura li l-euro diġitali qed isservi bħala mezz ta' pagament u li ma jistax jevolvi f'maħżen tal-valur. Il-limiti fuq l-ammonti miżmumin, ikkombinati ma' mekkaniżmi ta' finanzjament u ta' definanzjament, jipprevjenu akkumulu eċċessiv filwaqt li jippermettu l-użu ta' kuljum bla xkiel u s-salvagwardja tar-rwol ta' intermedjazzjoni u tal-istabbiltà finanzjarja tas-settur bankarju.

Il-fiduċja tiddependi wkoll fuq il-ġustizzja. Ir-Rapporteur jistabbilixxi prinċipji dwar tariffi u imposti biex jiġi żgurat li l-PSPs meħtieġa biex iqassmu l-euro diġitali jiġu kkumpensati b'mod

ġust filwaqt li n-negozjanti ma jiġux mitluba tariffi żejda. Minħabba li fiż-żmien tal-ħruġ ma jkunx għad hemm biżżejjed informazzjoni dwar kostijiet unitarji medji jew il-volum totali ta' tranżazzjonijiet tal-euro diġitali, ikun meħtieġ perjodu ta' tranżizzjoni. Matul dak il-perjodu, it-tariffi u l-imposti jkunu bbażati fuq klawżola li "ħadd ma jmur għall-agħar", filwaqt li jiġi żgurat grad għoli ta' proporzjonalità billi jiġu applikati kriterji komparabbli ma' mezz eżistenti ta' pagament f'livell granulari.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jipproponi li jekk, wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin, jintwera li mudell ta' kumpens ibbażat fuq il-kostijiet iwassal għal kostijiet aktar baxxi u effiċjenza u kompetizzjoni akbar fis-swieq tal-pagamenti, u jipprevjeni s-sussidju inkroċjat fil-mudelli tan-negozju tan-negozjant jew fi ħdan l-ekosistema tal-pagamenti Ewropej, il-Kummissjoni għandha tipproporni qafas leġiżlattiv ġdid dwar tariffi u imposti għall-forniment ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.

Ir-Rapporteur jisħaq ukoll fuq il-fatt li ċ-ċittadini jħaddnu l-euro diġitali biss jekk jipproteġi l-privatezza b'mod li jkun effettiv daqs kemm il-flus kontanti jipproteġu l-anonimità. Il-kontrolli tal-AML/CFT għandhom japplikaw fil-livell tal-utent, mhux billi jiġu mmarkati unitajiet diġitali individwali, biex b'hekk tiġi ppreservata l-funġibbiltà u jiġu pprevenuti flus programmabbli jew traċċabbli. Il-BĊE jrid jiżgura wkoll li l-livelli tal-frodi u tal-falsifikazzjoni jibqgħu taħt dawk ta' strumenti komparabbli. Il-privatezza, is-sigurtà u r-reżiljenza teknoloġika huma għaldaqstanti imperattivi tad-disinn, mhux karatteristiċi fakultattivi.

Iż-żewġ proposti ta' akkumpanjament jikkompletaw dan il-qafas. Ir-Regolament dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro jiggarantixxi l-aċċettazzjoni universali u l-aċċess għall-flus kontanti fi proporzjon mad-domanda taċ-ċittadini, filwaqt li jiżgura l-inklużjoni finanzjarja u r-reżiljenza. Il-koordinazzjoni tiegħu mar-Regolament dwar l-euro diġitali hija essenzjali biex tiġi evitata kwalunkwe perċezzjoni ta' sostituzzjoni. Ir-Regolament dwar il-forniment ta' servizzi tal-euro diġitali fi Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro jipprovdi d-dimensjoni esterna, u jippermetti lill-PSPs f'dawk il-pajjiżi joffru servizzi diġitali b'kundizzjonijiet li jirrispettaw il-prerogattivi nazzjonali u l-integrità tas-suq uniku.

Fil-qosor, il-proposta tar-Rapporteur tirrikonoxxi li s-sovranità teknoloġika fil-pagamenti ma tistax tiġi lleġiżlata; trid tirriżulta mill-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u l-fiduċja. Billi jipprijoritizza l-infrastrutturi privati Ewropej, il-Pakkett ta' Munita Unika jissalvagwardja kemm l-istabbiltà tal-euro kif ukoll il-kompetittività tal-Ewropa. Jimmodernizza l-munita unika mingħajr ma jittrasformaha f'monopolju ta' pagament pubbliku.